Parlament Ewropew

2014-2019

Dokument ta' sessjoni

A8-0358/2018

7.11.2018

RAPPORT INTERIM

dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' ftehim
(COM(2018)0322 – C8-0000/2018 – 2018/0166R(APP))

Kumitat għall-Baġits

Co-Rapporteurs: Jan Olbrycht, Isabelle Thomas, Janusz Lewandowski, Gérard Deprez

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI 59

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI 73

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP 80

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA 86

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI 92

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI 98

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI 103

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU 109

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI 114

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN 123

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT 128

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI 138

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL 144

ITTRA tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern 149

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI 152

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI 153

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' ftehim
(COM(2018)0322 – C8-0000/2018 – 2018/0166R(APP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 bit-titolu "Baġit Modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" (COM(2018)0321),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2018)0322), u l-proposti tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (COM(2018)0325, COM(2018)0326, COM(2018)0327 u COM(2018)0328),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (COM(2011)0323),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri (COM(2018)0324),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar "il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020" u dwar "riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea"[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji[2],

– wara li kkunsidra r-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi min-naħa tal-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2016[3] u tal-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2016[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-25 ta' Settembru 2015, bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016,

[1] Testi adottati, P8_TA(2018)0075 u P8_TA(2018)0076.
[2] Testi adottati, P8_TA(2018)0226.
[3] ĠU C 215, 19.6.2018, p. 249.
[4] ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat għall-Baġits, l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali kif ukoll l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-358/2018),

A. billi, skont l-Artikolu 311 tat-TFUE, l-Unjoni jeħtiġilha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi neċessarji sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha u twettaq il-politiki tagħha;

B. billi l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020 attwali ġie stabbilit, għall-ewwel darba, f'livell aktar baxx mill-predeċessur tiegħu, f'termini kemm tal-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll dawk ta' pagament; billi l-adozzjoni tardiva tal-QFP u tal-atti leġiżlattivi settorjali ħalliet impatt negattiv ħafna fuq l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda;

C. billi l-QFP malajr wera l-inadegwatezza tiegħu biex jagħti risposta għal serje ta' kriżijiet, impenji internazzjonali ġodda u sfidi politiċi ġodda li ma kinux ġew integrati u/jew antiċipati fil-mument tal-adozzjoni; billi, bl-għan li jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ, il-QFP iġġebbed sal-limiti tiegħu, inkluż rikors mingħajr preċedent għad-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà u għall-istrumenti speċjali, wara li ntużaw bis-sħiħ il-marġni disponibbli; billi programmi ta' prijorità għolja tal-UE dwar ir-riċerka u l-infrastruttura saħansitra tneħħew sentejn biss wara l-adozzjoni tagħhom;

D. billi ntwera li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP li tnediet fit-tmiem tal-2016 kienet imperattiva biex jitwessa' l-potenzjal tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-flessibbiltà, filwaqt li naqset milli tirrevedi l-limiti massimi tal-QFP; billi din ir-reviżjoni ġiet ivvalutata b'mod pożittiv kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kunsill;

E. billi l-istabbiliment tal-QFP il-ġdid se jkun mument kruċjali għall-Unjoni ta' 27 Stat Membru, għaliex se jipprovdi l-possibbiltà li tiġi approvata viżjoni komuni u fit-tul u li tittieħed deċiżjoni dwar il-prijoritajiet politiċi futuri kif ukoll dwar il-kapaċità tal-Unjoni biex twettaqhom; billi l-QFP tal-2021-2027 għandu jipprovdi lill-Unjoni r-riżorsi meħtieġa biex issaħħaħ it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, ir-riċerka u l-innovazzjoni, tirresponsabilizza liż-żgħażagħ, tindirizza b'mod effikaċi l-isfidi tal-migrazzjoni, tiġġieled kontra l-qgħad, il-faqar persistenti u l-esklużjoni soċjali, tqawwi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, tindirizza s-sostenibbiltà, it-telf ta' bijodiversità u t-tibdil fil-klima,

[1] ĠU C 242, 10.7.2018, p. 24.

issaħħaħ is-sigurtà u d-difiża tal-UE, tipproteġi l-fruntieri esterni tagħha u ssostni lill-pajjiżi ġirien;

F. billi, fid-dawl tal-isfidi globali li l-Istati Membri ma jistgħux jegħlbu waħedhom, għandu jkun possibbli li jiġu rikonoxxuti l-beni komuni Ewropej u determinati s-setturi li fihom l-infiq ikun aktar effikaċi fil-livell Ewropew milli fil-livell nazzjonali, bil-għan li jiġu trasferiti r-riżorsi finanzjarji korrispondenti għal-livell tal-Unjoni u, għaldaqstant, li tissaħħaħ l-importanza strateġika tal-Unjoni mingħajr ma tiżdied neċessarjament in-nefqa pubblika kumplessiva;

G. billi fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat sensiela ta' proposti leġiżlattivi dwar il-QFP tal-2021-2027 u dwar ir-riżorsi proprji tal-UE, segwiti minn proposti leġiżlattivi għall-istabbiliment ta' programmi u strumenti ġodda tal-UE;

1. Jenfasizza li l-QFP tal-2021-2027 irid jiggarantixxi r-responsabbiltà u l-kapaċità tal-Unjoni li taqdi l-bżonnijiet emerġenti, l-impenji internazzjonali l-ġodda u tilqa' għall-isfidi addizzjonali, u tilħaq il-prijoritajiet u l-objettivi politiċi tagħha; jindika l-problemi serji marbuta mal-finanzjament baxx tal-QFP tal-2014-2020 u jtenni l-ħtieġa li tiġi evitata ripetizzjoni tal-iżbalji preċedenti billi mill-bidu nett jiġi żgurat baġit qawwi u kredibbli tal-UE għall-benefiċċju taċ-ċittadini matul il-perjodu tas-seba' snin li jmiss;

2. Jikkunsidra li l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-QFP tal-2021-2027 u s-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni jirrappreżentaw il-punt tat-tluq għan-negozjati li jmiss; jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar dawn il-proposti, b'antiċipazzjoni tal-mandat ta' negozjar tal-Kunsill li għadu mhuwiex disponibbli;

3. Jissottolinja li l-proposta tal-Kummissjoni li tirrigwarda l-livell globali tal-QFP li jmiss, stabbilit f'1,08 % tal-ING tal-UE-27 (1,11 % wara l-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp), tirrappreżenta, f'termini ta' perċentwal tal-ING, tnaqqis f'termini reali meta mqabbel mal-QFP attwali; jikkunsidra li l-livell tal-QFP propost mhux se jippermetti lill-Unjoni tonora l-impenji politiċi tagħha u tagħti risposta għall-isfidi importanti li għandha quddiemha; għandu, għalhekk, il-ħsieb li jinnegozja ż-żieda meħtieġa;

4. Jistqarr, barra minn hekk, l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe tnaqqis fil-livell tal-politiki konsolidati tal-UE, bħall-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-politika agrikola komuni (PAK); jopponi b'mod partikolari kwalunkwe tnaqqis radikali li se jħalli impatt negattiv fuq in-natura u l-objettivi stess ta' dawn il-politiki, bħat-tnaqqis propost għall-Fond ta' Koeżjoni jew għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jopponi, f'dan il-kuntest, il-proposta li jitnaqqas il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) minkejja l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu, u l-integrazzjoni tal-erba' programmi soċjali fis-seħħ, partikolarment l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;

5. Jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-prinċipji orizzontali li għandhom jirfdu l-QFP u l-politiki relatati kollha tal-UE; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha tonora l-impenn tagħha biex tkun minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u jiddeplora n-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli għal dak il-għan fil-proposti tal-QFP; jitlob, għalhekk, l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-politiki u fl-inizjattivi kollha tal-UE tal-QFP li jmiss;

jenfasizza barra minn hekk li l-programmi kollha fl-ambitu tal-QFP li jmiss għandhom ikunu konformi mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jisħaq fuq l-importanza li jintlaħqu l-objettivi rigward il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni, anki fil-konfront tal-persuni LGBTI, u l-ħolqien ta' portafoll għall-minoranzi, fosthom ir-Rom, li dawn l-aspetti kollha huma indispensabbli biex jiġu rispettati l-impenji li daħlet għalihom l-UE biex toħloq Ewropa inklużiva; jissottolinja li, biex tirrispetta l-obbligi tagħha fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi, il-kontribut tal-UE biex tilħaq l-objettivi tal-klima għandu jilħaq tal-anqas il-25 % tan-nefqa fil-perjodu tal-QFP 2021-2027, u jiżdied mill-aktar fis possibbli, u sa mhux aktar tard mill-2027, għal 30 %;

6. Jiddispjaċih, f'dan il-kuntest, li, minkejja d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri mehmuża mar-Regolament dwar il-QFP 2014-2020, ma sarx progress sinifikanti f'dan l-ambitu u li l-Kummissjoni ma qisitx l-implimentazzjoni tagħha waqt ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP; jiddispjaċih ħafna li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri ngħatat għalkollox il-ġenb fil-proposta marbuta mal-QFP u jiddeplora n-nuqqas ta' għanijiet, rekwiżiti u indikaturi ċari fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-proposti dwar il-politiki rilevanti tal-UE; jitlob li l-proċeduri baġitarji annwali jevalwaw u jintegraw l-impatt globali tal-politiki tal-UE fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru); jistenna li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni juru impenn imġedded favur l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-QFP li jmiss, b'monitoraġġ effikaċi tal-implimentazzjoni tagħha anki waqt ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP;

7. Jissottolinja li l-QFP li jmiss għandu jissejjes fuq aktar obbligu ta' rendikont, semplifikazzjoni, viżibbiltà, trasparenza u fuq il-baġitjar abbażi tal-prestazzjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-bżonn li l-infiq futur ikun aktar iċċentrat fuq il-prestazzjoni u r-riżultati, fuq il-bażi ta' objettivi ta' prestazzjoni rilevanti u ta' definizzjoni komprensiva u kondiviża tal-valur miżjud Ewropew; jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-prinċipji orizzontali hawn fuq imsemmija, tissemplifika l-obbligu ta' rapportar tal-prestazzjoni, testendih għal approċċ kwalitattiv li jinkludi indikaturi ambjentali u u soċjali u tippreżenta b'mod ċar l-informazzjoni dwar l-isfidi ewlenin li l-UE għad trid tegħleb;

8. Huwa konxju tal-isfidi serji li magħhom l-Unjoni qiegħda tħabbat wiċċha u jassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltà tiegħu biex jiżgura, fi żmien xieraq, baġit li jkun proporzjonat għall-ħtiġijiet, l-aspettattivi u t-tħassib taċ-ċittadini tal-UE; huwa lest li jidħol minnufih f'negozjati mal-Kunsill, sabiex itejjeb il-proposti tal-Kummissjoni u jfassal QFP realistiku;

9. Ifakkar li l-pożizzjoni tal-Parlament diġà hija stabbilita b'mod ċar fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Marzu u tat-30 ta' Mejju 2018, li jikkostitwixxu l-pożizzjoni politika tiegħu għall-QFP tal-2021-2027 u għar-riżorsi proprji; ifakkar li dawn ir-riżoluzzjonijiet ġew adottati b'maġġoranzi kbar ħafna, li juru l-unità u t-tħejjija tal-Parlament għan-negozjati li ġejjin;

10. Jistenna, għalhekk, li l-QFP jingħata prijorità assoluta fl-aġenda politika tal-Kunsill u jiddispjaċih li sa issa ma ġie osservat l-ebda progress sinifikanti; jemmen li l-laqgħat regolari bejn il-presidenzi suċċessivi tal-Kunsill u t-tim tan-negozjati tal-Parlament għandhom ikunu intensifikati u jwittu t-triq għal negozjati uffiċjali; jistenna li jintlaħaq

ftehim pożittiv qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, sabiex jiġi evitat li t-tnedija tal-programmi l-ġodda tiġi ostakolata minħabba l-adozzjoni tardiva tal-qafas finanzjarju, kif ġara fil-passat; jissottolinja li dan il-kalendarju se jippermetti lill-Parlament Ewropew, li jkun għadu kif ġie elett, jaġġusta l-QFP tal-2021-2027 matul ir-reviżjoni obbligatorja ta' nofs it-terminu;

11. Ifakkar li d-dħul u n-nefqa għandhom jiġu ttrattati bħala pakkett wieħed fin-negozjati li jmiss; jenfasizza, għalhekk, li ma jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar il-QFP tal-futur mingħajr ma jsir progress korrispondenti fuq ir-riżorsi proprji l-ġodda tal-Unjoni;

12. Jenfasizza li l-elementi kollha tal-pakkett tal-QFP/riżorsi proprji, u b'mod partikolari ċ-ċifri tal-QFP, għandhom jibqgħu fuq il-mejda tan-negozjati sakemm jintlaħaq ftehim definittiv; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-pożizzjoni kruċjali tal-Parlament dwar il-proċedura li twassal għall-adozzjoni tar-Regolament attwali tal-QFP u r-rwol dominanti li l-Kunsill Ewropew assuma f'dan il-proċess billi jieħu deċiżjoni b'mod irrevokabbli dwar għadd ta' elementi, inklużi l-limiti massimi tal-QFP u diversi dispożizzjonijiet settorjali relatati mal-politika li jiksru kemm l-ispirtu kif ukoll l-ittra tat-trattati; huwa partikolarment imħasseb dwar il-fatt li l-ewwel elementi tal-hekk imsejħa "kaxex ta' negozjar" tal-QFP imħejjija mill-Presidenza tal-Kunsill isegwu l-istess loġika u fihom kwistjonijiet li għandhom ikunu suġġetti għal proċedura ta' kodeċiżjoni bejn il-Kunsill u l-Parlament fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni relatat mal-ħolqien ta' programmi ġodda tal-UE; biħsiebu, għaldaqstant, jadatta l-istrateġija tiegħu f'dan is-sens;

13. Iqis li r-rekwiżit ta' unanimità għall-adozzjoni u għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-QFP jirrappreżenta impediment reali għall-proċess; jitlob li l-Kunsill Ewropew jattiva l-klawsola passerelle prevista fl-Artikolu 312(2) tat-TFUE ħalli l-Kunsill jitħalla jadotta r-Regolament dwar il-QFP b'maġġoranza kwalifikata;

14. Jadotta din ir-riżoluzzjoni bil-għan li jiddeskrivi l-mandat ta' negozjar tiegħu dwar kull aspett tal-proposti tal-Kummissjoni, inklużi emendi konkreti kemm għar-Regolament propost dwar il-QFP kif ukoll għall-Ftehim Interistituzzjonali (FII); jippreżenta, barra minn hekk, tabella biċ-ċifri għal kull politika u programm tal-UE, fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet tal-Parlament li diġà ġew adottati f'riżoluzzjonijiet preċedenti relatati mal-QFP; jenfasizza li dawn iċ-ċifri se jagħmlu parti wkoll mill-mandat tal-Parlament għan-negozjati leġiżlattivi li jmiss li jwasslu għall-adozzjoni tal-programmi tal-UE għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2027;

A. TALBIET RELATATI MAL-QFP

15. Jitlob, għalhekk, li l-Kunsill iqis b'mod xieraq il-pożizzjonijiet li ġejjin tal-Parlament, bil-għan li jinkiseb riżultat pożittiv fin-negozjati tal-QFP tal-2021-2027 u li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament f'konformità mal-Artikolu 312 tat-TFUE;

Ċifri

16. Jikkonferma mill-ġdid il-pożizzjoni formali tiegħu li l-livell tal-QFP tal-2021-2027 għandu jiġi ffissat għal EUR 1 324,1 biljun fi prezzijiet tal-2018, li jirrappreżenta 1,3 %

tal-ING tal-UE-27, sabiex jiġi żgurat il-livell ta' finanzjament meħtieġ għal politiki ewlenin tal-UE li se jippermettulhom iwettqu l-missjoni u l-objettivi tagħhom;

17. Jitlob, f'dan il-kuntest, li dan il-livell ta' finanzjament li ġej ikun garantit għall-programmi u għall-politiki tal-UE, ippreżentat f'ordni li jirrifletti l-istruttura tal-QFP, kif ipproponiet il-Kummissjoni, u riprodott fit-tabella dettaljata (Annessi III u IV ta' din ir-riżoluzzjoni); jitlob li l-limiti massimi tal-impenji u tal-pagamenti rilevanti jiġu aġġustati f'dan is-sens, kif stabbilit fl-Anness 1 ta' din ir-riżoluzzjoni:

    i. jiżdied il-baġit għal Orizzont Ewropa biex jilħaq EUR 120 biljun fi prezzijiet tal-2018;
    ii. tiżdied l-allokazzjoni għall-Fond InvestEU sabiex tirrifletti aħjar il-livell tal-2014-2020 tal-istrumenti finanzjarji integrati fil-programm il-ġdid;
    iii. jiżdied il-livell ta' finanzjament għall-infrastrutturi tat-trasport permezz tal-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE-Trasport);
    iv. jirdoppja l-finanzjament speċifiku għall-SMEs (meta mqabbel ma' COSME) fi programm ta' suq uniku, bil-għan li jiżdied l-aċċess tagħhom għas-swieq, jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' negozju u l-kompetittività tal-impriżi, u tkun promossa l-imprenditorija;
    v. ikompli jiżdied il-programm ta' suq uniku biex jiffinanzja objettiv ġdid relatat mas-sorveljanza tas-suq;
    vi. jirdoppja l-livell propost ta' finanzjament għall-programm tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi, u jiżdied il-livell ta' finanzjament għall-programm FISCALIS;
    vii. tiġi introdotta allokazzjoni speċifika favur it-turiżmu sostenibbli;
    viii. ikompli jissaħħaħ il-programm spazjali Ewropew, speċjalment biex jissaħħu l-SSA / GOVSATCOM kif ukoll Copernicus;
    ix. jinżamm il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għall-UE-27 fil-livell tal-baġit tal-2014-2020 f'termini reali;
    x. jirduppjaw ir-riżorsi biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-FSE+ (meta mqabbel mal-programm attwali bl-isem Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ) filwaqt li jiġu żgurati l-effikaċja u l-valur miżjud tal-iskema;
    xi. tiġi introdotta allokazzjoni speċifika (EUR 5,9 biljun) għall-Garanzija għat-Tfal, biex il-faqar fost it-tfal jiġi indirizzat kemm fi ħdan l-UE kif ukoll permess tal-azzjonijiet esterni tagħha;
    xii. jittriplika l-baġit attwali għall-programm Erasmus+;
    xiii. jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' finanzjament għall-programm DiscoverEU (Interrail);
    xiv. jiżdied il-finanzjament attwali għall-programm Ewropa Kreattiva;
    xv. jiżdied il-finanzjament attwali għall-programm "Drittijiet u Valuri" u tiġi introdotta allokazzjoni speċifika għal linja ġdida relatata mal-valuri tal-Unjoni (tal-anqas EUR 500 miljun), b'risq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-valuri fundamentali u d-demokrazija fl-UE fil-livell lokali u f'dak nazzjonali;

xvi. jinżamm il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (PAK) għall-UE-27 fil-livell tal-baġit tal-2014-2020 f'termini reali, filwaqt li jiġi jiddaħħal fil-baġit l-ammont inizjali tar-riżerva agrikola;

jissaħħaħ b'10 % il-livell tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, f'konformità mal-missjoni l-ġdida tiegħu fir-rigward tal-ekonomija blu;

xviii. jirdoppja l-finanzjament attwali għall-programm Life+, inklużi pakketti ddedikati għall-bijodiversità u għall-ġestjoni tan-netwerk Natura 2000;

xix. tiġi introdotta allokazzjoni speċifika (EUR 4,8 biljun) għal Fond għal Tranżizzjoni Enerġetika Ġusta ġdid biex jindirizza l-impatti soċjetali, soċjoekonomiċi u ambjentali fuq il-ħaddiema u l-komunitajiet milquta negattivament mit-tranżizzjoni mid-dipendenza mill-faħam u mill-karbonju;

xx. jissaħħaħ/jissaħħu l-istrument(i) li jappoġġja(w) il-politiki tal-viċinat u tal-iżvilupp (EUR 3,5 biljun) sabiex ikompli jingħata kontribut biex jiġi ffinanzjat pjan ta' investiment għall-Afrika;

xxi. jerġa' jinġieb tal-anqas il-livell tal-2020 għall-aġenziji kollha, filwaqt li jiġi difiż il-livell ogħla propost mill-Kummissjoni, anki għall-aġenziji li ġewlhom fdati kompetenzi u responsabbiltajiet ġodda, u li jintalab approċċ komprensiv rigward il-finanzjament permezz tat-tariffi;

xxii. jinżamm il-livell tal-finanzjament 2014-2020 għal bosta programmi tal-UE (eż. dwar id-diżattivazzjoni nukleari, il-kooperazzjoni mal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej), anki għal dawk li għalihom saru proposti għal fużjoni fi programmi akbar (eż. dwar l-assistenza għal dawk l-aktar fil-bżonn, is-saħħa, id-drittijiet tal-konsumatur) u għal dawk li għalihom il-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta b'hekk tnaqqis f'termini reali;

xxiii. jiġu ffissati, suġġett għall-bidliet imsemmijin hawn fuq, il-pakketti finanzjarji tal-programmi l-oħrajn kollha fil-livell propost mill-Kummissjoni, anki għall-FNE-Enerġija, għall-FNE-Diġitali, għall-programm Ewropa Diġitali, għall-Fond Ewropew għad-Difiża u għall-għajnuna umanitarja;

18. Għandu l-ħsieb li jiżgura livell ta' finanzjament suffiċjenti abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni għall-"Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" (intestatura 4) u s-"Sigurtà u Difiża" li tinkludi r-Rispons għall-Kriżijiet (intestatura 5); jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li ilu jħaddan skont liema l-prijoritajiet politiċi addizzjonali għandhom jingħaqdu flimkien ma' mezzi finanzjarji addizzjonali, sabiex ma ssirx ħsara għall-politiki u għall-programmi eżistenti u għall-finanzjament tagħhom skont il-QFP il-ġdid;

19. Għandu l-ħsieb li jiddefendi l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iżgurar ta' livell suffiċjenti ta' finanzjament għal amministrazzjoni pubblika Ewropea b'saħħitha, effiċjenti u ta' kwalità għolja għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej kollha; ifakkar li, matul il-QFP attwali, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji deċentralizzati tal-UE implimentaw tnaqqis ta' 5 % fil-persunal u jemmen li dawn ma għandhom ikunu suġġetti għall-ebda tnaqqis ieħor li jostakola b'mod dirett ir-realizzazzjoni tal-politiki tal-Unjoni; itenni, għal darb'oħra, l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għar-ripetizzjoni tal-hekk imsejħa riżerva ta' riallokazzjoni għall-aġenziji;

20. Huwa determinat li jevita kriżi oħra tal-pagamenti fl-ewwel snin tal-QFP tal-2021-2027, kif kien il-każ matul il-perjodu attwali; iqis li l-limitu massimu kumplessiv tal-pagamenti jrid jieħu kont tal-volum bla preċedenti ta' impenji pendenti fi tmiem l-2020 – li d-daqs stmat tagħhom għadu qiegħed jikber b'mod kostanti minħabba dewmien konsiderevoli fl-implimentazzjoni – li għandhom ikunu saldati fl-ambitu tal-QFP li jmiss; jitlob, għaldaqstant, li l-livell globali tal-pagamenti kif ukoll il-limiti massimi annwali tal-pagamenti, b'mod partikolari fil-bidu tal-perjodu, ikunu ffissati f'livell xieraq li jqis din is-sitwazzjoni wkoll; għandu l-ħsieb li jaċċetta biss diskrepanza limitata u ġustifikata tajjeb bejn l-impenji u l-pagamenti għall-QFP li jmiss;

21. Jippreżenta, fuq din il-bażi, tabella fl-Anness III u IV ta' din ir-riżoluzzjoni li tistabbilixxi ċ-ċifri eżatti proposti għal kull politika u programm tal-UE; jiddikjara li, għal finijiet ta' tqabbil, għandu l-ħsieb li jżomm l-istruttura tal-programmi individwali tal-UE kif ġie propost mill-Kummissjoni, mingħajr l-ebda preġudizzju għal bidliet possibbli li jistgħu jintalbu matul il-proċedura leġiżlattiva li twassal għall-adozzjoni ta' dawn il-programmi;

Reviżjoni ta' nofs it-terminu

22. Jissottolinja l-ħtieġa li tinżamm reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, li tibni fuq il-preċedent pożittiv stabbilit fil-qafas attwali, u jitlob li jkun hemm:

    i. reviżjoni ta' nofs it-terminu obbligatorja u ġuridikament vinkolanti, li tkun is-segwitu ta' rieżami tal-funzjonament tal-QFP u li tqis valutazzjoni tal-progress li jsir lejn l-objettiv klimatiku, l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tal-impatt tal-miżuri ta' semplifikazzjoni fuq il-benefiċjarji;
    ii. il-proposta tal-Kummissjoni rilevanti li għandha tiġi ppreżentata fil-ħin utli għal-laqgħa li jmiss tal-Parlament u tal-Kummissjoni biex isir aġġustament sinifikanti tal-qafas tal-2021-2027, u mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2023;
    iii. il-pakketti nazzjonali allokati minn qabel ma għandhomx jitnaqqsu permezz ta' din ir-reviżjoni;

Flessibbiltà

23. Jilqa' pożittivament il-proposti tal-Kummissjoni dwar il-flessibbiltà, li jirrappreżentaw bażi tajba għan-negozjati; jaqbel mal-arkitettura ġenerali tal-mekkaniżmi tal-flessibbiltà fil-QFP tal-2021-2027; jenfasizza li l-istrumenti speċjali għandhom missjonijiet differenti u jirrispondu għal bżonnijiet differenti, u jopponi kull tentattiv ta' fużjoni tagħhom; jappoġġja bil-qawwa d-dispożizzjoni ċara skont liema kemm l-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll dawk ta' pagament li jirriżultaw mill-użu ta' strumenti speċjali għandhom jiddaħħlu fil-baġit oltre l-limiti massimi rilevanti tal-QFP, kif ukoll it-tneħħija ta' kwalunkwe ffissar ta' limitu massimu għall-aġġustamenti li jirriżultaw mill-marġni globali għall-pagamenti; jitlob li jiġi introdott titjib addizzjonali, fost oħrajn, dawn li ġejjin:

    i. ir-rikostituzzjoni tar-riżerva tal-Unjoni b'ammont ekwivalenti għad-dħul li jirriżulta mill-multi u mill-penali;

ii. l-użu mill-ġdid immedjat tad-diżimpenji li jkunu saru matul is-sena n-2, inklużi dawk li jirriżultaw mill-impenji li jkunu saru fil-QFP attwali;

iii. it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-ammonti dekaduti tal-istrumenti speċjali għall-istrumenti speċjali u mhux biss għall-Istrument ta' Flessibbiltà;

iv. allokazzjoni akbar għall-Istrument ta' Flessibbiltà, għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u għall-Marġni ta' Kontinġenza, meta dan tal-aħħar ma jkollux tpaċija obbligatorja.

Tul ta' żmien

24. Jissottolinja l-ħtieġa li t-tul ta' żmien tal-QFP jgħaddi progressivament għal perjodu ta' 5+5, b'reviżjoni ta' nofs it-terminu obbligatorja; jaċċetta li l-QFP li jmiss għandu jkun stabbilit għal perjodu ta' seba' snin bħala soluzzjoni ta' tranżizzjoni li għandha tiġi applikata għall-aħħar darba; jistenna li l-arranġamenti dettaljati marbuta mal-implimentazzjoni ta' qafas 5+5 jiġu approvati f'ħin utli għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP tal-2021-2027;

Struttura

25. Jaċċetta l-istruttura ġenerali ta' seba' intestaturi tal-QFP, kif ġie propost mill-Kummissjoni, li fil-biċċa l-kbira tikkorrispondi għall-proposta tal-Parlament stess; jikkunsidra li din l-istruttura tippermetti aktar trasparenza, ittejjeb il-viżibbiltà tan-nefqa tal-UE, filwaqt li żżomm il-grad meħtieġ ta' flessibbiltà; jaqbel, barra minn hekk, mal-ħolqien ta' "raggruppamenti ta' programmi" li huma mistennija li jwasslu għal semplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni sinifikanti tal-istruttura tal-baġit tal-UE u l-allinjament ċar tagħha mal-intestaturi tal-QFP;

26. Jinnota li l-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas l-għadd ta' programmi tal-UE b'aktar minn terz; jenfasizza li l-pożizzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-istruttura u l-kompożizzjoni tas-37 programm il-ġdid se jkunu ddeterminati matul l-adozzjoni tal-atti leġiżlattivi settorjali rilevanti; jistenna, f'kull każ, li n-nomenklatura proposta tal-baġit tirrifletti l-komponenti differenti kollha ta' kull programm, b'tali mod li jiżgura t-trasparenza u jipprovdi l-livell ta' informazzjoni meħtieġ biex l-awtorità baġitarja tistabbilixxi l-baġit annwali u tissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu;

Unità tal-baġit

27. Jilqa' pożittivament l-integrazzjoni proposta tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-Unjoni, li tagħti tweġiba għal talba li kienet ilha ssir mill-Parlament għall-istrumenti kollha li ma jiġux inklużi fil-baġit; ifakkar li l-prinċipju tal-unità, skont liema l-partiti kollha tad-dħul u tan-nefqa tal-Unjoni jintwerew fil-baġit, huwa kemm rekwiżit tat-Trattat kif ukoll prekundizzjoni bażika tad-demokrazija;

28. Jikkontesta, għalhekk, il-loġika u l-ġustifikazzjoni tal-istabbiliment ta' strumenti barra l-baġit, fatt li jipprevjeni s-sorveljanza parlamentari tal-finanzi pubbliċi u jimmina t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jikkunsidra li d-deċiżjonijiet biex jiġu stabbiliti dawn l-istrumenti jeskludu l-Parlament fir-responsabbiltà tripliċi tiegħu bħala awtorità leġiżlattiva, baġitarja u ta' kontroll; jikkunsidra li, jekk jitqiesu neċessarji eċċezzjonijiet

biex jintlaħqu objettivi speċifiċi, pereżempju permezz ta' strumenti finanzjarji jew fondi fiduċjarji, dawn għandhom ikunu totalment trasparenti, debitament ġustifikati minn addizzjonalità u valur miżjud murija bil-provi, u sostnuti minn proċeduri deċiżjonali sodi u minn dispożizzjonijiet fil-qasam tal-obbligu ta' rendikont;

29. Jenfasizza, madankollu, li l-integrazzjoni ta' dawn l-istrumenti fil-baġit tal-UE ma għandhiex tirriżulta fi tnaqqis tal-finanzjament tal-politiki u tal-programmi l-oħra tal-UE; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi deċiż il-livell globali tal-QFP li jmiss mingħajr ma tiġi kkalkolata l-allokazzjoni ta' 0,03 % tal-ING tal-UE li tikkorrispondi għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, li għandu jiżdied flimkien mal-limiti massimi miftiehma;

30. Jenfasizza li l-limiti massimi tal-QFP ma għandhomx jostakolaw il-finanzjament tal-objettivi politiċi tal-Unjoni permezz tal-baġit tal-Unjoni; jistenna, għalhekk, li tiġi żgurata reviżjoni 'l fuq tal-limiti massimi tal-QFP kull meta tkun meħtieġa għall-finanzjament ta' objettivi politiċi ġodda, mingħajr ma jsir rikors għal metodi ta' finanzjament intergovernattiv;

B. KWISTJONIJIET LEĠIŻLATTIVI

Stat tad-Dritt

31. Jisħaq fuq l-importanza tal-mekkaniżmu l-ġdid li jiżgura r-rispett għall-valuri stipulati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fejn l-Istati Membri li ma jirrispettawhomx għandhom ikunu soġġetti għal konsegwenzi finanzjarji; iwissi, madankollu, li l-benefiċjarji finali tal-baġit tal-Unjoni bl-ebda mod ma għandhom jiġu affettwati mill-fatt li l-gvern tagħhom jinjora d-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt; jissottolinja, għalhekk, li dawn il-miżuri ma għandhomx jaffettwaw l-obbligu tal-entitajiet tal-gvern jew tal-Istati Membri li jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji finali jew lir-riċevituri;

Proċedura leġiżlattiva ordinarja u atti delegati

32. Jisħaq li l-objettivi tal-programm u l-prijoritajiet ta' nfiq, l-allokazzjonijiet finanzjarji, l-eliġibbiltà, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti, il-kundizzjonijiet, id-definizzjonijiet, u l-metodi ta' kalkolu għandhom jiġu determinati fil-leġiżlazzjoni rilevanti, b'osservanza sħiħa tal-prerogattivi tal-Parlament bħala koleġiżlatur; jissottolinja li, meta tali miżuri, li jistgħu jinvolvu għażliet importanti ta' politika, ma jiġux inklużi fl-att bażiku, huma għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati; huwa tal-fehma, f'dan il-kuntest, li l-programmi ta' ħidma pluriennali u/jew annwali b'mod ġenerali għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati;

33. Jiddikjara l-intenzjoni tal-Parlament, kull meta jkun meħtieġ, li jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar il-governanza, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u s-sorveljanza parlamentari, dwar l-għoti ta' setgħa lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lis-sħab tagħhom, kif ukoll dwar l-involviment tal-NGOs u tas-soċjetà ċivili fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi; beħsiebu wkoll itejjeb u jiċċara, fejn meħtieġ, il-koerenza u s-sinerġiji bejn u fi ħdan id-diversi fondi u politiki; jirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar

flessibbiltà fl-allokazzjoni tar-riżorsi fi ħdan ċerti programmi, iżda jisħaq li dan ma għandux isir għad-detriment tal-objettivi ta' politika oriġinali u fit-tul tagħhom, tal-prevedibbiltà u tad-drittijiet tal-Parlament;

Klawżoli ta' rieżami

34. Jindika li fil-programmi u fl-istrumenti individwali tal-QFP għandhom jiġu inklużi klawżoli ta' rieżami dettaljati u effettivi, sabiex jiġi żgurat li jsiru valutazzjonijiet sinifikanti tagħhom u li sussegwentement il-Parlament ikun involut bis-sħiħ f'kull deċiżjoni li tittieħed dwar l-adattamenti meħtieġa;

Proposti leġiżlattivi

35. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti leġiżlattivi rilevanti oltre dawk li diġà ressqet, u b'mod partikolari proposta għal regolament li jistabbilixxi Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija kif ukoll programm speċifiku dwar it-turiżmu sostenibbli; jappoġġja, barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-FSE+, l-integrazzjoni ta' linja ta' valuri speċifika tal-Unjoni fil-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri, kif ukoll reviżjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea; jiddispjaċih li l-proposti rilevanti tal-Kummissjoni ma jinkludux miżuri li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-Artikolu 174 tat-TFUE fir-rigward tar-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, transkonfinali u muntanjużi; jikkunsidra li reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju għandha tiġi proposta wkoll kull meta jkun hemm il-ħtieġa bħala riżultat tan-negozjati tal-QFP;

C. RIŻORSI PROPRJI

36. Jisħaq li s-sistema attwali tar-Riżorsi Proprji hija kumplessa ħafna, mhijiex ġusta u lanqas trasparenti, u hija totalment inkomprensibbli għaċ-ċittadini tal-UE; jitlob għal darb'oħra biex ikun hemm sistema simplifikata li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jifhmu aħjar;

37. Jilqa', f'dan il-kuntest, is-sett ta' proposti tal-Kummissjoni adottati fit-2 ta' Mejju 2018 dwar sistema ġdida ta' Riżorsi Proprji bħala pass importanti lejn riforma aktar ambizzjuża; jistieden lill-Kummissjoni tqis l-Opinjoni Nru 5/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-proposta tal-Kummissjoni dwar is-sistema l-ġdida ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea, li tissottolinja li hemm bżonn ta' kalkolu aħjar u simplifikazzjoni ulterjuri tas-sistema;

38. Ifakkar fil-fatt li l-introduzzjoni ta' Riżorsi Proprji ġodda għandu jkollha għan doppju: l-ewwel nett, biex ikun hemm tnaqqis sostanzjali fil-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING, u t-tieni nett, biex jiġi garantit il-finanzjament adegwat tal-infiq tal-UE taħt il-QFP ta' wara l-2020;

39. Jappoġġja l-modernizzazzjoni ssuġġerita tar-Riżorsi Proprji eżistenti, li timplika li:

   – jinżammu d-dazji doganali bħala Riżorsi Proprji tradizzjonali għall-UE, filwaqt li jitnaqqas il-perċentwal li jżommu l-Istati Membri bħala "kost tal-ġbir" u jmorru lura għar-rata inizjali ta' 10 %;

– tiġi ssimplifikata r-Riżorsa Proprja bbażata fuq it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jiġifieri, tiġi introdotta rata ta' ġbir uniformi mingħajr eċċezzjonijiet;

– tinżamm ir-Riżorsa Proprja bbażata fuq l-ING, bl-għan li s-sehem tagħha fil-finanzjament tal-baġit tal-UE jersaq progressivament lejn 40 %, filwaqt li tinżamm il-funzjoni ta' bilanċ tagħha;

40. Jitlob, skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-introduzzjoni programmata ta' grupp ta' Riżorsi Proprji ġodda li, mingħajr ma jżid il-piż fiskali għaċ-ċittadini, jikkorrispondi għal għanijiet strateġiċi essenzjali tal-UE, li l-valur miżjud Ewropew ta' dawn huwa evidenti u insostitwibbli:

– il-funzjonament tajjeb, il-konsolidazzjoni u t-tisħiħ tas-suq uniku, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) bħala bażi għal Riżorsa Proprja ġdida permezz tal-istabbiliment ta' rata tat-taxxa uniformi fuq id-dħul mill-BKKTK u t-tassazzjoni ta' kumpaniji kbar fis-settur diġitali li tibbenefika mis-suq uniku;

– il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija, permezz ta' miżuri bħal sehem tal-introjtu mill-iskema għan-negozjar ta' emissjonijiet;

– il-ġlieda biex jiġi protett l-ambjent permezz ta' kontribuzzjoni bbażata fuq il-kwantità ta' imballaġġi tal-plastik li ma ġewx riċiklati;

41. Jesiġi l-estensjoni tal-lista ta' Riżorsi Proprji ġodda potenzjali, li għandha tinkludi:

– Riżorsa Proprja bbażata fuq Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF), filwaqt li tappella lill-Istati Membri kollha biex jilħqu ftehim dwar skema effiċjenti;

– l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera bħala Riżorsa Proprja ġdida għall-baġit tal-UE, li għandu jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti fil-kummerċ internazzjonali u jnaqqas id-delokalizzazzjoni tal-produzzjoni, filwaqt li jinternalizza l-kost tat-tibdil fil-klima fil-prezzijiet tal-oġġetti importati;

42. Jesprimi approvazzjoni qawwija tal-abolizzjoni tar-ribassi kollha u mekkaniżmi oħra ta' korrezzjoni, akkumpanjata, f'każ li jkun hemm il-ħtieġa, minn perjodu limitat ta' eliminazzjoni gradwali;

43. Jinsisti fuq l-introduzzjoni ta' dħul ieħor li għandu jikkostitwixxi aktar dħul għall-baġit tal-UE mingħajr ma jinvolvi tnaqqis korrispondenti fil-kontribuzzjonijiet tal-ING:

– multi mħallsa mill-kumpaniji talli jiksru r-regoli tal-Unjoni jew multi għal pagamenti tard tal-kontribuzzjonijiet;

– rikavati minn multi ġġenerati minn sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, inklużi pagamenti ta' somma f'daqqa jew ta' penali imposti fuq l-Istati Membri, li jirriżultaw minn azzjonijiet ta' ksur;

44. Jissottolinja, barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' forom oħra ta' dħul, f'konformità mal-proposti tal-Kummissjoni, fil-każ ta':

– spejjeż marbuta mal-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi li jkunu f'relazzjoni diretta mal-UE, bħas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS);

– sinjoraġġ, fil-forma ta' dħul assenjat, bl-għan li tiġi ffinanzjata Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti;

45. Jindika l-ħtieġa li tinżamm il-kredibbiltà tal-baġit tal-UE fil-konfront tas-swieq finanzjarji, li timplika żieda fil-limiti massimi tar-Riżorsi Proprji;

46. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta biex tindirizza s-sitwazzjoni paradossali li permezz tagħha l-kontribuzzjonijiet mir-Renju Unit għal *reste à liquider* (RAL) qabel l-2021 jidħlu fil-baġit bħala dħul ġenerali, u b'hekk jingħaddu mal-limitu tar-Riżorsi Proprji, filwaqt li dak il-limitu massimu se jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-ING tal-UE-27, fi kliem ieħor mingħajr ir-Renju Unit, ladarba l-pajjiż ikun ħalla l-UE; iqis li l-kontribuzzjonijiet tar-Renju Unit għandhom, għall-kuntrarju, jiġu kkalkulati b'żieda fuq il-limitu tar-Riżorsi Proprji;

47. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-unjoni doganali hija sors importanti tal-kapaċità finanzjarja tal-Unjoni; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-kontroll u l-ġestjoni doganali fl-Unjoni kollha sabiex jiġu evitati u miġġielda l-frodi u l-irregolaritajiet li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

48. Jappoġġja bil-qawwa l-preżentazzjoni ta' proposta mill-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li l-Parlament irid jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan ir-regolament; ifakkar li dan ir-regolament huwa parti integrali mill-pakkett tar-Riżorsi Proprji ppreżentat mill-Kummissjoni, u jistenna li l-Kunsill jindirizza l-erba' testi relatati dwar ir-Riżorsi Proprji bħala pakkett wieħed flimkien mal-QFP;

D. MODIFIKI GĦALL-PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT LI JISTABBILIXXI L-QFP 2021-2027

49. Huwa tal-fehma li l-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 għandha tiġi modifikata kif ġej:

Modifika 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(1) Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju, it-tul ***tal-Qafas*** Finanzjarju Pluriennali (QFP) jenħtieġ li jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021.	(1) Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju ***kif ukoll il-ħtieġa għal-leġittimità demokratika u l-obbligu ta' rendikont***, it-tul ***ta' dan il-Qafas*** Finanzjarju Pluriennali (QFP) jenħtieġ li jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021 ***bil-ħsieb li sussegwentement jinbidel għal perjodu ta' ħames snin li jistgħu jiżdiedu ħames snin oħra miegħu li jkun allinjat maċ-ċiklu politiku tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni***.

Modifika 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(2) ***Il-limiti*** massimi annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn skont il-kategorija tan-nefqa u ***l-limiti*** massimi annwali ***għall-approprazzjonijiet*** ta' pagament ***stabbiliti mill-QFP iridu jirrispettaw il-limiti massimi applikabbli għall-impenji*** u ***r-riżorsi*** proprji, li ***huma stabbiliti skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea adottata skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 311 TFUE***.	(2) ***Il-QFP jenħtieġ li jistabbilixxi limiti*** massimi annwali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn skont il-kategorija tan-nefqa u ***limiti*** massimi annwali ***għall-approprjazzjonijiet*** ta' pagament ***sabiex jiżgura li n-nefqa tal-Unjoni tiżviluppa b'mod ordnat*** u ***fi ħdan il-limiti tar-Riżorsi*** Proprji ***tagħha stess, filwaqt*** li ***jiżgura wkoll li l-Unjoni tkun tista' tipprovdi lilha nfisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-għanijiet tagħha u twettaq il-politiki tagħha f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u tkun tista' tonora l-obbligi tagħha għall-partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 323 tat-TFUE***.

Modifika 3

Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(2a) Il-livell ta' limiti massimi jenħtieġ li jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-ammonti neċessarji għall-iffinanzjar u t-tħaddim tal-programmi u tal-politiki tal-Unjoni kif ukoll skont il-marġni rikjesti li għandhom jitħallew disponibbli għal aġġustamenti għal ħtiġijiet futuri. Barra minn hekk, il-limiti massimi għall-pagamenti jenħtieġ li jikkunsidraw l-ammont kbir ta' impenji pendenti previsti sa tmiem l-2020. Jenħtieġ li jintlaħaq qbil dwar l-ammonti stipulati f'dan ir-Regolament kif ukoll fl-atti bażiċi għall-programmi 2021-2027 fi prezzijiet tal-2018 u, għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u prevedibbiltà, dawn jenħtieġ li jiġu aġġustati fuq il-bażi ta' deflatur fiss ta' 2 % fis-sena.

Modifika 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(3) Jekk ikun neċessarju li jiġu mmobbilizzati l-garanziji mogħtija skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri awtorizzata skont l-Artikolu 208(1)] tar-Regolament Nru UE [xxx/201x] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 17 ('ir-Regolament Finanzjarju'), l-ammont neċessarju jenħtieġ li jiġi mmobbilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-QFP, ***filwaqt*** li ***jiġ rispettat il-limitu*** massimu tar-riżorsi proprji.	(3) Jekk ikun neċessarju li jiġu mmobbilizzati l-garanziji mogħtija skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-assistenza finanzjarja għall-Istati Membri awtorizzata skont l-Artikolu 208(1)] tar-Regolament Nru UE [xxx/201x] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 17 ('ir-Regolament Finanzjarju'), l-ammont neċessarju jenħtieġ li jiġi mmobbilizzat lil hinn mil-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-QFP, ***u għalhekk jenħtieġ*** li ***jitqies meta jkun qed jiġi stabbilit kwalunkwe limitu*** massimu tar-riżorsi proprji.

Modifika 5

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(4) ***L-QFP*** jenħtieġ li ma ***jqisx elementi tal-baġit iffinanzjati mid-dħul assenjat fis-sens tar-Regolament Finanzjarju***.	(4) ***Id-dħul assenjat li jiffinanzja partiti tal-baġit fis-sens tar-Regolament Finanzjarju*** jenħtieġ li ma ***jingħaddx mal-limiti massimi tal-QFP, iżda l-informazzjoni kollha disponibbli jenħtieġ li tintwera bi trasparenza sħiħa matul il-proċedura tal-adozzjoni tal-baġit annwali u matul l-implimentazzjoni tiegħu***.

Modifika 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(6) Jenħtieġ li tiġi ***implimentata*** flessibbiltà ***speċifika u dik massima possibbli*** biex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha f'konformità mal-Artikolu 323 ***tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)***.	(6) Jenħtieġ li tiġi ***żgurata*** flessibbiltà ***massima fi ħdan il-QFP, b'mod partikolari*** biex ***jiġi żgurat li*** l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha f'konformità mal-Artikolu ***311 u*** mal-Artikolu 323 ***tat-TFUE***.

Modifika 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(7) L-istrumenti speċjali li ġejjin huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi mhux previsti jew biex jippermettu l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma tistax tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda	(7) L-istrumenti speċjali li ġejjin huma meħtieġa biex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi speċifiċi mhux previsti jew biex jippermettu l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma tistax tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli għal intestatura waħda

jew aktar kif stabbilit fl-QFP ***sabiex*** il-proċedura baġitarja tkun tista' taħdem mingħajr diffikultà: il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni), l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġni ta' Kontinġenza. ***Ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza mhijiex immirata sabiex tindirizza l-konsegwenzi tal-kriżijiet relatati mas-suq li jaffettwaw il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola.*** Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għall-possibbiltà li jiddaħħlu fil-baġit approprjazzjonijiet ta' impenn, u ***approprazzjonijiet*** ta' pagament li jikkorrispondu magħhom, lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP, fejn ikun meħtieġ li jintużaw strumenti speċjali.	jew aktar kif stabbilit fl-QFP***, biex b'hekk*** il-proċedura baġitarja ***annwali*** tkun tista' taħdem mingħajr diffikultà: il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni ***għall-Impenji***), l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Marġni ta' Kontinġenza. Għalhekk jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi għall-possibbiltà li jiddaħħlu fil-baġit approprjazzjonijiet ta' impenn, u ***approprjazzjonijiet*** ta' pagament li jikkorrispondu magħhom, lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP, fejn ikun meħtieġ li jintużaw strumenti speċjali.

Modifika 8

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(7a) B'mod partikolari, filwaqt li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-impenji awtorizzati mill-awtorità baġitarja jiġu implimentati b'mod effettiv għall-iskop oriġinali tagħhom, jenħtieġ li jkun hemm il-possibbiltà li jiġu mobilizzati l-approprjazzjonijiet ta' impenn li ma kinux ġew eżegwiti jew li ġew diżimpenjati permezz tar-Riżerva tal-Unjoni għall-Impenji, sakemm dan ma jkunx mezz kif il-benefiċjarji jevitaw ir-regoli rilevanti ta' diżimpenn.

Modifika 9

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jitolbu aġġustament tal-QFP. Dawn l-aġġustamenti jistgħu jkunu relatati mal-adozzjoni tard ta' regoli jew programmi b'ġestjoni kondiviża ġodda, jew ***ma' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri adottati*** skont l-atti bażiċi rilevanti.	(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jitolbu aġġustament tal-QFP. Dawn l-aġġustamenti jistgħu jkunu relatati mal-adozzjoni tard ta' regoli jew programmi b'ġestjoni kondiviża ġodda, jew ***mas-sospensjoni tal-impenji baġitarji*** skont l-atti bażiċi rilevanti.

Modifika 10

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(10) ***Huwa neċessarju li jsir*** rieżami tal-funzjonament ***tal-QFP*** f'nofs it-terminu ***tal-implimentazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li jittieħed kont tar-riżultati ta' dan ir-rieżami fi kwalunkwe reviżjoni ta' dan ir-Regolament għall-kumplament tas-snin tal-QFP.***	(10) ***Sabiex jitqiesu l-politiki u l-prijoritajiet il-ġodda, il-QFP jenħtieġ li jiġi rivedut*** f'nofs it-terminu ***abbażi ta'*** rieżami tal-funzjonament ***u tal-implimentazzjoni tal-QFP, li jenħtieġ li jinkludi wkoll rapport li jistabbilixxi l-metodi għall-implimentazzjoni prattika ta' qafas finanzjarju ta' ħames snin li jistgħu jiżdiedu ħames snin oħra miegħu***.

Modifika 11

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
	(10a) Sabiex jitwettaq l-impenn tal-Unjoni li tkun minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, inkluża l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-reviżjoni tal-QFP għandha titħejja b'kunsiderazzjoni tal-progress li jkun sar biex jiġi implimentat fil-politiki u fl-inizjattivi kollha tal-UE tal-QFP 2021-2027, imkejjel abbażi ta' indikaturi tal-prestazzjoni mfassla mill-Kummissjoni, kif ukoll progress fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-attivitajiet kollha tal-UE. Ir-reviżjoni tal-QFP għandha titħejja wkoll b'kunsiderazzjoni tal-progress li sar biex jintlaħaq l-objettiv globali li jingħata kontribut ta' 25 % tan-nefqa tal-UE għall-objettivi relatati mal-klima matul il-perjodu QFP 2021-2027 u biex jintlaħaq l-objettiv annwali ta' 30 % tal-infiq relatat mal-klima, li għandu jinkiseb malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027, imkejjel abbażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni li jagħmlu distinzjoni bejn il-mitigazzjoni u l-adattament. Jenħtieġ li r-reviżjoni tivvaluta wkoll, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati nazzjonali u lokali, jekk il-miżuri ta' simplifikazzjoni adottati fil-fatt kisbux tnaqqis fil-burokrazija għall-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-programmi;

Modifika 12

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
	(12a) In-nefqa kollha fil-livell tal-Unjoni ddedikata għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni abbażi tat-Trattati hija nefqa tal-Unjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 310(1) tat-TFUE, u għalhekk

jenħtieġ li tiddaħħal fil-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 tat-TFUE, li b'hekk tiżgura rispett għall-prinċipji fundamentali tar-rappreżentanza demokratika taċ-ċittadini fit-teħid ta' deċiżjonijiet, is-sorveljanza parlamentari tal-finanzi pubbliċi u t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-limiti massimi tal-QFP ma jistgħux jostakolaw il-finanzjament permezz tal-baġit tal-Unjoni tal-objettivi ta' politika tal-Unjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal reviżjoni 'l fuq tal-QFP kull meta din tkun meħtieġa sabiex tiffaċilita l-finanzjament tal-politika tal-Unjoni, b'mod partikolari objettivi ta' politika ġodda, mingħajr ma jsir rikors għal metodi ta' finanzjament intergovernattivi jew kważi intergovernattivi.

Modifika 13

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(13) Huma meħtieġa wkoll regoli speċifiċi sabiex wieħed jittratta l-proġetti l-kbar tal-infrastruttura li l-ħajja tagħhom tmur sostanzjalment lil hinn mill-perjodu stabbilit għall-QFP. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ammonti massimi għall-kontribuzzjonijiet ***mill-baġit ġenerali tal-Unjoni*** għal dawk il-proġetti biex b'hekk jiġi żgurat li ma ***jkollhom*** l-ebda impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati minn dak il-baġit**.**	(13) Huma meħtieġa wkoll regoli speċifiċi sabiex wieħed jittratta l-proġetti l-kbar tal-infrastruttura li l-ħajja tagħhom tmur sostanzjalment lil hinn mill-perjodu stabbilit għall-QFP. ***Il-finanzjament ta' dawn il-proġetti fuq skala kbira, li huma ta' importanza strateġika għall-Unjoni, jeħtieġ li jiġi żgurat fil-baġit ġenerali tal-Unjoni, iżda*** huwa neċessarju li jiġu stabbiliti ammonti massimi għall-kontribuzzjonijiet ***tiegħu*** għal dawk il-proġetti**,** biex b'hekk jiġi żgurat li ***l-kost żejjed possibbli*** ma ***jkollu*** l-ebda impatt fuq proġetti oħra ffinanzjati minn dak il-baġit***;***

Modifika 14

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(14) Huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal regoli ġenerali dwar kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja.	(14) Huwa neċessarju li jkun hemm dispożizzjoni għal regoli ġenerali dwar ***trasparenza u*** kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja***, li tirrispetta s-setgħat baġitarji tal-istituzzjonijiet kif stabbilit fit-Trattati, sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet baġitarji jittieħdu bl-aktar mod miftuħ possibbli u kemm jista' jkun qrib taċ-ċittadin, kif meħtieġ mill-Artikolu 10(3) tat-TUE, u li l-proċedura baġitarja taħdem mingħajr diffikultà, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 312(3) tat-TFUE***.

Modifika 15

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(15) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2025 ***sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu*** jadottawha kmieni biżżejjed qabel jibda l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. F'konformità mal-Artikolu 312(4) TFUE l-limiti massimi li jikkorrispondu mal-aħħar sena stabbilita f'dan ir-Regolament ikomplu japplikaw fil-każ li qafas ġdid ma jiġix adottat qabel tmiem it-terminu tal-QFP stabbilit f'dan ir-Regolament.	(15) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2025***. Dan il-perjodu ta' żmien se jipprovdi lill-Kummissjoni maħtura l-ġdida biż-żmien meħtieġ biex tfassal il-proposti tagħha, u jippermetti lill-Parlament Ewropew elett mill-elezzjonijiet tal-2024 jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-QFP wara l-2027. Se jippermetti wkoll li l-istituzzjonijiet*** jadottawha kmieni biżżejjed qabel jibda l-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. F'konformità mal-Artikolu 312(4) TFUE l-limiti massimi li jikkorrispondu mal-aħħar sena stabbilita f'dan ir-Regolament ikomplu japplikaw fil-każ li qafas ġdid ma jiġix adottat qabel tmiem it-terminu tal-QFP stabbilit f'dan ir-

Regolament.

Modifika 16

Proposta għal regolament
Kapitolu 1 – Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Ir-Rispett tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji	***Relazzjoni mar-riżorsi*** proprji

Modifika 17

Proposta għal regolament
Kapitolu 1 – Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
4. Għal kull waħda mis-snin koperti mill-QFP, l-approprjazzjonijiet totali għall-ħlasijiet meħtieġa, wara li jsir l-aġġustament annwali u wara li jitqiesu kwalunkwe aġġustamenti jew reviżjonijiet oħra, kif ukoll l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 2, ma jistgħux ikunu tali li jipproduċu rata ta' ġbir tar-riżorsi proprji li taqbeż ***il-limitu massimu*** tar-riżorsi proprji ***stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea adottata skont it-tielet*** paragrafu tal-Artikolu 311 ***TFUE ("id-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji") fis-seħħ***.	4. Għal kull waħda mis-snin koperti mill-QFP, l-approprjazzjonijiet totali għall-ħlasijiet meħtieġa, wara li jsir l-aġġustament annwali u wara li jitqiesu kwalunkwe aġġustamenti jew reviżjonijiet oħra, kif ukoll l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 2, ma jistgħux ikunu tali li jipproduċu rata ta' ġbir tar-riżorsi proprji li taqbeż ***il-limiti*** tar-riżorsi proprji ***tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Unjoni li tipprovdi lilha nfisha l-mezzi neċessarji biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politiki tagħha f'konformità mal-ewwel*** paragrafu tal-Artikolu 311 ***tat-TFUE, u l-obbligu tal-istituzzjonijiet li jiżguraw li jagħmlu l-mezzi finanzjarji disponibbli sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward tal-partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 323 tat-TFUE***.

Modifika 18

Proposta għal regolament
Kapitolu 1 – Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
5. Fejn ikun meħtieġ, il-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għandhom jitbaxxew sabiex tiġi żgurata konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji fis-seħħ.	***imħassar***

Modifika 19

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6, 7 u 8 l-ebda aġġustament tekniku ieħor ma għandu jsir fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korezzjonijiet ex post fis-snin sussegwenti.	***imħassar***

Modifika 20

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
*Aġġustamenti relatati **ma' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri***	*Aġġustamenti relatati **mas-sospensjoni tal-impenji baġitarji***

Modifika 21

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Fil-każ tat-tneħħija, skont l-atti bażiċi rilevanti, ta' sospensjoni ta' impenji baġitarji ***dwar fondi tal-Unjoni fil-kuntest ta' miżuri marbuta mal-governanza ekonomika tajba jew mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri***, l-ammonti li jikkorrispondu ***mal-impenji sospiżi*** għandhom jiġu trasferiti għas-snin ta' wara u l-limiti massimi li jikkorrispondu magħhom tal-QFP għandhom jiġu aġġustati skont dan. L-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fil-baġit ta' wara s-sena n+2.	Fil-każ tat-tneħħija, skont l-atti bażiċi rilevanti, ta' sospensjoni ta' impenji baġitarji, l-ammonti li jikkorrispondu għandhom jiġu trasferiti għas-snin ta' wara u l-limiti massimi li jikkorrispondu magħhom tal-QFP għandhom jiġu aġġustati skont dan. L-impenji sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fil-baġit ta' wara s-sena n+2. ***Mis-sena n+3, ammont ekwivalenti għall-impenji li skadew għandu jiddaħħal fir-Riżerva tal-Unjoni għall-Impenji prevista fl-Artikolu 12.***

Modifika 22

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
1. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea***, li l-objettivi u l-ambitu tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002***, ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR ***600*** miljun (prezzijiet tal-2018). Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart minn dak l-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena. Il-porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.	1. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ***huwa intiż*** li ***jippermetti għajnuna finanzjarja fil-każ li jseħħu diżastri kbar fit-territorju ta' Stat Membru jew pajjiż kandidat, kif iddefinit fl-att bażiku rilevanti, u*** ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR ***1 000*** miljun (prezzijiet tal-2018). Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart minn dak l-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena. Il-porzjon tal-ammont annwali mhux użat fis-sena n jista' jintuża sas-sena n+1. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon

	tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi.

Modifika 23

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	1a. L-approprjazzjonijiet għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandhom jiddaħħlu fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni.

Modifika 24

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
2. L-ammont annwali tar-Riżerva huwa stabbilit għal EUR ***600*** miljun (prezzijiet tal-2018) u jista' jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Ir-Riżerva għandha tiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi. Sal-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas ***kwart*** mill-ammont annwali għas-sena n għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena. Mhux aktar minn nofs l-ammont disponibbli sat-30 ta' Settembru ta' kull sena jista' jiġi mobbilizzat, rispettivament, għall-operazzjonijiet interni jew esterni. Sa mill-1 ta' Ottubru, il-parti li jibqa' tal-ammont disponibbli tista' tiġi mobbilizzata għal operazzjonijiet interni jew esterni sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet li jitfaċċaw sa	2. L-ammont annwali tar-Riżerva ***ta' Għajnuna f'Emerġenza*** huwa stabbilit għal EUR ***1 000*** miljun (prezzijiet tal-2018) u jista' jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Ir-Riżerva għandha tiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti għandu jiddaħħal l-ewwel. Dak il-porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax fis-sena n+1 għandu jiskadi. Sal-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas ***EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2018)*** mill-ammont annwali għas-sena n għandu jibqa' disponibbli biex ikopri ħtiġijiet li jinqalgħu sa tmiem dik is-sena. Mhux aktar minn nofs l-ammont disponibbli sat-30 ta' Settembru ta' kull sena jista' jiġi mobbilizzat, rispettivament, għall-operazzjonijiet interni jew esterni. Sa mill-1 ta' Ottubru, il-parti li jibqa' tal-ammont disponibbli tista' tiġi mobbilizzata għal operazzjonijiet interni jew esterni

tmiem dik is-sena.	sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet li jitfaċċaw sa tmiem dik is-sena.

Modifika 25

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni)	*Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni **għall-Impenji**)*

Modifika 26

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
1. Il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni), li trid tkun disponibbli lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin ***2022*** sal-2027, għandha tikkonsisti ***f'dawn*** li ġejjin: (a) marġni li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-impenji ***għas-sena n-1***; ***(b) mill-2023, minbarra l-marġni msemmija fil-punt (a),*** ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet li saru matul is-sena n-2, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15] tar-Regolament Finanzjarju.	1. Il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni ***għall-Impenji***), li trid tkun disponibbli lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin ***2021*** sal-2027, għandha tikkonsisti ***f'dawn*** li ġejjin: (a) marġni li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-impenji ***għas-snin preċedenti***; ***(aa) approprjazzjonijiet ta' impenji mhux eżegwiti għas-sena n-1;*** (***b***) ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-approprjazzjonijiet li saru matul is-sena n-2, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu ***[***15] tar-Regolament Finanzjarju***;*** ***(ba) ammont ekwivalenti għall-ammont ta' impenji sospiżi għas-sena n-3 li ma jistgħux jibqgħu jiddaħħlu aktar fil-baġit skont l-Artikolu 7;*** ***(baa) ammont ekwivalenti għall-ammont ta' dħul li jirriżulta minn multi u penali.***

Modifika 27

Proposta għal regolament

Kapitolu 3 – Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
2. Il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni) jew parti minnu jista' jiġi mmobbilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stipulata fl-Artikolu 314 TFUE.	2. Il-Marġni Globali għall-Impenji (ir-Riżerva tal-Unjoni ***għall-Impenji***) jew parti minnu jista' jiġi mmobbilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stipulata fl-Artikolu 314 TFUE. ***Il-marġni tas-sena n jistgħu jiġu mmobilizzati għas-snin n u n+1 permezz tar-Riżerva tal-Unjoni għall-Impenji sakemm dan ma jmurx kontra l-baġits emendatorji pendenti jew ippjanati.***

Modifika 28

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	3. Fit-tmiem tal-2027, l-ammonti li jifdal disponibbli taħt ir-Riżerva tal-Unjoni għall-Impenji għandhom jiġu ttrasferiti għall-QFP li jmiss sal-2030.

Modifika 29

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi użat għall-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari, ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda jew aktar. Suġġett għat-tieni subparagrafu, il-limitu massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà huwa stabbilit għal EUR ***1 000*** miljun (prezzijiet tal-2018).	L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi użat għall-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari, ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda jew aktar ***jew fi ħdan il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza***. Suġġett għat-tieni subparagrafu, il-limitu

massimu għall-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà huwa stabbilit għal EUR ***2 000*** miljun (prezzijiet tal-2018).

Modifika 30

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
1. Marġni ta' Kontinġenza ta' mhux iżjed minn ***0,03*** % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-Unjoni għandu jiġi kostitwit barra mil-limiti massimi tal-QFP, bħala strument tal-aħħar-rimedju b'reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti. Dan jista' jiġi mmobbilizzat biss f'rabta ma' baġit emendatorju jew annwali.	1. Marġni ta' Kontinġenza ta' mhux iżjed minn ***0,05*** % tad-Dħul Nazzjonali Gross tal-Unjoni għandu jiġi kostitwit barra mil-limiti massimi tal-QFP, bħala strument tal-aħħar-rimedju b'reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti. Dan jista' jiġi mmobbilizzat biss f'rabta ma' baġit emendatorju jew annwali. ***Dan jista' jiġi mmobilizzat kemm għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għal dawk ta' pagament, jew għall-approprjazzjonijiet ta' pagament biss.***

Modifika 31

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
2. L-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza ma għandux jaqbeż, fi kwalunkwe sena partikolari, l-ammont massimu stipulat fl-aġġustament tekniku annwali tal-QFP***, u għandu jkun konsistenti mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji***.	2. L-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza ma għandux jaqbeż, fi kwalunkwe sena partikolari, l-ammont massimu stipulat fl-aġġustament tekniku annwali tal-QFP.

Modifika 32

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
3. L-ammonti magħmulin disponibbli permezz tal-mobbilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza għandhom jiġu kollha kkumpensati mal-marġni f'waħda jew aktar mill-intestaturi tal-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew dawk futuri.	***imħassar***

Modifika 33

Proposta għal regolament
Kapitolu 3 – Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
4. L-ammonti paċuti skont il-paragrafu 3 ma għandhomx jiġu mobbilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP. L-użu tal-Marġni ta' Kontinġenza ma għandux jirriżulta fil-qbiż tal-limiti totali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament stipulati fil-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew għal dawk futuri.	***imħassar***

Modifika 34

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
Rieżami u Reviżjoni tal-QFP	***Reviżjonijiet***

Modifika 35

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	Modifika
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2)***,*** l-Artikoli minn 16 sa 20 u	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2) ***u*** l-Artikoli minn 16 sa 20 u

24, ***f'ċirkostanzi mhux previsti**, **il-QFP jista' jiġi rivedut f'konformità mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji*** li ***tkun fis-seħħ***.	24, ***il-limiti massimi rilevanti tal-QFP għandhom jiġu riveduti 'l fuq f'każ li dan ikun neċessarju sabiex jiġi ffaċilitat il-finanzjament tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari għanijiet ta' politika ġodda, f'ċirkostanzi fejn kieku jkun neċessarju li jiġu stabbiliti metodi ta' finanzjament intergovernattivi jew kważi intergovernattivi addizzjonali oħra*** li ***jevitaw il-proċedura bağitarja stabbilita fl-Artikolu 314 tat-TFUE***.

Modifika 36

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
3. Kull proposta għal reviżjoni tal-QFP skont il-paragrafu 1 għandha teżamina l-possibbiltà għar-riallokazzjoni tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata mir-reviżjoni, b'referenza partikolari għal kull nuqqas ta' utilizzazzjoni mistennija tal-approprjazzjonijiet.	***imħassar***

Modifika 37

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP	***Reviżjoni*** ta' nofs it-terminu tal-QFP

Modifika 38

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Qabel l-1 ta' ***Jannar 2024***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP. ***Dan ir-rieżami għandu, kif ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti rilevanti.***	Qabel l-1 ta' ***Lulju 2023***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-TFUE abbażi ta'*** rieżami tal-funzjonament tal-QFP. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, il-pakketti nazzjonali allokati minn qabel ma għandhomx jitnaqqsu permezz ta' tali reviżjoni.*** ***Il-proposta għandha titfassal b'kunsiderazzjoni tal-valutazzjoni:*** - ***tal-progress lejn il-kisba tal-objettiv ġenerali ta' kontribuzzjoni ta' 25 % tan-nefqa tal-UE għall-objettivi klimatiċi matul il-perjodu QFP 2021-2027, u lejn l-objettiv ta' nfiq annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun;*** - ***tal-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;*** - ***tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-baġit tal-Unjoni (ibbaġitjar għall-ġeneri);*** - ***tal-impatt tal-miżuri ta' simplifikazzjoni fuq it-tnaqqis fil-burokrazija għall-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-programmi finanzjarji, li għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati;***

Modifika 39

Proposta għal regolament
Kapitolu 4 – Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Meta tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi għall-QFP, il-Kummissjoni għandha, ***fejn xieraq,*** tippreżenta kwalunkwe proposta biex jiġu riveduti l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali li din tkun tqis bħala meħtieġa, fid-dawl tal-implimentazzjoni, biex tiżgura ġestjoni tajba tal-limiti massimi tal-pagamenti	Meta tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultati tal-aġġustamenti tekniċi għall-QFP, ***jew meta l-limiti massimi għall-pagamenti jistgħu jipprevjenu lill-Unjoni milli tonora l-impenji legali tagħha***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta kwalunkwe proposta biex jiġu riveduti l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali li din tkun tqis bħala

annwali u b'mod partikolari l-progress ordnat tagħhom fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn.	meħtieġa, fid-dawl tal-implimentazzjoni, biex tiżgura ġestjoni tajba tal-limiti massimi tal-pagamenti annwali u b'mod partikolari l-progress ordnat tagħhom fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' impenn.

Modifika 40

Proposta għal regolament
Kapitolu 5 – Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
1. Ammont massimu ***ta' EUR 14 196 miljun*** (***fi prezzijiet tal-2018***) għandu jkun disponibbli mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perjodu 2021 sal-2027 ***għal*** proġetti fuq skala kbira skont ir-Regolament XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - il-Programm Spazjali].	1. Ammont massimu għandu jkun disponibbli ***b'mod konġunt għall-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita*** (***EGNOS u Galileo***) ***u għal Copernicus (il-Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja)*** mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-perjodu 2021 sal-2027***. Dan l-ammont massimu għandu jkun stabbilit fil-livell ta' 15 % 'il fuq mill-ammonti indikattivi stabbiliti għaż-żewġ*** proġetti fuq skala kbira skont ir-Regolament XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - il-Programm Spazjali]. ***Kull tisħiħ skont dan l-ammont massimu għandu jiġi ffinanzjat permezz tal-marġni jew tal-istrumenti speċjali, u ma għandux iwassal għal tnaqqis fi programmi u fi proġetti oħrajn.***

Modifika 41

Proposta għal regolament
Kapitolu 5 – Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	2a. F'każ li jirriżultaw ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali mill-baġit tal-Unjoni għall-proġetti fuq skala kbira msemmija aktar kmieni, il-Kummissjoni għandha tipproponi reviżjoni tal-limiti

	massimi tal-QFP kif xieraq.

Modifika 42

Proposta għal regolament
Kapitolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja	***Trasparenza u*** kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Modifika 43

Proposta għal regolament
Kapitolu 6 – Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja	***Trasparenza u*** kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja

Modifika 44

Proposta għal regolament
Kapitolu 6 – Artikolu 22 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill għandhom ikunu rappreżentati minn membri tal-istituzzjoni rispettiva meta jsiru laqgħat fuq livell politiku.

Modifika 45

Proposta għal regolament
Kapitolu 6 – Artikolu 22 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	6a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiltaqgħu f'seduta pubblika

meta jadottaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-abbozz ta' baġit.

Modifika 46

Proposta għal regolament
Kapitolu 6 – Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
L-infiq u d-dħul kollu tal-Unjoni u l-Euratom għandhom jiġu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu ***[7] tar-Regolament Finanzjarju***, inkluża n-nefqa li tirriżulta minn kull deċiżjoni rilevanti meħuda b'mod unanimu mill-Kunsill wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, fil-qafas tal-Artikolu 332 TFUE.	L-infiq u d-dħul kollu tal-Unjoni u l-Euratom għandhom jiġu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu ***310(1) tat-TFUE***, inkluża n-nefqa li tirriżulta minn kull deċiżjoni rilevanti meħuda b'mod unanimu mill-Kunsill wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, fil-qafas tal-Artikolu 332 TFUE.

Modifika 47

Proposta għal regolament
Kapitolu 7 – Artikolu 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Qabel l-1 ta' Jannar 2023, flimkien mal-proposti tagħha għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jistabbilixxi l-metodi għall-implimentazzjoni prattika tal-qafas finanzjarju għal perjodu ta' ħames snin b'żieda ta' ħames snin oħra.
Qabel l-1 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid.	Qabel l-1 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid.
	Jekk qabel il-31 ta' Diċembru 2027 ma jkun ġie adottat l-ebda regolament tal-Kunsill li jiddetermina qafas finanzjarju pluriennali ġdid, il-limiti massimi u d-dispożizzjonijiet korrispondenti l-oħra għall-aħħar sena tal-QFP, għandhom

	jiġu estiżi sakemm jiġi adottat regolament li jiddetermina qafas finanzjarju ġdid. Jekk Stat Membru ġdid jissieħeb mal-Unjoni wara l-2020, il-qafas finanzjarju estiż, jekk ikun meħtieġ, għandu jiġi rivedut sabiex tittieħed in kusiderazzjoni l-adeżjoni.

E. MODIFIKI GĦALL-PROPOSTA GĦAL FTEHIM INTERISTITUZZJONALI

50. Jenfasizza li, bħala riżultat tan-negozjar u tal-adozzjoni ta' Regolament ġdid tal-QFP, il-proposta għal Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba jenħtieġ li jiġi mmodifikat kif ġej:

Modifika 48

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima A – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	6 a L-informazzjoni relatata ma' operazzjonijiet mhux inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u mal-iżvilupp prevedibbli tad-diversi kategoriji tas-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni, hija stabbilita f'tabelli separati bi skop ta' indikazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata kull sena flimkien mad-dokumenti mehmuża mal-abbozz tal-baġit.

Modifika 49

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima A – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
7. Għall-għanijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw kemm jista' jkun waqt il-proċedura baġitarja u fil-ħin tal-adozzjoni tal-baġit li jitħallew ***marġini*** suffiċjenti disponibbli taħt il-limiti għall-	7. Għall-għanijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw kemm jista' jkun waqt il-proċedura baġitarja u fil-ħin tal-adozzjoni tal-baġit li jitħallew ***ammonti*** suffiċjenti disponibbli ***fi ħdan il-marġni***

intestaturi diversi tal-QFP.

taħt il-limiti għall-intestaturi diversi tal-QFP ***jew fi ħdan l-istrumenti speċjali disponibbli***.

Modifika 50

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima A – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
*L-aġġornament tal-previżjonijiet għal approprjazzjonijiet ta' pagament **wara l-2027***	*L-aġġornament tal-previżjonijiet għal approprjazzjonijiet ta' pagament*
8. ***Fl-2024***, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-previżjonijiet għal approprjazzjonijiet ta' pagament ***wara l-***2027. Dan l-aġġornament għandu jqis l-informazzjoni kollha rilevanti, inkluż l-implimentazzjoni reali tal-approprjazzjonijiet tal-baġit għal impenji u approprjazzjonijiet baġitarji ta' pagamenti, kif ukoll it-tbassir għall-implimentazzjonijiet. Għandu jqis ukoll ir-regoli mfassla biex jiżgura li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jiżviluppaw b'mod ordnat meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet ta' impenn u mat-tbassir tat-tkabbir tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni.	8. ***Kull sena***, il-Kummissjoni għandha taġġorna l-previżjonijiet għal approprjazzjonijiet ta' pagament ***sal-***2027 ***u wara***. Dan l-aġġornament għandu jqis l-informazzjoni kollha rilevanti, inkluż l-implimentazzjoni reali tal-approprjazzjonijiet tal-baġit għal impenji u approprjazzjonijiet baġitarji ta' pagamenti, kif ukoll it-tbassir għall-implimentazzjonijiet. Għandu jqis ukoll ir-regoli mfassla biex jiżgura li l-approprjazzjonijiet ta' pagament jiżviluppaw b'mod ordnat meta mqabbla mal-approprjazzjonijiet ta' impenn u mat-tbassir tat-tkabbir tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni.

Modifika 51

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
9. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-immobilizzar tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif stabbilit fl-att bażiku	9. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-immobilizzar tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif stabbilit fl-att bażiku

legali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment ***għall-linji*** baġitarji rilevanti.

Trasferimenti relatati mal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom isiru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

legali, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta proposta biex dan jiġi mmobilizzat. Id-deċiżjoni dwar l-immobilizzazzar tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.***

Fl-istess waqt li tippreżenta l-proposta tagħha għal deċiżjoni għall-immobilizzar tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment ***għal-linji*** baġitarji rilevanti.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fit-trilogu baġitarju li jmiss.

Trasferimenti relatati mal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandhom isiru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Modifika 52

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
10. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-att bażiku rilevanti, il-Kummissjoni għandha ***tagħmel*** proposta għal ***strument*** baġitarju ***xieraq*** f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.	10. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-att bażiku rilevanti, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta*** proposta ***biex dan jiġi mmobilizzat. Id-deċiżjoni dwar l-immobilizzar tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandha tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.*** ***Fl-istess waqt li tippreżenta l-proposta tagħha għal deċiżjoni għall-immobilizzar tal-Fond ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment għal-linji baġitarji rilevanti.*** ***F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni***

għandha tiġi indirizzata fit-trilogu baġitarju li jmiss.

Trasferimenti relatati mal-Fond ta' Solidarjetà għandhom isiru f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Modifika 53

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
11. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn li jsir rikors għar-Riżerva għal għajnuna f'emerġenza, għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta ta' trasferiment mir-Riżerva għal-linji baġitarji korrispondenti, skont ir-Regolament Finanzjarju.	11. Meta l-Kummissjoni tqis li jkun hemm bżonn li jsir rikors għar-Riżerva għal għajnuna f'emerġenza, għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta ta' trasferiment mir-Riżerva għal-linji baġitarji korrispondenti, skont ir-Regolament Finanzjarju. ***F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fit-trilogu baġitarju li jmiss.***

Modifika 54

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Strument ta' Flessibbiltà	*Strument ta' Flessibbiltà*
12. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta għall-immobilizzar tal-Istrument ta' Flessibbiltà wara li tkun ***eżaminat il-possibbiltajiet kollha għall-allokazzjoni mill-ġdid tal-approprjazzjonijiet taħt l-intestatura li teħtieġ nefqa addizzjonali***. Il-proposta għandha tidentifika l-bżonnijiet li għadhom jiġu koperti u l-ammont. ***Proposta bħal din tista' ssir b'rabta mal-***	12. Il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta għall-immobilizzar tal-Istrument ta' Flessibbiltà wara li tkun ***eżawriet il-marġni tal-intestaturi rilevanti***. Il-proposta għandha tidentifika l-bżonnijiet li għadhom jiġu koperti u l-ammont. L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u

abbozz ta' baġit jew mal-abbozz ta' baġit emendatorju.

L-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.

mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.

Modifika 55

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
13. Il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza, jew parti minnu, għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni wara analiżi bir-reqqa tal-possibbiltajiet finanzjarji kollha l-oħra. ***Proposta bħal din tista' ssir b'rabta mal-abbozz ta' baġit jew mal-abbozz ta' baġit emendatorju.***	13. Il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza, jew parti minnu, għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni wara analiżi bir-reqqa tal-possibbiltajiet finanzjarji kollha l-oħra.
Il-Marġni ta' Kontinġenza jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.	Il-Marġni ta' Kontinġenza jista' jiġi mobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.

Modifika 56

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 2
Taqsima A – punt 14 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	14a. Sabiex jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' QFP ġdid jew ta' reviżjoni tiegħu, u bil-għan li jiġi applikat l-Artikolu 312(5) tat-TFUE, l-istituzzjonijiet għandhom jlaqqgħu laqgħat regolari, b'mod partikolari:
	- Laqgħat tal-Presidenti kif stabbilit fl-Artikolu 324 tat-Trattat;
	- Briefings u debriefings ta' delegazzjoni tal-Parlament Ewropew mill-presidenza tal-Kunsill, qabel u wara laqgħat rilevanti

	tal-Kunsill; - ***Laqgħat trilaterali informali matul il-proċedimenti tal-Kunsill li jkollhom l-għan li jikkunsidraw il-fehmiet tal-Parlament fi kwalunkwe dokument li jiġi prodott mill-presidenza tal-Kunsill;*** - ***Trilogi ladarba kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill ikunu adottaw il-mandati ta' negozjar rispettivi tagħhom;*** - ***Dehriet reċiproċi mill-presidenza tal-Kunsill fil-kumitat parlamentari rilevanti u tat-tim ta' negozjaturi tal-Parlament fil-formazzjoni rilevanti tal-Kunsill.*** ***Il-Parlament u l-Kunsill se jittrażmettu lil xulxin, hekk kif ikun disponibbli, kwalunkwe dokument adottat formalment fil-korpi preparatorji rispettivi tagħhom jew li jiġu sottomessi formalment f'isimhom.***

Modifika 57

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 15 - inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
- id-dħul, in-nefqa, l-attiv u l-passiv tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) , tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (European Financial Stability Facility, EFSF), tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), u ta' mekkaniżmi oħra possibbli futuri,	- id-dħul, in-nefqa, l-attiv u l-passiv tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), u ta' mekkaniżmi oħra possibbli futuri ***li mhumiex iffinanzjati permezz tal-baġit tal-Unjoni, li iżda jeżistu bħala appoġġ għall-għanijiet ta' politika tal-Unjoni li jirriżultaw mit-Trattati***,

Modifika 58

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 1
Taqsima B – punt 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	15a. Meta tadotta trasferimenti awtonomi skont l-Artikolu 30(1) tar-

Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-awtorità baġitarja dwar ir-raġunijiet dettaljati għal tali trasferimenti. Meta l-Parlament jew il-Kunsill jesprimu riżerva dwar trasferiment awtonomu, il-Kummissjoni għandha tindirizzaha inkluż, jekk ikun xieraq, billi treġġa' lura it-trasferiment.

Modifika 59

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Parti 3.
Taqsima A – punt 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	24a. Meta, fil-qafas tal-proċedura baġitarja, l-awtorità baġitarja tieħu deċiżjoni dwar rinforzi speċifiċi, il-Kummissjoni m'għandhiex tpaċi xi wieħed minnhom fis-snin sussegwenti tal-ipprogrammar finanzjarju tagħha, sakemm ma tingħatax struzzjonijiet speċifiċi biex tagħmel dan mill-awtorita' baġitarja.

Modifika 60

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti A – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	1a. Kull istituzzjoni timpenja ruħha li żżomm lura milli tittrażmetti lill-istituzzjonijiet l-oħra xi pożizzjoni baġitarja trasferiment jew notifika oħra mhux urġenti, li jinvolvu l-attivazzjoni tal-iskadenzi matul il-perjodi ta' vaganzi tagħhom, sabiex jiġi żgurat li kull istituzzjoni tkun tista' teżerċita b'mod xieraq il-prerogattivi proċedurali tagħha. ***Is-servizzi tal-istituzzjonijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xieraq dwar***

id-dati tal-vaganzi tal-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom.

Modifika 61

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti B – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
2. Fi żmien biżżejjed qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' baġit mill-Kummissjoni, għandu jissejjaħ trilogu li fih jiġu diskussi l-prijoritajiet possibbli għall-baġit tas-sena finanzjarja li jmiss.	2. Fi żmien biżżejjed qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' baġit mill-Kummissjoni, għandu jissejjaħ trilogu li fih jiġu diskussi l-prijoritajiet possibbli għall-baġit tas-sena finanzjarja li jmiss ***u kull mistoqsija li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena finanzjarja li tkun għaddejja***.

Modifika 62

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti C – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
8. Fl-interess ta' kooperazzjoni istituzzjonali leali u soda, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jżommu kuntatti regolari u attivi fil-livelli kollha, permezz tan-negozjaturi rispettivi tagħhom, matul il-proċedura baġitarja kollha u b'mod partikolari matul il-perijodu ta' konċiljazzjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jiżguraw li jkun hemm skambju reċiproku, f'waqtu u kontinwu, ta' informazzjoni rilevanti u dokumenti kemm f'livelli formali u informali, ***kif ukoll*** li jagħmlu laqgħat tekniċi jew informali, skont il-ħtieġa, matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom aċċess ugwali u f'waqtu għal informazzjoni	8. Fl-interess ta' kooperazzjoni istituzzjonali leali u soda, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jżommu kuntatti regolari u attivi fil-livelli kollha, permezz tan-negozjaturi rispettivi tagħhom, matul il-proċedura baġitarja kollha u b'mod partikolari matul il-perijodu ta' konċiljazzjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jiżguraw li jkun hemm skambju reċiproku, f'waqtu u kontinwu, ta' informazzjoni rilevanti u dokumenti kemm f'livelli formali u informali, ***b'mod partikolari billi jittrażmettu lil xulxin id-dokumenti proċedurali kollha adottati fi ħdan il-korpi preparatorji rispettivi tagħhom, hekk*** kif ***dawn isiru disponibbli. Barra minn hekk huma jimpenjaw ruħhom*** li jagħmlu laqgħat tekniċi jew informali,

u dokumenti.	skont il-ħtieġa, matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom aċċess ugwali u f'waqtu għal informazzjoni u dokumenti.

Modifika 63

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti D – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	12a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiltaqgħu f'seduta pubblika meta jadottaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-abbozz ta' baġit.

Modifika 64

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti E – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
15. Il-Parlament Ewropew ***u l-Kunsill*** għandhom ikunu rappreżentati ***f'livell xieraq*** fil-Kumitat ***ta '*** Konċiljazzjoni, ***b'mod li*** kull delegazzjoni tkun tista' timpenja politikament lill-istituzzjoni rispettiva tagħha, u ***li*** jista' jsir progress reali lejn ftehim finali.	15. ***Kemm*** il-Parlament Ewropew ***kif ukoll il-Kunsill*** għandhom ikunu rappreżentati ***minn membri tal-istituzzjonijiet rispettivi*** fil-Kumitat ***ta'*** Konċiljazzjoni, ***sabiex*** kull delegazzjoni tkun tista' timpenja politikament lill-istituzzjoni rispettiva tagħha, u b'hekk ikun jista' jsir progress reali lejn ftehim finali.

Modifika 65

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti E – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
19. Id-dati tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tat-trilogi għandhom jiġu miftiehma minn qabel bi ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet.	19. Id-dati tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tat-trilogi għandhom jiġu miftiehma minn qabel bi ftehim bejn it-tliet istituzzjonijiet. ***Laqgħat addizzjonali, inkluż fil-livell tekniku, jistgħu jiġu organizzati, kif ikun meħtieġ, matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni.***

Modifika 66

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti E – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	21a. Sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 ġurnata stipulat fit-Trattat u biex l-istituzzjonijiet jitħallew jaġġornaw il-pożizzjonijiet ta' negozjar rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jeżaminaw l-istat attwali tal-proċedura ta' konċiljazzjoni waqt kull laqgħa tal-korpi ta' tħejjija rilevanti tagħhom matul il-perjodu msemmi aktar kmieni, u għandhom iżommu lura milli jħallu dan il-proċess għall-istadji finali.

Modifika 67

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti G - titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Parti G. ***Reste à liquider*** (RAL)	Parti G. ***Implimentazzjoni tal-baġit, pagamenti u "impenji pendenti"*** (RAL)

Modifika 68

Proposta għal Ftehim Interistituzzjonali
Anness
Parti G – punt 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
36. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata progressjoni ordnata tal-approprjazzjonijiet totali ta' pagament b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex tiġi evitata kull bidla anormali tar-RAL minn sena għal oħra, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jissorveljaw mill-qrib ***il-livell*** tar-RAL sabiex jiġi mmitigat ir-riskju li tiġi ostakolata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fi tmiem il-QFP**.**	36. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata progressjoni ordnata tal-approprjazzjonijiet totali ta' pagament b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex tiġi evitata kull bidla anormali tar-RAL minn sena għal oħra, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jissorveljaw mill-qrib ***il-previżjonijiet tal-pagamenti u l-livell*** tar-RAL sabiex jiġi mmitigat ir-riskju li tiġi ostakolata l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Unjoni minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fi tmiem il-QFP.
Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm livell u profil maniġġabbli għall-pagamenti fl-intestaturi kollha, ir-regoli ta' diżimpenn għandhom jiġu applikati b'mod strett fl-intestaturi kollha, b'mod parikolari r-regoli għad-diżimpenji awtomatiċi.	
Matul il-proċedura baġitarja, l-istituzzjonijiet għandhom jiltaqgħu b'mod regolari bil-ħsieb li jivvalutaw b'mod konġunt is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għall-implimentazzjoni baġitarja fis-sena attwali u fis-snin futuri. Dan għandu jsir permezz ta' laqgħat interistituzzjonali speċifiċi fil-livell xieraq, li qabilhom il-Kummissjoni għandha tinforma b' mod dettaljat dwar is-sitwazzjoni attwali, skont il-Fond u l-Istat Membru, tal-implimentazzjoni tal-pagamenti, tat-talbiet għal rimborżi riċevuti u tal-previżjonijiet riveduti***. B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji kollha tagħha li jirriżultaw mill-impenji eżistenti*** u ***futuri fil-perjodu 2021-2027 f'konformità mal-Artikolu 323 TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom***	Matul il-proċedura baġitarja, l-istituzzjonijiet għandhom jiltaqgħu b'mod regolari bil-ħsieb li jivvalutaw b'mod konġunt is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti għall-implimentazzjoni baġitarja fis-sena attwali u fis-snin futuri. Dan għandu jsir permezz ta' laqgħat interistituzzjonali speċifiċi fil-livell xieraq, li qabilhom il-Kummissjoni għandha tinforma b' mod dettaljat dwar is-sitwazzjoni attwali, skont il-Fond u l-Istat Membru, tal-implimentazzjoni tal-pagamenti, tat-talbiet għal rimborżi riċevuti u tal-previżjonijiet riveduti ***fuq il-perjodu ta' żmien qasir u fit-tul.*** B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi finanzjarji kollha tagħha li jirriżultaw mill-impenji eżistenti u futuri fil-perjodu 2021-2027 f'konformità mal-Artikolu 323 TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom janalizzaw u jiddiskutu l-estimi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell meħtieġ ta' approprjazzjonijiet ta' pagament.

janalizzaw u jiddiskutu l-estimi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-livell meħtieġ ta' approprjazzjonijiet ta' pagament.

°

° °

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Anness I – QFP 2021-2027: limiti massimi u strumenti barra mil-limiti massimi (prezzijiet tal-2018)

(EUR miljun - prezzijiet tal-2018)

	Proposta tal-Kummissjoni	**Pożizzjoni tal-Parlament**							
Approprjazzjonijiet ta' impenn	**Total 2021-2027**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**Total 2021-2027**
I. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	166 303	31 035	31 006	31 297	30 725	30 615	30 757	30 574	**216 010**
II. Koeżjoni u Valuri	391 974	60 026	62 887	64 979	65 785	66 686	69 204	67 974	**457 540**
Li minnhom: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	330 642	52 143	52 707	53 346	53 988	54 632	55 286	55 994	**378 097**
III. Riżorsi Naturali u Ambjent	336 623	57 780	57 781	57 789	57 806	57 826	57 854	57 881	**404 718**
IV. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	30 829	3 227	4 389	4 605	4 844	4 926	5 066	5 138	**32 194**
V. Sigurtà u Difiża	24 323	3 202	3 275	3 223	3 324	3 561	3 789	4 265	**24 639**
VI. Il-Viċinat u d-Dinja	108 929	15 368	15 436	15 616	15 915	16 356	16 966	17 729	**113 386**
VII. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	75 602	10 388	10 518	10 705	10 864	10 910	11 052	11 165	**75 602**
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	58 547	8 128	8 201	8 330	8 432	8 412	8 493	8 551	**58 547**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	**1 134 583**	**181 025**	**185 293**	**188 215**	**189 262**	**190 880**	**194 688**	**194 727**	**1 324 089**
bħala perċentwal tad-DNG	1.11 %	1.29 %	1.31 %	1.31 %	1.30 %	1.30 %	1.31 %	1.29 %	**1.30 %**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	**1 104 805**	**174 088**	**176 309**	**186 391**	**187 490**	**188 675**	**189 961**	**191 398**	**1 294 311**
bħala perċentwal tad-DNG	1.08 %	1.24 %	1.24 %	1.30 %	1.29 %	1.28 %	1.28 %	1.27 %	**1.27 %**
BARRA MIL-LIMITI MASSIMI TAL-QFP									
Riżerva ta' għajnuna f'emerġenza	4 200	1 000	1 000	1 000	1 000	1 000	1 000	1 000	**7 000**

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)	1 400	200	200	200	200	200	200	200	**1 400**
Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)	4 200	1 000	1 000	1 000	1 000	1 000	1 000	1 000	**7 000**
Strument ta' Flessibbiltà	7 000	2 000	2 000	2 000	2 000	2 000	2 000	2 000	**14 000**
Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	**p.m.**
Faċilità Ewropea għall-Paċi	9 223	753	970	1 177	1 376	1 567	1 707	1 673	**9 223**
TOTAL BARRA MIL-LIMITI MASSIMI TAL-QFP	**26 023**	**4 953**	**5 170**	**5 377**	**5 576**	**5 767**	**5 907**	**5 873**	**38 623**
TOTAL TAL-QFP + BARRA MIL-LIMITI MASSIMI TAL-QFP	**1 160 606**	**185 978**	**190 463**	**193 592**	**194 838**	**196 647**	**200 595**	**200 600**	**1 362 712**
bħala perċentwal tad-DNG	1.14 %	1.32 %	1.34 %	1.35 %	1.34 %	1.34 %	1.35 %	1.33 %	**1.34 %**

Anness II – QFP 2021-2027: limiti massimi u strumenti barra mil-limiti massimi (prezzijiet attwali)

(EUR Miljun - prezzijiet kurrenti)

	Proposta tal-Kummissjoni	**Pożizzjoni tal-Parlament**							
Approprjazzjonijiet ta' impenn	**Total 2021-2027**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**Total 2021-2027**
I. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	187 370	32 935	33 562	34 555	34 601	35 167	36 037	36 539	**243 395**
II. Koeżjoni u Valuri	442 412	63 700	68 071	71 742	74 084	76 601	81 084	81 235	**516 517**
Li minnhom: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	373 000	55 335	57 052	58 899	60 799	62 756	64 776	66 918	**426 534**
III. Riżorsi Naturali u Ambjent	378 920	61 316	62 544	63 804	65 099	66 424	67 785	69 174	**456 146**
IV. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	34 902	3 425	4 751	5 084	5 455	5 658	5 936	6 140	**36 448**
V. Sigurtà u Difiża	27 515	3 397	3 545	3 559	3 743	4 091	4 439	5 098	**27 872**
VI. Il-Viċinat u d-Dinja	123 002	16 308	16 709	17 242	17 923	18 788	19 878	21 188	**128 036**

VII. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	85 287	11 024	11 385	11 819	12 235	12 532	12 949	13 343	**85 287**
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	66 028	8 625	8 877	9 197	9 496	9 663	9 951	10 219	**66 028**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	**1 279 408**	**192 105**	**200 567**	**207 804**	**213 140**	**219 261**	**228 107**	**232 717**	**1 493 701**
bħala perċentwal tad-DNG	1.11 %	1.29 %	1.31 %	1.31 %	1.30 %	1.30 %	1.31 %	1.29 %	**1.30 %**
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT	**1 246 263**	**184 743**	**190 843**	**205 790**	**211 144**	**216 728**	**222 569**	**228 739**	**1 460 556**
bħala perċentwal tad-DNG	1.08 %	1.24 %	1.24 %	1.30 %	1.29 %	1.28 %	1.28 %	1.27 %	**1.27 %**
BARRA MIL-LIMITI MASSIMI TAL-QFP									
Riżerva ta' għajnuna f'emerġenza	4 734	1 061	1 082	1 104	1 126	1 149	1 172	1 195	**7 889**
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)	1 578	212	216	221	225	230	234	239	**1 578**
Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)	4 734	1 061	1 082	1 104	1 126	1 149	1 172	1 195	**7 889**
Strument ta' Flessibbiltà	7 889	2 122	2 165	2 208	2 252	2 297	2 343	2 390	**15 779**
Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	**p.m.**
Faċilità Ewropea għall-Paċi	10 500	800	1 050	1 300	1 550	1 800	2 000	2 000	**10 500**
TOTAL BARRA MIL-LIMITI MASSIMI TAL-QFP	**29 434**	**5 256**	**5 596**	**5 937**	**6 279**	**6 624**	**6 921**	**7 019**	**43 633**
TOTAL TAL-QFP + BARRA MIL-LIMITI MASSIMI TAL-QFP	**1 308 843**	**197 361**	**206 163**	**213 741**	**219 419**	**225 885**	**235 028**	**239 736**	**1 537 334**
bħala perċentwal tad-DNG	1.14 %	1.32 %	1.34 %	1.35 %	1.34 %	1.34 %	1.35 %	1.33 %	**1.34 %**

Anness III – QFP 2021-2027: tqassim skont il-programm (prezzijiet tal-2018)

N.B.: Bl-għan ta' tqabbil, it-tabella ssegwi l-istruttura tal-programmi individwali tal-UE kif ġie propost mill-Kummissjoni, mingħajr l-ebda preġudizzju għal bidliet possibbli li jistgħu jintalbu matul il-proċedura leġiżlattiva li twassal għall-adozzjoni ta' dawn il-programmi.

(EUR miljun - prezzijiet tal-2018)

	QFP tal-2014-2020 (UE27+FEŻ)	**Proposta tal-Kummissjoni tal-2021-2027**	**Pożizzjoni tal-Parlament 2021-2027**
I. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	116 361	166 303	***216 010***
1. Riċerka u Innovazzjoni	69 787	91 028	***127 537***
Orizzont Ewropa	64 674	83 491	***120 000***
Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom	2 119	2 129	2 129
Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)	2 992	5 406	5 406
Oħrajn	2	2	2
2. Investimenti Strateġiċi Ewropej	31 886	44 375	***51 798***
Fond InvestEU	3 968	13 065	***14 065***
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (total tal-kontribuzzjoni H1) *inkluż:*	17 579	21 721	***28 083***
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport	*12 393*	*11 384*	***17 746***
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Enerġija	*4 185*	*7 675*	*7 675*
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali	*1 001*	*2 662*	*2 662*
Programm Ewropa Diġitali	172	8 192	8 192
Oħrajn	9 097	177	177
Aġenziji deċentralizzati	1 069	1 220	***1 281***
3. Suq Uniku	5 100	5 672	***8 423***
Programm tas-Suq Uniku (inkl. COSME)	3 547	3 630	***5 823***
Programm ta' Kontra l-Frodi tal-UE	156	161	***322***
Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (FISCALIS)	226	239	***300***
Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (CUSTOMS)	536	843	843
Turiżmu sostenibbli			***300***
Oħrajn	61	87	87
Aġenziji deċentralizzati	575	714	***748***
4. Spazju	11 502	14 404	***15 225***
Programm Spazjali Ewropew	11 308	14 196	***15 017***
Aġenziji deċentralizzati	194	208	208
Marġni	-1 913	10 824	***13 026***
II. Koeżjoni u Valuri	387 250	391 974	***457 540***

Magħquda fid-diversità

5. Żvilupp Reġjonali u Koeżjoni	272 647	242 209	***272 647***
FEŻR + Fond ta' Koeżjoni inkluż:	272 411	241 996	***272 411***
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali	*196 564*	*200 622*	
Fond ta' Koeżjoni	*75 848*	*41 374*	
Li minnhom il-kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport	*11 487*	*10 000*	
Appoġġ għall-Komunità Ċiprijotta-Torka	236	213	***236***
6. Unjoni Ekonomika u Monetarja	273	22 281	22 281
Programm ta' Appoġġ għal Riformi	185	22 181	22 181
Protezzjoni tal-Euro Kontra l-Iffalsifikar	7	7	7
Oħrajn	81	93	93
7. Investiment fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali u l-Valuri	115 729	123 466	***157 612***
Fond Soċjali Ewropew+ ***(inkluż EUR 5,9 biljun għall-Garanzija għat-Tfal)***	96 216	89 688	***106 781***
Li minnhom saħħa, impjiegi u innovazzjoni soċjali	*1 075*	*1 042*	***1 095***
Erasmus+	13 699	26 368	***41 097***
Korp Ewropew ta' Solidarjetà	373	1 113	1 113
Ewropa Kreattiva	1 403	1 642	***2 806***
Ġustizzja	316	271	***316***
Drittijiet u l-valuri, ***inkluż mill-anqas EUR 500 miljun għal-linja tal-valuri tal-Unjoni***	594	570	***1 627***
Oħrajn	1 158	1 185	1 185
Aġenziji deċentralizzati	1 971	2 629	***2 687***
Marġni	-1 399	4 018	***4 999***
III. Riżorsi Naturali u Ambjent	399 608	336 623	***404 718***
8. Politika Agrikola u Marittima	390 155	330 724	***391 198***
FAEG + FAEŻR inkluż:	382 855	324 284	***383 255***
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	*286 143*	*254 247*	
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	*96 712*	*70 037*	
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	6 243	5 448	***6 867***
Oħrajn	962	878	***962***
Aġenziji deċentralizzati	95	113	113
9. Ambjent u Azzjoni Klimatika	3 492	5 085	***11 520***
Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	3 221	4 828	***6 442***

Fond ġust ta' tranżizzjoni tal-Enerġija			***4 800***
Aġenziji deċentralizzati	272	257	***278***
Marġni	5 960	814	***1 999***
IV. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	10 051	30 829	***32 194***
10. Migrazzjoni	7 180	9 972	***10 314***
Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil	6 745	9 205	9 205
Aġenziji deċentralizzati*	435	768	***1 109***
11. Ġestjoni tal-Fruntieri	5 492	18 824	***19 848***
Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri	2 773	8 237	8 237
Aġenziji deċentralizzati*	2 720	10 587	***11 611***
Marġni	-2 621	2 033	2 033
V. Sigurtà u Difiża	1 964	24 323	***24 639***
12. Sigurtà	3 455	4 255	***4 571***
Fond għas-Sigurtà Interna	1 200	2 210	2 210
Żmantellar tas-Siti Nukleari inkluż:	1 359	1 045	***1 359***
Żmantellar tas-Siti Nukleari (il-Litwanja)	*459*	*490*	***692***
Sikurezza Nukleari u l-Iżmantellar (inkl. ir-Repubblika tal-Bulgarija u s-Slovakkja)	*900*	*555*	***667***
Aġenziji deċentralizzati	896	1 001	***1 002***
13. Difiża	575	17 220	17 220
Fond Ewropew għad-Difiża	575	11 453	11 453
Mobbiltà Militari	0	5 767	5 767
14. Rispons għall-Kriżijiet	1 222	1 242	1 242
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescUE)	560	1 242	1 242
Oħrajn	662	p.m.	p.m.
Marġni	-3 289	1 606	1 606
VI. Il-Viċinat u d-Dinja	96 295	108 929	***113 386***
15. Azzjoni Esterna	85 313	93 150	***96 809***
Strument(i) li jappoġġja(w) il-politiki tal-viċinat u tal-iżvilupp, inklużi s-suċċessur tal-FEŻ u pjan ta' investiment għall-Afrika	71 767	79 216	***82 716***
Għajnuna Umanitarja	8 729	9 760	9 760
Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	2 101	2 649	2 649
Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (inkluża Greenland)	594	444	***594***
Oħrajn	801	949	949
Aġenziji deċentralizzati	144	132	***141***
16. Assistenza ta' qabel l-adeżjoni	13 010	12 865	***13 010***
Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni	13 010	12 865	***13 010***

Marġni	-2 027	2 913	<u>***3 567***</u>
VII. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	70 791	75 602	75 602
Skejjel u Pensjonijiet Ewropej	14 047	17 055	17 055
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	56 744	58 547	58 547
TOTAL	1 082 320	1 134 583	<u>***1 324 089***</u>
F'% tad-DNG (UE-27)	1.16 %	1.11 %	<u>***1.30 %***</u>

* L-ammont tal-PE għall-aġenziji deċentralizzati fil-clusters 10 u 11 jinkludi l-impatt finanzjarju tal-proposti tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar l-EASO u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Anness IV - QFP 2021-2027: tqassim skont il-programm (prezzijiet attwali)

(EUR Miljun - prezzijiet kurrenti)

	QFP 2014-2020 (UE27+FEŻ)	**Proposta tal-Kummissjoni tal-2021-2027**	**Pożizzjoni tal-Parlament 2021-2027**
I. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	114 538	187 370	<u>***243 395***</u>
1. Riċerka u Innovazzjoni	68 675	102 573	<u>***143 721***</u>
Orizzont Ewropa	63 679	94 100	<u>***135 248***</u>
Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom	2 085	2 400	2 400
Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)	2 910	6 070	6 070
Oħrajn	1	3	3
2. Investimenti Strateġiċi Ewropej	31 439	49 973	<u>***58 340***</u>
Fond InvestEU	3 909	14 725	<u>***15 852***</u>
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (total tal-kontribuzzjoni H1) *inkluż:*	17 435	24 480	<u>***31 651***</u>
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport	12 281	12 830	<u>***20 001***</u>
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Enerġija	4 163	8 650	8 650
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Diġitali	991	3 000	3 000
Programm Ewropa Diġitali	169	9 194	9 194
Oħrajn	8 872	200	200
Aġenziji deċentralizzati	1 053	1 374	<u>***1 444***</u>
3. Suq Uniku	5 017	6 391	<u>***9 494***</u>
Programm tas-Suq Uniku (inkl. COSME)	3 485	4 089	<u>***6 563***</u>
Programm ta' Kontra l-Frodi tal-UE	153	181	<u>***363***</u>
Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (FISCALIS)	222	270	<u>***339***</u>
Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (CUSTOMS)	526	950	950

Turiżmu sostenibbli			***338***
Oħrajn	59	98	98
Aġenziji deċentralizzati	572	804	***843***
4. Spazju	11 274	16 235	***17 160***
Programm Spazjali Ewropew	11 084	16 000	***16 925***
Aġenziji deċentralizzati	190	235	235
Marġni	-1 866	12 198	***14 680***
II. Koeżjoni u Valuri	380 738	442 412	***516 517***
5. Żvilupp Reġjonali u Koeżjoni	268 218	273 240	***307 578***
FEŻR + Fond ta' Koeżjoni inkluż:	267 987	273 000	***307 312***
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali	*193 398*	*226 308*	
Fond ta' Koeżjoni	*74 589*	*46 692*	
Li minnhom il-kontribuzzjoni għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Trasport	*11 306*	*11 285*	
Appoġġ għall-Komunità Ċiprijotta-Torka	231	240	***266***
6. Unjoni Ekonomika u Monetarja	275	25 113	25 113
Programm ta' Appoġġ għal Riformi	188	25 000	25 000
Protezzjoni tal-Euro Kontra l-Iffalsifikar	7	8	8
Oħrajn	79	105	105
7. Investiment fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali u l-Valuri	113 636	139 530	***178 192***
Fond Soċjali Ewropew+ ***(inkluż EUR 5,9 biljun fi prezzijiet tal-2018 għall-Garanzija għat-Tfal)***	94 382	101 174	***120 457***
Li minnhom saħħa, impjiegi u innovazzjoni soċjali	*1 055*	1 174	***1 234***
Erasmus+	13 536	30 000	***46 758***
Korp Ewropew ta' Solidarjetà	378	1 260	1 260
Ewropa Kreattiva	1 381	1 850	***3 162***
Ġustizzja		305	***356***
Drittijiet u l-valuri, ***inkluż mill-anqas EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2018 għal-linja tal-valuri tal-Unjoni***		642	***1 834***
Oħrajn	1 131	1 334	1 334
Aġenziji deċentralizzati	1 936	2 965	***3 030***
Marġni	-1 391	4 528	***5 634***
III. Riżorsi Naturali u Ambjent	391 849	378 920	***456 146***
8. Politika Agrikola u Marittima	382 608	372 264	***440 898***
FAEG + FAEŻR inkluż:	375 429	365 006	***431 946***
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	*280 351*	*286 195*	
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp	*95 078*	*78 811*	

Rurali (FAEŻR)			
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd	6 139	6 140	***7 739***
Oħrajn	946	990	***1 085***
Aġenziji deċentralizzati	94	128	128
9. Ambjent u Azzjoni Klimatika	3 437	5 739	***12 995***
Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)	3 170	5 450	***7 272***
Fond ġust ta' tranżizzjoni tal-Enerġija			***5 410***
Aġenziji deċentralizzati	267	289	***313***
Marġni	5 804	918	***2 254***
IV. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	9 929	34 902	***36 448***
10. Migrazzjoni	7 085	11 280	***11 665***
Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil	6 650	10 415	10 415
Aġenziji deċentralizzati*	435	865	***1 250***
11. Ġestjoni tal-Fruntieri	5 439	21 331	***22 493***
Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri	2 734	9 318	9 318
Aġenziji deċentralizzati*	2 704	12 013	***13 175***
Marġni	-2 595	2 291	2 291
V. Sigurtà u Difiża	1 941	27 515	***27 872***
12. Sigurtà	3 394	4 806	***5 162***
Fond għas-Sigurtà Interna	1 179	2 500	2 500
Żmantellar tas-Siti Nukleari inkluż:	1 334	1 178	***1 533***
Żmantellar tas-Siti Nukleari (il-Litwanja)	*451*	*552*	***780***
Sikurezza Nukleari u l-Iżmantellar (inkl. ir-Repubblika tal-Bulgarija u s-Slovakkja)	*883*	*626*	***753***
Aġenziji deċentralizzati	882	1 128	***1 129***
13. Difiża	590	19 500	19 500
Fond Ewropew għad-Difiża	590	13 000	13 000
Mobbiltà Militari	0	6 500	6 500
14. Rispons għall-Kriżijiet	1 209	1 400	1 400
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (rescUE)	561	1 400	1 400
Oħrajn	648	p.m.	p.m
Marġni	-3 253	1 809	1 809
VI. Il-Viċinat u d-Dinja	93 381	123 002	***128 036***
15. Azzjoni Esterna	82 569	105 219	***109 352***
Strument(i) li jappoġġja(w) il-politiki tal-viċinat u tal-iżvilupp, inklużi s-suċċessur tal-FEŻ u pjan ta' investiment għall-Afrika	70 428	89 500	***93 454***
Għajnuna Umanitarja	8 561	11 000	11 000

Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	2 066	3 000	3 000
Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (inkluża Greenland)	582	500	***669***
Oħrajn	790	1 070	1 070
Aġenziji deċentralizzati	141	149	159
16. Assistenza ta' qabel l-adeżjoni	12 799	14 500	***14 663***
Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni	12 799	14 500	***14 663***
Marġni	-1 987	3 283	***4 020***
VII. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	69 584	85 287	85 287
Skejjel u Pensjonijiet Ewropej	13 823	19 259	19 259
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	55 761	66 028	66 028
TOTAL	1 061 960	1 279 408	***1 493 701***
F'% tad-DNG (UE-27)	1.16 %	1.11 %	***1.30 %***

* L-ammont tal-PE għall-aġenziji deċentralizzati fil-clusters 10 u 11 jinkludi l-impatt finanzjarju tal-proposti tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar l-EASO u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

15.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
(2018/0166R(APP))

Għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Iratxe García Pérez (rapporteur)

Position

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(Ea) billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi "fl-azzjonijiet kollha tagħha", inkluż fl-ibbaġitjar, tibqa' obbligu legali tal-Unjoni li joħroġ direttament mill-Artikolu 8 tat-TFUE;

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	Emenda
	(Eb) billi din il-perspettiva trasversali mhux biss sikwit wasslet biex naqas l-appoġġ għal azzjonijiet speċifiċi għas-sessi – minbarra n-nuqqas ta' indikaturi tas-sessi – iżda tagħmilha kważi impossibbli li jiġu stmati l-ammonti allokati għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi;

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	Emenda
	(Ec) billi d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, mehmuża mal-QFP 2014-2020 f'Novembru 2013, kienet tinkorpora l-qbil li l-proċeduri baġitarji annwali applikabbli għall-QFP kellhom, kif xieraq, jintegraw elementi sensittivi għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u dan fil-kuntest ta' kif il-qafas finanzjarju ġenerali tal-Unjoni jikkontribwixxi għal aktar ugwaljanza bejn is-sessi u jiżgura l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi;

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	Emenda
	(Ed) billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP ma tagħmel l-ebda referenza għall-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-

perspettiva tas-sessi; billi l-Impenn Strateġiku tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019 jenfasizza r-rwol ewlieni tal-finanzjament tal-UE b'appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi u jgħid li l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi "mhuwiex qed jiġi applikat sistematikament fil-baġit ġenerali tal-UE"; billi l-valutazzjoni tal-impatt tal-istrument estern għall-2018 tgħid li l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, "kienet meqjusa bħala biċċa xogħol li għadha għaddejja, u xi kultant il-gvernijiet sħab urew nuqqas ta' interess jew reżistenza f'dawn l-oqsma"; billi l-ebda istituzzjoni tal-UE ma applikat b'mod konsistenti l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi;

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(Ee) billi huwa kruċjali li ċerti linji baġitarji tal-UE jinżammu kif inhuma biex tiġi garantita l-implimentazzjoni korretta tal-proġetti tagħna;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ef (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(Ef) billi fil-klima attwali ta' erożjoni tal-valuri tal-UE, li ġġenerat reazzjoni sessista li ma kinitx mistennija, hemm bżonn impenn b'saħħtu aktar minn qatt qabel min-naħa tat-tliet istituzzjonijiet

biex jiġi żgurat l-appoġġ għall-ugwaljanza bejn is-sessi, u dan jeħtieġ jiġi rifless fil-politika tal-finanzjament;

Emenda 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(Eg) billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija kundizzjoni essenzjali għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, f'karigi ta' tmexxija u fix-xjenza u r-riċerka – u allura għall-ugwaljanza bejn is-sessi – u tħalli impatt fuq l-ekonomija tal-Istati Membri;

Emenda 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(Eh) billi l-objettiv tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa għad fadallu ħafna biex jintlaħaq, u għaldaqstant hemm bżonn aktar sforzi;

Emenda 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistqarr, barra minn hekk, l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe tnaqqis fil-livell tal-politiki ewlenin tal-UE, bħall-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-politika agrikola	(4) Jistqarr, barra minn hekk, l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe tnaqqis fil-livell tal-politiki ewlenin tal-UE, bħall-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-

komuni (PAK); jopponi b'mod partikolari kwalunkwe tnaqqis radikali li se jħalli impatt negattiv fuq in-natura u l-għanijiet stess ta' dawn il-politiki, bħat-tnaqqis propost għall-Fond ta' Koeżjoni jew għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jopponi, f'dan il-kuntest, il-proposta li jitnaqqas il-Fond Soċjali Ewropew minkejja l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu u l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;

politika agrikola komuni (PAK); jopponi b'mod partikolari kwalunkwe tnaqqis radikali li se jħalli impatt negattiv fuq in-natura u l-għanijiet stess ta' dawn il-politiki, bħat-tnaqqis propost għall-Fond ta' Koeżjoni jew għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jopponi, f'dan il-kuntest, il-proposta li jitnaqqas il-Fond Soċjali Ewropew minkejja l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu***, il-ħtieġa li titjieb l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol*** u l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ; ***jenfasizza l-importanza tal-fondi strutturali – b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew – biex jingħata sostenn lill-emanċipazzjoni tan-nisa billi jinħolqu l-impjiegi u jitjiebu s-servizzi, kif ukoll l-importanza tal-fondi orizzontali biex titrawwem il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika);***

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-prinċipji orizzontali li ***jenħtieġ li jsejsu*** l-QFP u l-politiki relatati kollha tal-UE; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha biex tkun minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jiddeplora n-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli għal dak il-għan fil-proposti tal-QFP; jitlob, għalhekk, l-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki tal-UE u fl-inizjattivi kollha tal-QFP li jmiss; ikompli jenfasizza li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija kruċjali sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-UE lejn Ewropa inklużiva u jiddeplora n-nuqqas ta'	(5) Jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-prinċipji orizzontali li ***għandhom jirfdu*** l-QFP u l-politiki relatati kollha tal-UE; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha biex tkun minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jiddeplora n-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli għal dak il-għan fil-proposti tal-QFP; jitlob, għalhekk, l-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki tal-UE u fl-inizjattivi kollha tal-QFP li jmiss; ikompli jenfasizza li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni***, kif ukoll tal-inugwaljanza bejn is-sessi u l-vjolenza sessista,*** hija kruċjali sabiex jiġu ssodisfati

integrazzjoni tal-perspettiva ***tal-ġeneri*** u ta' impenji favur l-ugwaljanza bejn ***il-ġeneri*** fil-politiki tal-UE, kif ġie ppreżentat fil-proposti tal-QFP; jissottolinja wkoll il-pożizzjoni tiegħu li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima ***jenħtieġ li*** jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-QFP attwali u ***jenħtieġ li*** jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027;	l-impenji tal-UE lejn Ewropa inkluživa u jiddeplora n-nuqqas ta' integrazzjoni tal-perspettiva ***tas-sessi*** u ta' impenji favur l-ugwaljanza bejn ***is-sessi*** fil-politiki tal-UE, kif ġie ppreżentat fil-proposti tal-QFP; ***jappoġġja dimensjoni baġitarja msaħħa u speċifika fil-ġlieda kontra kull każ ta' diskriminazzjoni, b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni tas-sessi fil-politiki dwar il-migrazzjoni u l-asil u l-politiki esterni tal-UE***; jissottolinja wkoll il-pożizzjoni tiegħu li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima ***għandu*** jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-QFP attwali u jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5a) Jappella biex il-QFP jiġi rivedut bil-ħsieb li jiddaħħlu miżuri konkreti u jiġu allokati aktar riżorsi finanzjarji għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u t-tfajliet u jiġi żgurat li n-nisa migranti u rifuġjati, kif ukoll in-nisa mingħajr dokumenti, jingħataw protezzjoni mill-vjolenza; jinsisti fuq investimenti mmirati biex jiġu żgurati d-drittijiet u s-sikurezza tan-nisa tul il-proċedura kollha tal-asil;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5b) Jiddeplora l-fatt li m'għadx hemm programm individwali ddedikat għall-

vjolenza fuq in-nisa u li din hija integrata biss fi programm aktar ġenerali dwar iċ-ċittadini u d-drittijiet, u jappella għal aktar fondi favur il-prevenzjoni, il-ġlieda u l-qerda tal-vjolenza fuq in-nisa, l-aktar forma estensiva ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u riflessjoni ċara tal-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; jenfasizza li l-UE għandha dejjem tappoġġja l-ġlieda kontra l-vjolenza sessista u l-fastidju sesswali, speċjalment billi lill-Istati Membri tagħtihom l-appoġġ meħtieġ biex jimplimentaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

Emenda 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5c) Jappoġġja b'konvinzjoni l-impenji li joħorġu mill-Artikolu 9 tat-TFUE biex ikun hemm Ewropa soċjali u biex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, abbażi tat-tkabbir sostenibbli ta' ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna, bil-għan li jintlaħaq livell massimu ta' impjiegi, isir progress mil-lat soċjali u jiġu promossi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal kif minquxa fit-Trattat;

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5d) Jenfasizza l-ħtieġa, għaldaqstant, li n-nisa jkollhom aċċess għas-servizzi tas-

saħħa sesswali u riproduttiva u li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni vulnerabbli inklużi minorenni u gruppi oħra, bħall-komunità LGBTI;

Emenda 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5e) Jikkundanna bil-qawwa r-riintroduzzjoni u l-espansjoni tal-Global Gag Rule min-naħa tal-amministrazzjoni Trump u l-impatt ħażin tagħha fuq id-drittijiet u l-kura tas-saħħa globali tan-nisa u t-tfajliet u jtenni l-appell tiegħu biex l-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala parti mill-QFP, jimlew il-lakuna finanzjarja li ħallew l-Istati Uniti fil-qasam tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi permezz ta' fondi għall-iżvilupp nazzjonali u tal-UE;

Emenda 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5f) Jinsisti li l-futur tal-fondi strutturali u tal-politiki ta' koeżjoni għandu jinkludi miri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jiżdied il-finanzjament favur azzjonijiet li jirfdu u jiġġeneraw ugwaljanza akbar bejn is-sessi, bħall-investiment fis-servizzi pubbliċi għall-kura tat-tfal u l-anzjani;

Emenda 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5g) Itenni li l-QFP jeħtieġ jalloka impenji baġitarji adegwati favur aktar sforzi biex jintemm darba għal dejjem it-traffikar tan-nisa u t-tfajliet għall-isfruttament sesswali fl-Unjoni kollha u jsir investiment akbar fid-drittijiet u l-protezzjoni tal-vittmi, kif ukoll f'azzjonijiet biex tonqos id-domanda għal nisa u tfajliet traffikati;

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5h) Itenni l-appell tiegħu biex l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata fil-QFP li jmiss bil-ħsieb li jiġi miġġieled l-ispazju dejjem iċken għas-soċjetà ċivili, u jappella partikolarment lill-UE u l-Istati Membri jżidu l-appoġġ politiku u finanzjarju li jagħtu lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, lid-djar li joffrulhom kenn u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa fl-Unjoni u madwar id-dinja;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6a) Jirrakkomanda li jitwaqqaf Fond Ewropew għad-Demokrazija intern –

amministrat mill-Kummissjoni – biex jissaħħaħ l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-NGOs li jaħdmu fl-oqsma tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa u l-ġlieda kontra l-vjolenza sessista.

Emenda 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(11a) Itenni d-dispjaċir tiegħu li, minkejja d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi mehmuża mal-QFP, ma sar l-ebda progress sinifikanti f'dan il-qasam fil-QFP 2014-2020;

Emenda 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(11b) Jiddispjaċih ħafna li l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi twarrbet kompletament mill-proposta tal-Kummissjoni u li mhux biss ma tjibitx is-sitwazzjoni iżda l-proposti huma pass lura; jirrimarka l-fatt li l-objettivi eżistenti ddedikati għall-ugwaljanza bejn is-sessi ġew amalgamati ma' objettivi politiċi oħrajn, bħall-programm Drittijiet u Valuri, u li l-obbligi relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, bħall-kundizzjonalità ex ante tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-fondi SIE, tneħħew mill-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni;

Emenda 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(11c) Jiddeplora l-fatt li diversi programmi jinkludu l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala objettivi trasversali biss, u dan iwassal biex jonqos l-appoġġ għal azzjonijiet speċifiċi għas-sessi;

Emenda 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(11d) Itenni l-appell tiegħu biex il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jġeddu l-impenn tagħhom favur l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-QFP li jmiss permezz ta' dikjarazzjoni konġunta, mehmuża mal-QFP, li tinkludi impenn kategoriku favur l-implimentazzjoni ta' bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi; itenni l-appell tiegħu biex l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-proċeduri baġitarji annwali jsirilha monitoraġġ effikaċi bl-inklużjoni ta' dispożizzjoni fil-qafas ta' klawsola ta' rieżami fir-Regolament dwar il-QFP il-ġdid;

Emenda 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(11e) Jistieden lill-istituzzjonijiet sħab juru sens ta' tmexxija billi jaċċettaw l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala objettiv orizzontali, minbarra li jidentifikaw u jimplimentaw mekkaniżmu effikaċi biex l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi jiġi applikat tul l-istrumenti u l-programmi kollha tal-QFP, kif ukoll bħala proċedura baġitarja annwali;

Emenda 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(11f) Jappella biex, fil-programmi tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza (REC) 2014-2020, Orizzont 2020, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni II (IPA II), l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (DCI), jiġu stabbiliti miri ċari u riżorsi dedikati biex ikun hemm implimentazzjoni u monitoraġġ sistematiċi u jiġi evitat li ssir biss referenza għall-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza bejn is-sessi mingħajr ma jintalbu azzjonijiet speċifiċi, bħal fil-każ tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (EMFF) u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG);

Emenda 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18 – subparagrafu i

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
i. ***Reviżjoni*** ta' nofs it-terminu obbligatorja u legalment vinkolanti, wara ***reviżjoni*** tal-funzjonament tal-QFP;	(18i) ***reviżjoni*** ta' nofs it-terminu obbligatorja u legalment vinkolanti, wara ***rieżami*** tal-funzjonament tal-QFP ***mil-lat ta' integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi***;

Emenda 27

Paragrafu 38
Modifika 8a (ġdida) – Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(9a) L-Artikolu 8 tat-TFUE jistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi fl-attivitajiet kollha tal-UE, li jirrikjedi l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati u trasparenza fl-allokazzjonijiet baġitarji ddedikati għall-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni sesswali.

Emenda 28

Paragrafu 38
Modifika 16a (ġdida) – Kapitolu 1 – Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Artikolu 3a (ġdid)

Ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinkorporaw il-perspettiva tas-sessi fil-livelli differenti tal-proċedura baġitarja għal kull sena kkonċernata u jirristrutturaw id-dħul u l-infiq bil-għan li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Emenda 29

Paragrafu 38
Modifika 35 – Kapitolu 4 – Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Artikolu 16 ***Rieżami** ta' nofs it-terminu tal-QFP*	*Artikolu 16* ***Reviżjoni** ta' nofs it-terminu tal-QFP*
Qabel l-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta rieżami tal-funzjonament tal-QFP. Dan ir-rieżami għandu***, kif ikun xieraq, ***ikun akkumpanjat*** minn proposti rilevanti.	Qabel l-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha ***tirrevedi l-QFP. Din ir-reviżjoni għandha tintroduċi l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi, tinkludi kapitolu speċifiku dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u***, kif ikun xieraq, ***tkun akkumpanjata*** minn proposti rilevanti. ***Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva stabbilita fl-Artikolu 312 tat-TFUE u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jirrevedi dan ir-regolament.***

10.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
2018/0166R(APP)

Rapporteur għal opinjoni: Peter Jahr

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jenfasizza li Politika Agrikola Komuni modernizzata u ffinanzjata sew (PAK), waħda mill-aktar politiki integrati tal-UE, għandha rwol kruċjali fit-twettiq tal-għanijiet ewlenin tal-UE inkluża s-sigurtà tal-ikel, billi tipprovdi lill-konsumaturi ikel sikur ta' kwalità għolja bi prezzijiet raġonevoli, tippreserva l-pajsaġġi u l-ambjent naturali u tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa; jirrimarka li l-għadd ta' regoli li jirregolaw il-protezzjoni tal-ikel, tas-saħħa u tal-ambjent, li l-bdiewa jridu jkunu konformi magħhom, żdied ħafna, filwaqt li s-sehem relattiv tal-PAK fil-baġit tal-UE baqa' jonqos; jissottolinja l-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn prattiki tal-biedja li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u jiġu ppremjati għall-provvista ta' prodotti ambjentali;

2. Jirrimarka li tnaqqis possibbli fil-baġit tal-PAK se jkollu effetti diżastrużi billi dan jikkontribwixxi, minn naħa waħda, għat-tneħħija ta' inċentivi li jiżguraw l-ogħla standards agrikoli u, min-naħa l-oħra, jipperikola s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel fl-Unjoni; jenfasizza li l-bdiewa ma jistgħux ikunu obbligati jissodisfaw aktar kundizzjonijiet mingħajr appoġġ adegwat li fl-istess ħin iqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari wara l-investiment u sforzi oħrajn li jappoġġjaw u jipproteġu l-ambjent u jipprovdu servizzi pubbliċi filwaqt li jissalvagwardjaw il-bijodiversità u s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel;

3. Itenni l-appell tiegħu li jinżamm il-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-2027, tal-anqas fil-livell tal-baġit 2014-2020 għall-UE-27 f'termini reali, minħabba r-rwol fundamentali ta' din il-

politika fl-iżgurar tas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-agrikoltura Ewropea u l-iżvilupp ta' żoni rurali dinamiċi; jenfasizza li settur agrikolu tal-UE li huwa reżiljenti, sostenibbli, kompetittiv u li jissalvagwardja d-dħul tal-bdiewa jeħtieġ baġit tal-PAK stabbli u ffinanzjat tajjeb; jafferma mill-ġdid il-fehma soda tiegħu li l-agrikoltura ma trid issofri l-ebda żvantaġġ finanzjarju minħabba deċiżjonijiet politiċi bħall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jħallu impatt fuq l-agrikoltura jew il-kunflitti politiċi ma' sħab kummerċjali internazzjonali fil-qasam tal-agrikoltura, bħall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jew il-finanzjament ta' politiki ġodda Ewropej; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE għal 1,3 % tal-ING tagħhom;

4. Jopponi bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss, li tinvolvi tnaqqis sostanzjali fil-PAK, inkluż il-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (il-programm POSEI) għar-reġjuni ultraperiferiċi; jenfasizza li dan it-tnaqqis jipperikola l-ksib tal-għanijiet tal-PAK; jenfasizza li l-isfidi li jiffaċċjaw il-bdiewa bħall-prattiki kummerċjali inġusti, aktar konċentrazzjoni tas-suq u ftehimiet ta' kummerċ ħieles, flimkien ma' problemi li qegħdin iseħħu relatati mal-klima u mat-temp, minflok jistgħu jeħtieġu żieda fil-baġit tal-PAK; jisħaq fuq il-fatt li l-marġni tat-tnaqqis ivarja skont il-parametri użati għat-tqabbil; jistieden lill-Kummissjoni, għall-fini ta' komparabbiltà mtejba, biex minn issa 'l quddiem tippreżenta l-QFP fi prezzijiet kurrenti biss;

5. Jappella għal żieda fl-allokazzjonijiet baġitarji fil-QFP 2021–2027 għall-programmi POSEI biex ir-reġjuni ultraperiferiċi jibbenefikaw minnhom, li xorta waħda għadhom affettwati ħafna mill-kriżi u esposti għall-iżvantaġġi strutturali msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, inklużi l-periferiċità, l-insularità, iċ-ċokon, it-topografija diffiċli u d-dipendenza klimatika u ekonomika fuq ftit prodotti;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi fil-QFP il-ġdid riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-UE għall-ewwel pilastru tal-PAK, kif stabbilit fit-Trattat tal-Adeżjoni tal-Kroazja[1], dwar il-perjodu tranżitorju li jispiċċa fl-2022;

7. Jilqa' il-memorandum tal-31 ta' Mejju 2018 intitolat "QFP Futur – PAK", iffirmat mill-ministri tal-agrikoltura tal-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja, li jqajjem tħassib dwar it-tnaqqis propost mill-Kummissjoni għall-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-2027;

8. Jisħaq fuq l-importanza li jinżammu l-allokazzjonijiet finanzjarji eżistenti kemm għall-pagamenti diretti, bħala xibka ta' sikurezza ta' introjtu li tirrifletti l-għan fit-tul ta' tranżizzjoni lejn mudell aktar sostenibbli tal-agrikoltura Ewropea li jżid il-kompetittività, kif ukoll għat-tieni pilastru tal-fondi għall-bdiewa u l-popolazzjonijiet rurali; jirrimarka li kwalunkwe tnaqqis għall-pagamenti diretti għandu impatt dirett fuq l-introjtu tal-bdiewa; jiddeplora b'mod partikolari t-tnaqqis drastiku previst għat-tieni pilastru tal-PAK, li jagħti kontribut sinifikanti għall-investiment u l-impjiegi, kif ukoll l-aċċessibbiltà u l-attraenza territorjali, il-kura ambjentali u l-azzjoni klimatika f'żoni rurali, partikolarment permezz ta' finanzjament għal approċċi minn isfel għal fuq għall-iżvilupp lokali bħall-programm LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità;

[1] ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10

jistieden lill-Kummissjoni li, għar-reġjuni ultraperiferiċi, tistabbilixxi programmi kompletament awtonomi u indipendenti ta' żvilupp rurali taħt it-tieni pilastru, simili għall-miżuri tal-POSEI taħt l-ewwel pilastru; ifakkar, li l-għan ewlieni ta' din il-Kummissjoni huwa li żżomm u toħloq l-impjiegi fl-UE; jiċħad bil-qawwa, għalhekk, il-pjanijiet tal-Kummissjoni li tnaqqas b'mod serju l-baġit tal-UE għall-iżvilupp rurali u jinsisti fuq Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) iffinanzjat sew; jenfasizza li ma jistax jittieħed bħala fatt li l-kofinanzjament nazzjonali taħt it-tieni pilastru se jagħmel tajjeb għad-diskrepanza fil-baġit;

9. Itenni li l-finanzjament totali disponibbli għall-FAEŻR u għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għall-perjodu li jmiss għandu jkun ta' EUR 382 855 000 000 fi prezzijiet kostanti biex jikkorrispondi għal dak allokat għall-perjodu 2014-2020;

10. Jenfasizza li l-aspettattiva li 40 % tal-finanzjament tal-PAK se jintefqu fuq l-azzjoni klimatika tista' tinkiseb biss jekk il-fondi għall-iskemi ambjentali u klimatiċi ma jkunux soġġetti għat-tnaqqis ta' pagamenti kif stipulat fl-Artikolu 15 tal-proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-PAK (COM(2018)0392);

11. Jinnota li t-tnaqqis fil-Pilastru II qed itellef l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ir-reżistenza għat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp ta' teknoloġiji agrikoli innovattivi ġodda u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, kif ukoll miżuri li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali;

12. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-konverġenza esterna tal-livelli ta' pagamenti diretti bejn l-Istati Membri; jenfasizza li din il-konverġenza akbar tista' tinkiseb biss jekk il-baġit tal-PAK tal-anqas jinżamm f'termini reali;

13. Jappella għal użu akbar tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u l-finanzjament għall-iżvilupp sostenibbli ta' żoni rurali sabiex jiġu miġġielda d-dewmien fl-iżvilupp u d-depopolazzjoni f'dawn iż-żoni;

14. Ifakkar fl-impenji tal-Kummissjoni biex iżżomm il-baġit tal-programm POSEI fil-livell kurrenti tiegħu;

15. Itenni t-talba tiegħu għal riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati d-dazji fuq il-prodotti agrikoli bħala sors ta' dħul għall-baġit tal-UE; jinnota t-tnaqqis fid-dħul mid-dazji matul dawn l-aħħar snin, peress li t-tnaqqis fit-tariffi medji qabżu ż-żidiet fil-volumi tan-negozju; jinnota l-inkonsistenza tal-enfasi fuq l-agrikoltura orjentata lejn l-esportazzjoni, li tista' tesponi setturi sensittivi għal żieda fil-kompetizzjoni filwaqt li fl-istess ħin, it-tnaqqis tat-tariffi jdgħajjef il-pedamenti meħtieġa biex jinżammu l-istess setturi għall-beni pubbliċi li jipprovdu;

16. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal analiżi ta' nofs it-terminu tal-QFP legalment vinkolanti u obbligatorja;

17. Jenfasizza li żieda indiretta fl-introjtu, partikolarment ta' bdiewa żgħar u ta' daqs medju, tista' tinkiseb ukoll permezz ta' tnaqqis reali fil-burokrazija żejda għall-bdiewa fil-PAK, żieda fil-flessibbiltà fil-kontrolli u funzjonament aħjar u aktar trasparenti tal-katina tal-

provvista tal-ikel; jisħaq fuq l-importanza tas-servizzi ta' konsulenza li jagħtu pariri indipendenti lill-bdiewa dwar l-adattament u t-titjib tal-prattiki tagħhom, inklużi l-prattiki u l-azzjonijiet klimatiċi biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-inputs;

18. Jilqa' l-proposta ta' eżami mill-ġdid tal-Kummissjoni tal-funzjonament tar-riżerva għall-kriżijiet, b'mod partikolari l-possibbiltà li l-fondi mhux użati tar-riżerva agrikola l-ġdida jiġu riportati minn sena għall-oħra; ma jaqbilx dwar il-fatt, u jinsab imħasseb dwaru, li l-ammonti inizjali li għandhom jintużaw biex jiġi kostitwit il-fond mhux se jkunu ġejjin minn barra l-baġit tal-PAK iżda minflok se jittieħdu minn pagamenti diretti fl-2020 u mhux se jitħallsu lura lill-bdiewa; jappella, għalhekk, għal riżerva ta' kriżi agrikola indipendenti stabbilita barra l-baġit tal-PAK;

19. Iqis li l-proposta tal-Kummissjoni li testendi d-dixxiplina finanzjarja għall-benefiċjarji kollha tal-pagamenti diretti mhux se sservi l-għan li jintlaħaq bilanċ aħjar fid-distribuzzjoni tal-pagamenti bejn l-azjendi agrikoli ta' daqs differenti, u għalhekk jistenna li tinżamm l-eżenzjoni kurrenti mill-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja għall-bdiewa li jirċievu sa EUR 2 000 f'pagamenti diretti;

20. Huwa favur li jinżamm il-baġit tal-iskema tal-frott, il-ħaxix u l-ħalib għall-iskejjel tal-anqas fl-istess livell, peress li din għandha rwol importanti fil-promozzjoni ta' ikel tajjeb għas-saħħa u fl-iffurmar ta' drawwiet pożittivi ta' ikel fost it-tfal u ż-żgħażagħ;

21. Jirrikonoxxi r-riskju li t-tnaqqis ta' appoġġ għall-PAK u għall-miżuri ta' politika ta' koeżjoni jkun ifisser limitazzjoni tal-ambitu biex jingħata appoġġ għall-intraprenditorija f'żoni rurali u appoġġ għall-iżvilupp territorjali f'termini ta' infrastruttura;

22. Jappella għal bilanċ aħjar bejn l-objettivi ambjentali u klimatiċi u l-finanzjament tal-PAK, peress li ż-żieda ambizzjuża proposta mill-Kummissjoni f'dan il-qasam (40 % tal-baġit kollu tal-PAK għall-miri klimatiċi, u 30 % tal-finanzjament tal-Pilastru II għall-ambjent), flimkien ma' tnaqqis sinifikanti fil-finanzjament, ifisser li l-kapaċità tal-politika li tilħaq l-għanijiet tal-immodernizzar u r-ristrutturar tas-settur agroalimentari u l-iżvilupp rurali se tonqos bil-kbir;

23. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi intensifikat il-kontroll doganali fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u tal-ikel fl-UE, filwaqt li tiġi stabbilita linja baġitarja speċifika taħt l-Intestatura IV (11) "Ġestjoni tal-fruntieri" biex jitwettaq bis-sħiħ il-potenzjal tal-unjoni doganali u jiġu evitati l-kummerċ illegali u l-frodi;

24. Iqis li n-nefqa fuq il-miżuri tas-suq, bħall-intervent pubbliku u l-għajnuna għall-ħżin privat, għandu jkollha linja baġitarja apposta u m'għandhiex tiddependi biss fuq il-fondi ta' riżerva agrikola; jenfasizza li l-fondi ta' riżerva agrikola għandhom jintużaw primarjament biex ilaħħqu malajr ma' ċirkostanzi serji li jmorru lil hinn mill-iżviluppi normali tas-suq u jħallu impatt fuq il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni fil-qasam tal-agrikoltura fl-UE;

25. Jirrimarka li fil-perjodu kopert mill-QFP 2021-2027, il-proċess ta' konverġenza jrid jitlesta kompletament sabiex tinkiseb kompetizzjoni ġusta fost l-Istati Membri kif ukoll jiġu stabbiliti l-prinċipji tal-ugwaljanza fuq bażi mifruxa mal-UE kollha, u li d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tinsab fil-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-24 u l-25 ta' Ottubru 2002 trid tiġi implimentata kompletament;

26. Jenfasizza li waħda mill-problemi ewlenin hija t-tiġdid ġenerazzjonali, u għalhekk, jikkunsidra li minbarra li jirċievu għajnuna għall-ħolqien ta' azjendi agrikoli, iż-żgħażagħ għandhom jirċievu wkoll għajnuna speċifika fl-ewwel ftit snin tal-attività agrikola tagħhom;

27. Jinnota li, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-epidemiji u l-kundizzjonijiet avversi tat-temp affettwaw serjament it-trobbija tal-bhejjem u l-kultivazzjoni tar-raba', u jappella għal appoġġ finanzjarju akbar biex ikopri t-telf tal-bdiewa;

28. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tiddedika EUR 10 biljun għar-raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali" ta' Orizzont Ewropa sabiex jiġu żviluppati u promossi l-innovazzjoni u r-riċerka fil-qasam tal-agrikoltura u tal-ikel; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jżommu dan il-livell ta' ambizzjoni baġitarja matul il-proċess ta' approvazzjoni tal-QFP, speċjalment meta jitqies it-tnaqqis previst fit-tieni pilastru;

29. Jisħaq fuq il-fatt li sabiex jerġa' jinkiseb l-appoġġ għal PAK iffinanzjata sew, ir-riformi għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss iridu jagħtu valur aħjar għall-flus, kif muri permezz ta' riallokazzjoni akbar ta' fondi lill-bdiewa bi dħul baxx.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Peter Jahr 4.7.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 –: 5 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Esther Herranz García, Jan Huitema, Martin Häusling, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Laurenţiu Rebega, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Stefan Eck, Elsi Katainen, Susanne Melior, Momchil Nekov, Annie Schreijer-Pierik, Ramón Luis Valcárcel Siso, Thomas Waitz
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Stanisław Ożóg

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

30	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Ulrike Müller
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, Stanisław Ożóg, Laurenţiu Rebega
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
ENF	Philippe Loiseau
PPE	Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Susanne Melior, Momchil Nekov, Maria Noichl, Maria Gabriela Zoană
Verts/ALE	José Bové

5	-
ALDE	Jan Huitema, Elsi Katainen
EFDD	John Stuart Agnew
GUE/NGL	Stefan Eck
Verts/ALE	Martin Häusling

3	0
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez
Verts/ALE	Bronis Ropė

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

17.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament fid-dawl ta' ftehim
(2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Željana Zovko

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Ifakkar li l-Artikolu 208 tat-TFUE, li abbażi tiegħu l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, li għandha t-tnaqqis tal-faqar bħala l-għan ewlieni tagħha, u fit-terminu twil, il-qerda tal-faqar; jenfasizza li l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin. ifakkar li l-Artikolu 21(2) tat-TUE jiddisponi li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkontribwixxi għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE; jappella għar-rispett sħiħ tal-impenji ġuridiċi tat-TFUE u tat-TUE u għal strument estern orjentat lejn l-iżvilupp fil-QFP 2021-2027 li jmiss;

2. Ifakkar fil-ħtieġa li jiżdiedu l-livelli attwali tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) fl-intestatura esterna futura tal-QFP, u jilqa' ż-żieda modesta (fi prezzijiet tal-2018) proposta mill-Kummissjoni;

3. Jinnota li l-proposta għal Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) tirrifletti approċċ ġdid lejn il-politika estera u lejn il-politika tal-iżvilupp, li mhuwiex skont l-Artikolu 208 tat-TFUE; jissottolinja li l-qerda tal-faqar trid tkun l-għan aħħari tal-politiki tal-iżvilupp tal-UE u li l-qerda tal-faqar, kif ukoll l-iżvilupp uman, ambjentali u ekonomiku sostenibbli, l-indirizzar tal-inugwaljanzi, l-inġustizzja u l-esklużjoni, il-governanza tajba u l-paċi u s-sigurtà jridu jkunu l-objettivi primarji tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE fil-QFP li jmiss, flimkien mal-impenji tagħha fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) skont l-Artikolu 208(2) tat-TFUE;

4. Ifakkar li l-impenji tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp u l-Ftehim ta' Pariġi jridu jkunu ta' gwida għall-politika tal-iżvilupp tagħha; iqis li l-appoġġ tal-UE għal tali implimentazzjoni fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp irid iżomm l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u jiffoka fuq objettivi fuq żmien twil bħall-qerda tal-faqar, l-indirizzar tal-inugwaljanzi, l-inġustizzja u l-esklużjoni, u l-promozzjoni ta' governanza demokratika, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, partikolarment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati;

5. Jissottolinja li fil-QFP li jmiss irid jiġi żgurat li l-istrumenti esterni huma mmexxija mill-politika, li jservu bl-aktar mod effikaċi l-kisba tal-objettivi tal-politiki rilevanti, kif stabbilit fit-Trattati; ifakkar li l-interessi domestiċi tal-UE m'għandhomx imexxu l-aġenda tagħha fl-oqsma tal-viċinat, tal-iżvilupp, tal-għajnuna umanitarja u tal-kooperazzjoni internazzjonali; jissottolinja l-oppożizzjoni tiegħu għall-istrumentalizzazzjoni tal-għajnuna;

6. Jinnota li l-ħtiġijiet ġodda ta' finanzjament li jirriżultaw mid-deterjorament tal-kundizzjonijiet tas-sigurtà fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea u miż-żieda fil-flussi tal-migrazzjoni lejn l-Unjoni jirrikjedu żieda fil-finanzjament fil-QFP li jmiss; jinnota li l-isfidi l-ġodda jridu jiġu indirizzati flimkien mal-SDGs; iqis li l-ħolqien ta' NDICI għandu r-riskju li jiggrava l-problemi enfasizzati fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrumenti ta' finanzjament estern, jiġifieri li d-domanda li dejjem qiegħda tikber minn oqsma ta' politika oħrajn tefgħet il-politiki tal-iżvilupp tal-UE lil hinn mill-għan tat-tnaqqis tal-faqar; jirrimarka li għalkemm il-baġitizzazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp hija tant mixtieqa, din ma tistax tiġi interpretata bħala żieda fil-finanzjament għall-iżvilupp;

7. Ifakkar li l-allokazzjonijiet tal-għajnuna fil-livell tal-pajjiż fi ħdan il-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE għandhom jikkomplementaw il-politika estera, filwaqt li jiżguraw li l-finanzjament għall-iżvilupp jintuża biss għall-objettivi u finijiet relatati mal-iżvilupp u mhux biex ikopru spejjeż relatati mal-kisba ta' objettivi differenti, bħall-politiki dwar il-kontroll fil-fruntieri jew dawk ta' kontra l-migrazzjoni;

8. Jinnota li t-tfassil tal-istrument ta' kooperazzjoni għandu jħalli biżżejjed flessibbiltà għal programmi mfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' pajjiżi terzi; itenni li sehem sostanzjali tal-għajnuna tal-UE għandha tiġi allokat għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, bħala l-mira primarja tal-ODA; jenfasizza li l-iżgurar tal-effiċjenza, l-effikaċja, il-viżibbiltà u l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp matul l-implimentazzjoni, l-iżgurar tal-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittjiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll l-introduzzjoni ta' parametru referenzjarju ta' 20 % tal-fondi għal servizzi soċjali bażiċi, huma aspetti ewlenin tal-iżvilupp li jridu jinżammu u jitjiebu fiċ-ċiklu tal-QFP li jmiss;

9. Jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittjiet tan-nisa u l-bniet u l-emanċipazzjoni tagħhom jridu jkunu objettivi sinifikanti fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi; iqis li l-baġit tal-UE għandu jkun sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u sensittiv għall-kunflitti;

10. Jinnota li l-NDICI propost għandu diversi mekkaniżmi ta' flessibbiltà bħal riżervi,

miżuri ta' rpar u oqsfa ta' rispons rapidu; jenfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq l-effetti ta' żieda fil-flessibbiltà fuq il-prevedibbiltà tal-ODA; jappella għal żieda fl-iskrutinju parlamentari u elaborazzjoni aktar ċara dwar il-governanza u l-istrutturi tiegħu; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' referenza espliċita fl-objettivi għall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli, l-SDGs u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi; jissottolinja li dawn il-prijoritajiet iridu jiġu riflessi b'mod espliċitu fl-objettivi tal-istrument propost sabiex jitwettaq il-Kunsens għall-Iżvilupp;

11. Jiġbed l-attenzjoni għall-impenji internazzjonali tal-UE, li s'issa għadhom ma ġewx onorati, biex iżżid l-ODA għal 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING), li 20 % minnhom imorru għall-iżvilupp tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali, u 0,2 % tal-ING għall-pajjiżi l-anqas żviluppati sal-2030, kif ukoll li tipprovdi finanzjament ġdid u addizzjonali għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; isostni li dawn l-impenji jridu jkunu riflessi b'mod xieraq fil-QFP 2021-2027;

12. Jilqa' u jitlob li tinżamm l-eliġibbiltà għall-istrument proposta ta' 92 % tal-ODA; jappella għad-delimitazzjoni ta' mill-anqas 20 % tal-ODA, fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi, kull sena u matul il-perjodu ta' żmien tal-NDICI għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, sabiex jiġi sostnut u msaħħaħ il-forniment ta' servizzi soċjali bażiċi, bħas-saħħa (inkluża n-nutrizzjoni), l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għall-persuni l-aktar marġinalizzati inklużi n-nisa u t-tfal; jappella biex mill-anqas 85 % tal-ODA tkun dedikata għal azzjonijiet li għandhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv ewlieni jew sinifikanti, fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi, kull sena u matul il-perjodu ta' żmien tal-azzjonijiet tagħha; jafferma li, barra minn hekk, 20 % ta' dawn l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv prinċipali; jappella biex 50 % tal-istrument globali jkun iddedikat biex jikkontribwixxi għall-objettivi u l-azzjonijiet relatati mal-klima u l-ambjent;

13. Iqis li l-baġit tal-UE għandu jkun sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u sensittiv għall-kunflitti, u jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;

14. Ifakkar li l-allokazzjonijiet tal-għajnuna fil-livell tal-pajjiż ma għandhomx jiddependu minn ftehimiet dwar il-migrazzjoni mal-UE, u li ma għandu jkun hemm l-ebda devjazzjoni ta' finanzjament minn pajjiżi u reġjuni fqar għall-pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu tal-migranti lejn l-Ewropa għall-uniku fatt li dawn jinsabu fuq ir-rotta migratorja;

15. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-UE, b'tali mod li tkun prevista wkoll l-addizzjonalità totali tal-fondi trasferiti b'dan il-mod;

16. Jilqa' l-istabbiliment ta' strument iddedikat għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji extra-Ewropej bl-għan li jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u li jiġu promossi l-valuri u l-istandards tal-Unjoni madwar id-dinja; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li dan l-istrument jingħata riżorsi finanzjarji adegwati, b'diżaggregazzjoni li tkun adattata aħjar għall-ħtiġijiet u aktar bilanċjata għad-diversi pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

17. Jirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti li saru mill-Kummissjoni biex iżżid l-allokazzjoni għal-linja baġitarja tal-għajnuna umanitarja fil-QFP li jmiss; jinnota, madankollu, li din iż-żieda għadha ma tweġibx għal-livell ta' ħtiġijiet, li żdiedu b'aktar mid-doppju sa mill-2011;

18. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-QFP li jmiss jikkonforma fl-intier tiegħu mal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, kif affermat fl-Artikolu 208 tat-TFUE, u jikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs;

19. Ifakkar li l-ugwaljanza tal-ġeneri hija minquxa fit-Trattati tal-UE u li għandha tkun inkorporata fl-attivitajiet kollha tal-UE għat-twettiq tal-ugwaljanza fil-prattika; jenfasizza li l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru jrid isir parti integrali tal-QFP, permezz tal-inklużjoni ta' impenn ċar fir-Regolament dwar il-QFP;

20. Jilqa' l-ambitu estiż u ż-żieda fl-allokazzjoni tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, bl-għan li jkun hemm rispons ukoll għal kriżijiet interni; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi ggarantita prijorità għall-kriżijiet umanitarji li jseħħu għal għarrieda barra mill-UE;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li tinħataf l-opportunità tal-QFP li jmiss biex jiġu appoġġati finanzjarjament l-operazzjonijiet fl-ambitu tal-kunċett ta' Kollegament bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD); jissottolinja li l-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp teħtieġ li tiġi żgurata l-komplementarjetà tal-attivitajiet tal-iżvilupp u umanitarji, u bidla ta' kultura lil hinn mill-enfasi fuq l-UE bħala donatur lejn aktar flessibbiltà operazzjonali u teħid ta' riskju, bl-għan li jiġu appoġġati l-LRRD, ir-reżiljenza tal-individwi u l-komunitajiet u l-irkupru u r-rikostruzzjoni bikrin; jappella għal pjanar u finanzjament aktar pluriennali fir-rigward tal-attivitajiet umanitarji tal-UE, u għall-introduzzjoni sistematika ta' modifikaturi tal-kriżi fl-attivitajiet ta' żvilupp tal-UE sabiex is-sħab tal-UE jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp;

22. Jissottolinja li l-QFP 2021/2027 irid jippreserva u jtejjeb is-sorveljanza u l-iskrutinju tal-Parlament dwar l-użu tal-fondi, permezz ta' mekkaniżmu u proċess deċiżjonali ċari għall-iżborż ta' fondi mhux allokati, li jiggarantixxu li l-Parlament ikollu impatt fuq il-fażi tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament estern; itenni li kwalunkwe proposta għal żieda fil-flessibbiltà trid tkun bilanċjata b'titjib fit-trasparenza u r-responsabbiltà.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 13.9.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Željana Zovko 11.7.2018
Rapporteur għal opinjoni sostitut(a)	Frank Engel
Eżami fil-kumitat	30.8.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Nirj Deva, Mireille D'Ornano, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Eleni Theocharous, Mirja Vehkaperä, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Thierry Cornillet, Ádám Kósa, Cécile Kashetu Kyenge, Florent Marcellesi, Paul Rübig, Kathleen Van Brempt
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Kati Piri

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

21	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Thierry Cornillet, Mirja Vehkaperä
ECR	Nirj Deva, Eleni Theocharous
EFDD	Ignazio Corrao
GUE/NGL	Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey
PPE	Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Ádám Kósa, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
S&D	Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Kati Piri, Kathleen Van Brempt

1	-
EFDD	Mireille D’Ornano

3	0
PPE	Paul Rübig
VERTS/ALE	Maria Heubuch, Florent Marcellesi

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
(COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Jerzy Buzek

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jisħaq li l-QFP 2021-27 ma għandux jiċkien fil-volum mil-livelli tal-2020, anke fil-każ tal-Brexit, u li inizjattivi ġodda tal-UE jridu jitqabblu ma' riżorsi finanzjarji ġodda u adegwati u jkunu ttrattati bil-proċedura tal-kodeċiżjoni; jissottolinja li, b'mod speċjali l-prijoritajiet politiċi fuq terminu twil tal-Unjoni Ewropea bħat-tisħiħ tal-impjiegi u t-tkabbir, il-kisba ta' industrija Ewropea orjentata lejn il-futur u kompetittiva, u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jeħtieġ li jiġu appoġġjati b'biżżejjed riżorsi u għandhom jibqgħu l-oqsma fokali tal-programm il-ġdid tal-QFP;

2. Jenfasizza li r-rispett sħiħ għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament effikaċi tal-UE; jappoġġja, għalhekk, il-mekkaniżmu l-ġdid li jippermetti lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-miżuri effikaċi u xierqa f'każijiet ta' telf finanzjarju kkawżat minn nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fi Stat Membru, b'kunsiderazzjoni speċjali għall-indirizzar tal-korruzzjoni fl-ogħla livelli;

3. Jitlob li jkun hemm metodoloġija ċara għall-preżentazzjoni taċ-ċifri abbażi ta' prezzijiet kostanti;

4. Ifakkar li l-politiki u l-proġetti ta' finanzjament għandhom ikunu konformi mal-objettivi u l-impenji rigward il-klima u l-enerġija miftiehma fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi; jitlob li jiżdiedu l-impenji għall-objettivi marbutin mal-klima għal 30 % tal-infiq relatat mal-klima għall-perjodu tal-QFP 2021-2027 li jmiss sabiex tiġi ffaċilitata u żgurata t-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050;

5. Itenni l-appell tal-Parlament għal baġit globali miżjud ta' mill-inqas EUR 120 biljun bi prezzijiet kostanti għal Orizzont Ewropa sabiex ikun jista' jirreaġixxi b'mod xieraq għall-isfidi tas-soċjetà, jiżgura l-kompetittività globali tal-Ewropa, il-benesseri tal-popli u t-tmexxija fl-ambitu xjentifiku u industrijali, u biex jgħin jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fil-Ftehim ta' Pariġi; jissottolinja l-ħtieġa li l-investiment ta' Orizzont Ewropa jiffoka fuq ir-riċerka, l-iżvilupp u li jipprovdi lis-soċjetà soluzzjonijiet, kemm teknoloġiċi kif ukoll hux teknoloġiċi, li jindirizzaw l-isfidi l-aktar urġenti tas-soċjetà, bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni għal enerġija sostenibbli u rinnovabbli, ekonomija effikaċi fir-rigward tal-enerġija u r-riżorsi, li tkun ċirkolari u ħielsa minn sustanzi tossiċi, ikel u prattiki tal-biedja sostenibbli, u kura tas-saħħa u mediċina affordabbli; jilqa' l-possibbiltà ta' trasferiment tal-allokazzjonijiet finanzjarji għal programmi minn fond għal ieħor introdotti mir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u jinkoraġġixxi lit-territorji kollha jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom fir-riċerka; jemmen li għandhom jiġu elaborati aktar kundizzjonijiet u mekkaniżmi xierqa għal trasferimenti bħal dawn sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà mal-fondi strutturali u jiġi evitat l-awditjar doppju; jissottolinja l-fatt li l-appoġġ finanzjarju minn Orizzont Ewropa għandu jsir aċċessibbli għall-benefiċjarji permezz ta' proċess rapidu, minn isfel għal fuq u inqas amministrattiv, u billi jipprovdi servizzi ta' assistenza teknika li jiggwidaw lill-benefiċjarji lejn il-fondi l-aktar adatti; jemmen, barra minn hekk, li għandhom jiġu mħeġġa sinerġiji ma' programmi u strumenti ta' finanzjament oħra filwaqt li tintalab simplifikazzjoni amministrattiva massima;

6. Jemmen li, partikolarment meta wieħed iqis il-livell ta' ambizzjoni biex Orizzont Ewropa jsir aktar flessibbli, il-prijoritajiet ta' nfiq ta' kull programm għandhom ikunu ddeterminati fil-leġiżlazzjoni tal-Programm Qafas, u mhux fil-ftehim dwar il-QFP;

7. Jappoġġja l-baġit ta' EUR 3,5 biljun iddedikat għal InvestEU; jissottolinja bil-qawwa, madankollu, li dan il-baġit ma għandux jittieħed mill-finanzjament tal-Programm Orizzont, iżda jkun addizzjonali għalih; jemmen li r-riċerka, l-innovazzjoni u t-tieqa tad-diġitalizzazzjoni ta' InvestEU għandhom jużaw l-istess regoli bħas-suċċess tal-istrument InnovFin, japplikaw il-kriterji sottostanti kollha u jkopru l-ogħla segment tar-risku;

8. Jilqa' l-ammont allokat lill-komponenti diġitali u tal-enerġija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) li għandha l-għan li tagħlaq il-lakuni nieqsa fl-infrastruttura diġitali u tal-enerġija tal-Ewropa b'appoġġ għall-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej ta' prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonnessi b'mod effiċjenti fl-oqsma tal-enerġija u tas-servizzi diġitali, b'konformità sħiħa mal-objettivi tal-UE fuq terminu twil dwar l-enerġija u l-klima; jemmen li l-FNE għandha tkun aktar ambizzjuża dwar il-kwistjoni tas-sinerġiji, kif indikat fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha, b'mod partikolari biex jiġu sfruttati aħjar is-sinerġiji bejn l-infrastrutturi tat-trasport, diġitali u tal-enerġija; ifakkar li t-tranżizzjoni għal sistema b'livelli baxxi tal-karbonju hija l-punt fokali tal-FNE;

9. Jenfasizza l-effikaċja tal-istruttura ta' governanza ċentralizzata stabbilita permezz tar-Regolament FNE; jirrimarka li l-parti tal-Fond ta' Koeżjoni trasferita għall-FNE kellha suċċess kbir u li s-sodisfazzjon tal-Istati Membri kkonċernati jippermetti l-possibbiltà li dan il-mekkaniżmu jiġu estiż taħt il-QFP li jmiss; jipproponi, għalhekk, allokazzjoni ta' EUR 20 biljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u jiġu stabbiliti l-istess regoli ta' ġestjoni bħal fil-każ tat-trasferiment tar-responsabbiltà ta' ġestjoni għall-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE; iqis li, meta wieħed iqis id-differenza kbira li hemm bejn il-

finanzjament disponibbli u l-ħtiġijiet, din il-proposta tiżgura li jsir progress sinifikanti fil-proġetti TEN-T fl-Ewropa;

10. Jilqa' b'mod ġenerali l-proposta tal-Kummissjoni li talloka EUR 16-il biljun lill-Programm Spazjali Ewropew ġdid; jappella, madankollu, għal żieda moderata fil-baġit globali tal-programm; jisħaq, fir-rigward tal-komponenti tal-programm, fuq il-ħtieġa għal pakketti aktar ambizzjużi għal SSA u GOVSATCOM, filwaqt li jinżamm jew jiżdied b'mod moderat il-baġit allokat għall-komponenti Copernicus u Galileo; jisħaq li huwa estremament importanti li tiġi garantita l-kontinwità taż-żewġ komponenti emblematiċi, Galileo u Copernicus, u li jiġi żgurat il-funzjonament taż-żewġ inizjattivi ġodda, GOVSATCOM u SSA, li jittrattaw il-problema li qed dejjem tiżdied tas-sikurezza tal-infrastruttura spazjali u tas-sigurtà tal-komunikazzjoni satellitari;

11. Jilqa' l-fatt li tal-inqas EUR 9,194 biljun huma allokati għall-Programm Ewropa Diġitali li se jibni l-kapaċitajiet diġitali tal-UE, speċjalment għall-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċibersigurtà u l-Informatika ta' Prestazzjoni Għolja, filwaqt li tissaħħaħ it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà billi jiġu appoġġjati l-ħiliet diġitali; jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib ma' Orizzont Ewropa, il-FNE u l-FSIE;

12. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' finanzjament adegwat għal programm ta' azzjonijiet tal-UE li jtejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi, b'enfasi speċjali fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs); jinnota li programm iffukat fuq l-SMEs għandu jikkomplementa programmi oħra tal-UE u għandu jinbena wkoll fuq l-esperjenza solida miksuba mill-programm predeċessur (COSME) billi jkollu l-għan li jtejjeb l-aċċess għas-swieq ġewwa u barra l-Unjoni, itejjeb il-kundizzjonijiet qafas għan-negozji u l-kompetittività tal-intrapriżi, u jippromwovi l-intraprenditorija u l-kultura intraprenditorjali;

13. Jemmen li fis-settur tal-enerġija, għandha ssir enfasi fuq is-sigurtà tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, l-użu mtejjeb tal-enerġiji rinnovabbli, l-akkopjament tas-setturi, l-infrastruttura intelliġenti u moderna, l-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur, u suq tal-enerġija li jiffunzjona b'aktar kooperazzjoni u kummerċ transfruntiera; iqis li huwa essenzjali li tintlaħaq tal-inqas il-mira tal-interkonnettività ta' 15 % sal-2030; jenfasizza li l-QFP li jmiss għandu jiffoka fuq li jilħaq l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija; jisħaq li l-QFP li jmiss għandu jiffoka fuq l-iżgurar tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea sabiex jilħaq l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, l-għanijiet klimatiċi tal-UE u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli sabiex jibbenefikaw minnhom l-UE u ċ-ċittadini kollha tagħha u, b'mod partikolari, jappoġġja lil familji vulnerabbli, bi dħul baxx li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku sabiex isiru effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

14. Jissottolinja l-importanza tas-sikurezza nukleari u jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-ammont allokat għall-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja minn EUR 552 miljun għal EUR 780 miljun sabiex il-Litwanja tkun assistita b'mod adegwat f'li tissodisfa l-isfida teknoloġika taż-żarmar tal-qalba tar-reattur tal-grafit tat-tip Chernobyl, kif ukoll biex jiġu pprevenuti r-riskji radjoloġiċi u jitnaqqas aktar il-periklu taċ-ċittadini tal-UE;

15. Jiddispjaċih ħafna li t-talba tiegħu għall-ħolqien ta' fond għal tranżizzjoni ġusta għal reġjuni b'użu intensiv tal-faħam u tal-karbonju taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) l-ġdid ma kinitx riflessa fil-proposta l-ġdida tal-QFP; itenni l-appell tiegħu li jinħoloq Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija fil-livell tal-Unjoni b'baġit totali ta' EUR 5 biljun

biex jappoġġja reġjuni b'sehem għoli ta' ħaddiema fis-setturi u l-komunitajiet dipendenti fuq il-faħam u l-karbonju li huma milquta ħażin minn din it-tranżizzjoni; jisħaq ukoll li, taħt dan il-fond, għandhom jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' tranżizzjoni inklużivi, lokali u ġusti u biex jiġu indirizzati l-impatti soċjetali, soċjoekonomiċi u ambjentali, flimkien mar-rikonverżjoni ta' siti u l-ħolqien ta' impjiegi diċenti u sostenibbli, kif ukoll taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet fi proċessi u teknoloġiji nodfa bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika;

16. Jissottolinja l-ħtieġa li jinżamm il-baġit adegwat u ċar ta' EUR 13-il biljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża biex jagħti spinta lit-tkabbir u l-kompetittività tal-industrija Ewropej tad-difiża;

17. Jappella għal finanzjament xieraq għall-aġenziji taħt il-mandat tal-ITRE biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jwettqu b'mod adegwat l-għadd dejjem jiżdied ta' kompiti tagħhom;

18. Jitlob li l-QFP jiġi adottat fil-ħin u li l-bażijiet ġuridiċi relatati jiżguraw tranżizzjoni mingħajr xkiel minn programm għal ieħor u li jiġi evitat dewmien fl-implimentazzjoni;

19. Jissottolinja l-ħtieġa għal reviżjoni ta' nofs it-terminu legalment vinkolanti u obbligatorja tal-QFP; jemmen li l-involviment tal-Parlament għandu jiġi żgurat fi kwalunkwe reviżjoni tal-QFP;

20. Jinnota li r-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027 huwa punt ewlieni fil-ġestjoni tal-infiq tal-UE, sabiex jiġi vvalutat kif il-programmi ta' investiment qed jaħdmu b'miri u objettivi stipulati, u jekk jippreżentawx kapaċità ta' assorbiment adegwata u jiġġenerawx valur miżjud tal-UE; jissottolinja li r-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu huwa opportunità għal simplifikazzjoni ulterjuri fiċ-ċiklu globali ta' implimentazzjoni;

21. Jinnota li l-QFP li jmiss se jkollu jikkunsidra t-tluq tar-Renju Unit mill-UE u l-implikazzjonijiet ta' dan għall-baġit tal-UE; jesprimi x-xewqa li l-programmi tal-UE skont il-mandat tal-ITRE jkunu jistgħu jitkomplew mingħajr xkiel; jilqa, f'dan ir-rigward, il-proposti tal-Kummissjoni rigward il-modernizzazzjoni tar-riżorsi proprji eżistenti u l-implimentazzjoni ta' dawk ġodda, kif ukoll l-eliminazzjoni tar-rifużjonijiet u ż-żieda fil-limiti massimi tar-riżorsi proprji.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Jerzy Buzek 16.7.2018
Eżami fil-kumitat	10.9.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40 –: 4 0: 10
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Jonathan Bullock, Jerzy Buzek, Reinhard Bütikofer, Angelo Ciocca, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Christian Ehler, Fredrick Federley, Ashley Fox, Theresa Griffin, Igor Gräzin, András Gyürk, Hans-Olaf Henkel, Eva Kaili, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Jaromír Kohlíček, Peter Kouroumbashev, Zdzisław Krasnodębski, Miapetra Kumpula-Natri, Christelle Lechevalier, Tilly Metz, Csaba Molnár, Nadine Morano, Dan Nica, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Carolina Punset, Julia Reda, Paul Rübig, Sven Schulze, Dario Tamburrano, Patrizia Toia, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho, Anna Záborská, Pilar del Castillo Vera
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar Ayuso, Pervenche Berès, Tamás Deutsch, Jens Geier, Françoise Grossetête, Benedek Jávor, Werner Langen, Sofia Sakorafa

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

40	+
ALDE	Fredrick Federley, Igor Gräzin, Morten Helveg Petersen, Carolina Punset, Lieve Wierinck
ECR	Edward Czesak, Hans-Olaf Henkel, Zdzisław Krasnodębski
PPE	Pilar Ayuso, Bendt Bendtsen, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Tamás Deutsch, Françoise Grossetête, András Gyürk, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Werner Langen, Nadine Morano, Paul Rübig, Sven Schulze, Vladimir Urutchev, Hermann Winkler, Anna Záborská
S&D	Zigmantas Balčytis, Pervenche Berès, Jens Geier, Theresa Griffin, Eva Kaili, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Csaba Molnár, Dan Nica, Miroslav Poche, Patrizia Toia, Kathleen Van Brempt, Martina Werner, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho

4	-
EFDD	Jonathan Bullock
ENF	Angelo Ciocca, Christelle Lechevalier
PPE	Christian Ehler

10	0
ECR	Ashley Fox
EFDD	Dario Tamburrano
ENF	Barbara Kappel
GUE/NGL	Jaromír Kohlíček, Sofia Sakorafa
VERTS/ALE	Reinhard Bütikofer, Jakop Dalunde, Benedek Jávor, Tilly Metz, Julia Reda

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
(COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Petra Kammerevert

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jiddispjaċih għall-fatt li filwaqt li l-Kummissjoni tara l-investiment fin-nies bħala prijorità ġenerali tal-politika tal-UE[1], inqas minn 11 % tal-baġit tal-UE għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027 huwa allokat għas-subintestatura "Ninvestu fin-Nies"; jitlob li l-prijoritajiet jiġu sostnuti b'impenji ta' finanzjament;

2. Jissottolinja l-popolarità u l-valur miżjud persistenti għaċ-ċittadini tal-UE tal-programm Erasmus+, li huwa fost l-aktar programmi ta' suċċess imwettqa fi ħdan il-baġit tal-UE; ifakkar li, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, b'mod persistenti Erasmus+ ma setax jiffinanzja proġetti ta' kwalità għolja minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji; jappoġġa, bħala ambizzjoni fit-tul, l-għan li l-baġit tiegħu jiżdied b'għaxar darbiet;

3. Itenni l-pożizzjoni tal-Parlament, kif ġiet spjegata fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji[2], li se jibbaża l-kalkoli tiegħu taċ-ċifri tal-QFP fuq prezzijiet kostanti, filwaqt li jqis il-ħruġ tar-Renju Unit; jinsisti, għalhekk, li l-programm Erasmus li jmiss ikollu baġit ta' mill-inqas EUR 41,1 biljun fil-QFP li jmiss (li f'termini reali huma t-tripplu meta mqabbel mal-QFP 2014-2020) u jfakkar li anki dan il-livell ta' żieda jaqa' f'livell aktar baxx sew mill-aspirazzjonijiet espressi mill-President tal-Kummissjoni, minn xi Stati Membri u mis-soċjetà ċivili; jinsab serjament diżappuntat biż-żieda li tressqet fil-proposta tal-QFP u l-preżentazzjoni tagħha, li tagħmilha tidher aktar għolja milli hi f'termini relattivi u xxekkel

[1] Dokument ta' riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE, Ġunju 2017.
[2] Testi adottati, P8_TA(2018)0226.

il-paraguni trasparenti;

4. Jenfasizza l-valur tal-programmi kulturali u taċ-ċittadinanza u jitlob li l-infiq li jsir fihom it-tnejn jiżdied matul il-QFP li jmiss, b'mod partikolari minħabba s-sottofinanzjament kroniku li sar evidenti fil-QFP kurrenti u l-importanza li l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tiġi appoġġata; jinsisti fuq l-irduppjar tal-finanzjament disponibbli taħt Ewropa Kreattiva (EUR 2,806 biljuni fi prezzijiet kostanti għall-2021-2027), b'żieda mal-infiq kumplessiv trasversali tal-programmi fil-kultura ta' mill-inqas 1 % matul il-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; iqis li l-industriji kulturali u kreattivi għandhom ikunu prijorità trasversali tal-programmi tal-UE; jesiġi li l-fergħa "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" tal-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri tiġi allokata baġit ta' mill-inqas EUR 1 għal kull ċittadin;

5. Ifakkar li l-libertà tal-kelma u l-pluraliżmu tal-midja huma valuri fundamentali tal-Unjoni u jtenni kemm huma importanti l-isforzi li jsiru biex jissaħħu l-litteriżmu fil-midja, il-litteriżmu diġitali, l-iġjene ċibernetika u l-imġiba online sikura; jikkunsidra li l-inkoraġġiment biex in-nies jinvolvu ruħhom b'mod kritiku u onest fil-ħidma tal-UE jirrikjedi il-litteriżmu fil-midja u l-edukazzjoni fiċ-ċittadinanza, li jgħinu wkoll biex titrawwem il-kisba ta' ħiliet trasferibbli; jilqa' l-fatt li l-proposta tal-programm Ewropa Kreattiva l-ġdid tiddisponi li jingħata appoġġ għall-pluraliżmu u l-libertà tal-midja u għal-litteriżmu fil-midja taħt il-fergħa transettorjali, li għandu jippermetti l-espansjoni tal-Proġetti Pilota u l-Azzjonijiet Preparatorji li diġà huma ta' suċċess; jinnota, barra minn hekk, il-ħidma eċċellenti li titwettaq miċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur, li bħalissa huma appoġġati permezz tal-fergħa tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Telekomunikazzjonijiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, biex titrawwem imġiba online aktar sikura fost it-tfal; jinsisti li l-iskema titkompla għaddejja taħt il-QFP li jmiss u li l-livell ta' finanzjament kurrenti tagħha ta' madwar EUR 12-il miljun fis-sena tal-inqas jiġi pareġġjat bl-istess ammont f'termini relattivi;

6. Jappoġġa ż-żieda fil-finanzjament disponibbli għall-ħiliet diġitali fil-ġenerazzjoni kollha li jmiss ta' programmi tal-QFP, b'mod partikolari l-FSE+ (ħiliet diġitali bażiċi) u l-Ewropa Diġitali (ħiliet diġitali avvanzati); jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ ta' politika koordinat għall-ħiliet diġitali u li fil-programmi kollha tiġi massimizzata l-effettività tal-finanzjament għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali;

7. Iqis li mira ewlenija tal-QFP li jmiss għandha tkun li terġa' tinkiseb il-fiduċja tan-nies fil-proġett Ewropew; jissottolinja li t-taħjir tan-nies biex jinvolvu ruħhom b'mod kritiku u onest fil-ħidma tal-UE jirrikjedi li l-midja tkopri l-affarijiet Ewropej b'mod ċar, vibranti, ta' kwalità għolja u indipendenti; jindika r-rwol tal-linja baġitarja "Azzjonijiet ta' Multimedia" fl-appoġġ għall-komunikazzjoni ċara dwar l-UE u fl-iżgurar ta' taħlita adegwata ta' kanali tal-midja, inklużi r-radju, it-televiżjoni u online; ifakkar, f'dan ir-rigward, fit-talba tiegħu biex il-Kummissjoni twettaq rieżami fuq skala sħiħa – li għandha tiġi pprovduta lill-Parlament – tal-attivitajiet kollha li jinsabu taħt il-linja "Azzjonijiet ta' Multimedia" fil-QFP kurrenti biex jiġi żgurat li dawn ikunu wettqu l-għanijiet ewlenin tagħhom u li l-QFP li jmiss isib il-bilanċ ġust ta' finanzjament fost l-azzjonijiet kollha; itenni, barra minn hekk, li t-tnaqqis fil-linja fil-QFP 2014-2020 xekkel serjament l-effettività tal-appoġġ trasversali tal-kanali, li jfisser b'mod partikolari li ma ġie stabbilit l-ebda arranġament ta' finanzjament fit-tul biex jingħata appoġġ lill-ħidma eċċellenti tan-netwerk pan-Ewropew tar-radju Euranet Plus; jinsisti li l-linja "Azzjonijiet ta'

Multimedia" tissaħħaħ fil-QFP 2021-2027;

8. Jenfasizza l-importanza tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni korporattiva tal-Kummissjoni biex tgħin ħalli tħajjar lin-nies jinvolvu ruħhom fl-affarijiet Ewropej u biex trawwem l-impenn infurmat taċ-ċittadini lejn il-proġett Ewropew; jenfasizza li dawn l-attivitajiet jirrikjedu strateġija ta' komunikazzjoni aktar ikkoordinata u b'offerta preċiża, inklużi sforzi mtejba biex jitwettaq il-multilingwiżmu veru;

9. Iqis li l-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew għandha bżonn tingħata l-ħajja mill-ġdid, filwaqt li jeħtieġ li l-għarfien dwar il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u s-sensibilizzazzjoni rigward il-kultura u l-valuri Ewropej jixxerdu fost l-akbar udjenza possibbli. jappella, għalhekk, li fil-QFP li jmiss issir dispożizzjoni għal azzjoni dedikata apposta – possibbilment fis-sura ta' premju għall-proġetti li jinvolvu lill-pubbliku fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u li jħajru għal riflessjoni kollettiva, fil-livell bażiku tal-komunità dwar il-futur tal-Ewropa;

10. Jinsab xettiku dwar jekk żieda minima fil-Fond Soċjali Ewropew hijiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi soċjali u tas-suq tax-xogħol li huwa jsegwi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-integrazzjoni tal-migranti;

11. Jinsisti fuq flessibbiltà adegwata fil-baġit tal-UE kollu u fil-programmi tal-QFP sabiex jiġu adattati għal prijoritajiet ta' politika ġodda u għall-iżviluppi esterni; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-QFP u l-programmi kollha jkun fihom rieżami ta' nofs it-terminu u klawżola ta' reviżjoni vinkolanti u bis-sens li jippermettu li l-infiq u l-prijoritajiet ta' politika jiġu definiti mill-ġdid kif meħtieġ; ifakkar li l-iffissar tal-prijoritajiet ta' politika jaqa' fil-limiti tal-kompetenza esklużiva tal-leġiżlatur u li l-flessibbiltà tant meħtieġa trid, għalhekk, timxi id f'id mas-sorveljanza parlamentari, li jfisser li l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jiġu użati biss għall-implimentazzjoni u qatt għal għażliet politiċi;

12. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tistruttura u tippreżenta l-QFP il-ġdid b'mod aktar trasparenti u li jista' jinqara; jilqa' b'sodisfazzjon il-kolokazzjoni tal-programmi tal-edukazzjoni, tal-kultura u taċ-ċittadinanza taħt intestatura waħda;

13. Jinsisti li s-sinerġiji trasversali tal-programmi jridu dejjem jinftiehmu bħala mezz għat-twettiq ta' kisbiet u simplifikazzjoni fl-effiċjenza u ma jammontawx għal "carte blanche" biex il-Kummissjoni tirrialloka l-fondi minn programm għall-ieħor jew twettaq tnaqqis baġitarju; jilqa' l-messaġġ politiku ġenerali tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sinerġiji, iżda jqis li d-dispożizzjonijiet li qed jiġu abbozzati bħalissa fi ħdan il-programmi tal-QFP jagħmluha impossibbli biex il-leġiżlatur jifhem kif għandhom jinkisbu dawn is-sinerġiji u biex il-benefiċjarji tal-programmi jifhmu dawn is-sinerġiji x'jistgħu jfissru għalihom; jinsisti fuq mekkaniżmi aktar speċifiċi u trasparenti, stabbiliti b'mod ċar fil-bażi ġuridika, biex jinkisbu s-sinerġiji;

14. Jissottolinja li l-baġit tal-UE jrid jagħti valur miżjud Ewropew li jista' jintwera sabiex jiżgura l-użu effettiv u xieraq tal-finanzjament tal-UE; jappella biex ikompli jiġi żviluppat aktar il-prinċipju, li ġie introdott mill-aħħar QFP, li l-proġetti jkunu eliġibbli għall-finanzjament tal-UE biss jekk il-valur miżjud Ewropew tagħhom ikun sostanzjat kif xieraq fl-applikazzjoni tal-proġett; jemmen li attenzjoni ffukata fuq il-valur miżjud Ewropew tirrikjedi sett xieraq ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi li jkunu speċifiċi għall-azzjonijiet u jistgħu jitkejlu; jenfasizza, fir-rigward ta' inizjattivi fil-qasam tal-edukazzjoni

u l-kultura, li l-benefiċċji mhux tanġibbli, bħalma huma l-impatti soċjali miksuba mit-tali inizjattivi, huma importanti daqs il-kisbiet materjali; jinsisti li programmi li jiffinanzjaw il-proġetti edukattivi u ta' kultura, bħall-FSE+ u l-Fondi Strutturali, jirrikjedu indikaturi xierqa biex ikejlu l-effettività, jikkontribwixxu għar-rieżami ta' nofs it-terminu u fl-aħħar mill-aħħar jinfurmaw il-ġenerazzjoni ta' programmi li jmiss;

15. Ifakkar li fil-bidu l-implimentazzjoni tal-programm kienet kajmana fil-QFP kurrenti, u dan il-fatt żied il-probabbiltà li obbligazzjonijiet ta' ħlas jibqgħu jestendu għall-QFP li jmiss u hemm il-ħtieġa li jiġu regolarizzati skont il-limiti massimi l-ġodda ta' pagament; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi evitata ripetizzjoni tal-kriżi tal-pagamenti li seħħet fi tmiem il-QFP 2007-2013, peress li l-benefiċjarji tal-programm ta' edukazzjoni u ta' kultura spiss huma individwi u organizzazzjonijiet żgħar li ma jistgħux jaffordjaw dewmien fil-pagamenti; jirrimarka li d-dewmien fil-pagamenti jimmina serjament il-benefiċċji tal-programm u fl-aħħar mill-aħħar idgħajjef il-fiduċja fil-proġett Ewropew;

16. Jimpenja ruħu li jagħti l-kunsens tiegħu għall-approvazzjoni tar-Regolament QFP mill-Kunsill biss bħala ftehim ta' pakkett, inkluża proposta kredibbli għar-riforma tas-Sistema tar-Riżorsi Proprji.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 13.9.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Petra Kammerevert 16.5.2018
Data tal-adozzjoni	10.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Angel Dzhambazki, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Rupert Matthews, Morten Messerschmidt, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka, Michaela Šojdrová
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Norbert Erdős, Martina Michels, Remo Sernagiotto, Francis Zammit Dimech

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

25	+
ALDE	Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat
EFDD	Isabella Adinolfi
ENF	Dominique Bilde
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Martina Michels
PPE	Norbert Erdős, Svetoslav Hristov Malinov, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Francis Zammit Dimech, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
S&D	Silvia Costa, Damian Draghici, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward
VERTS/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel

0	-

4	0
ECR	Angel Dzhambazki, Rupert Matthews, Morten Messerschmidt, Remo Sernagiotto

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

15.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
(2018/0166R(APP))

Għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali: Marita Ulvskog (president)

Position

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi hija stabbilita rabta bejn l-programmazzjoni tal-fondi tal-Unjoni u s-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż; billi l-fondi tal-Unjoni huma maħsuba biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 174 tat-TFUE sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni u jitnaqqsu d-differenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni;

Emenda 2
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-prinċipji orizzontali li jenħtieġ li jsejsu l-QFP u l-politiki relatati kollha tal-UE; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha biex tkun minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jiddeplora n-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli għal dak il-għan fil-proposti tal-QFP; jitlob, għalhekk, l-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki tal-UE u fl-inizjattivi kollha tal-QFP li jmiss; ikompli jenfasizza li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija kruċjali sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-UE lejn Ewropa inklużiva u jiddeplora n-nuqqas ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ta' impenji favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tal-UE, kif ġie ppreżentat fil-proposti tal-QFP; jissottolinja wkoll il-pożizzjoni tiegħu li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima jenħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-QFP attwali u jenħtieġ li jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027;	5. Jissottolinja, barra minn hekk, l-importanza tal-prinċipji orizzontali li jenħtieġ li jsejsu l-QFP u l-politiki relatati kollha tal-UE; jafferma mill-ġdid, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha biex tkun minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u jiddeplora n-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli għal dak il-għan fil-proposti tal-QFP; jitlob, għalhekk, l-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki tal-UE u fl-inizjattivi kollha tal-QFP li jmiss; ikompli jenfasizza ***l-importanza tat-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għall-ħolqien ta' Ewropa reżiljenti u soċjali u*** li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija kruċjali sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-UE lejn Ewropa inklużiva u jiddeplora n-nuqqas ta' integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ta' impenji favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tal-UE, kif ġie ppreżentat fil-proposti tal-QFP; jissottolinja wkoll il-pożizzjoni tiegħu li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima jenħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-QFP attwali u jenħtieġ li jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027;

Emenda 3
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistqarr, barra minn hekk, l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe tnaqqis fil-livell tal-politiki ewlenin tal-UE, bħall-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-politika agrikola komuni (PAK); jopponi b'mod partikolari kwalunkwe tnaqqis	4. Jistqarr, barra minn hekk, l-oppożizzjoni tiegħu għal kwalunkwe tnaqqis fil-livell tal-politiki ewlenin tal-UE, bħall-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-politika agrikola komuni (PAK); jopponi b'mod partikolari kwalunkwe tnaqqis

radikali li se jħalli impatt negattiv fuq in-natura u l-għanijiet stess ta' dawn il-politiki, bħat-tnaqqis propost għall-Fond ta' Koeżjoni jew għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jopponi, f'dan il-kuntest, il-proposta li jitnaqqas il-Fond Soċjali Ewropew minkejja l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu u l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;	radikali li se jħalli impatt negattiv fuq in-natura u l-għanijiet stess ta' dawn il-politiki, bħat-tnaqqis propost għall-Fond ta' Koeżjoni jew għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jopponi, f'dan il-kuntest, il-proposta li jitnaqqas il-Fond Soċjali Ewropew ***Plus*** minkejja l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu u l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ***, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-Programm dwar is-Saħħa***;

Emenda 4
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza li r-rabta proposta bejn l-programmazzjoni tal-Fondi Strutturali, l-għanijiet ta' politika tagħhom u s-Semestru Ewropew, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, għandha tiġi ċċarata u għandha tqis id-dimensjoni lokali u reġjonali; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' programmazzjoni effikaċi għall-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-FSE+, li jpoġġu fil-prattika l-prinċipji u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż billi jiżguraw riżorsi finanzjarji ambizzjużi, kif ukoll is-sinerġiji meħtieġa fost il-fondi tal-Unjoni;

Emenda 5
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14vi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14 vi. Jiġu rduppjati r-riżorsi biex jiġi	14 vi. Jiġu rduppjati r-riżorsi biex jiġi

indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ (skont il-programm attwali Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ);	indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ ***taħt il-FSE+*** (skont il-programm attwali Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-Żgħażagħ)***, filwaqt li jiġu żgurati l-effikaċja u l-valur miżjud tal-iskema***;

Emenda 6
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ. madankollu, huwa mħasseb li l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fil-FSE+ tista' tnaqqas il-livelli ta' impenn tal-Istati Membri u l-livell ta' riżorsi mmirati direttament liż-żgħażagħ;

Emenda 7
f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istrumenti tal-Unjoni jitjiebu biex jiġu indirizzati l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni tal-barranin fis-suq tax-xogħol; jappella, għaldaqstant, għal sinerġiji aħjar fost il-fondi tal-Unjoni u riżorsi adegwati; jisħaq fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi urbani u lokali tal-migrazzjoni, anki billi jiġi faċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-bliet, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-atturi soċjoekonomiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiżviluppaw u jimplimentaw proġetti f'dan il-qasam;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	9.10.2018

10.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
(COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Derek Vaughan

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

A. billi l-politika ta' koeżjoni wriet bil-provi li tikseb riżultati tajbin f'termini ta' impjiegi, tkabbir u kompetittività kif juri s-seba' Rapport ta' Koeżjoni, u tiġġenera EUR 2,74 ta' PDG addizzjonali għal kull euro investit tal-kontribwenti;

B. billi, fil-proposta tagħha għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-snin 2021-2027, il-Kummissjoni pproponiet baġit għall-politika ta' koeżjoni ta' EUR 330,6 biljun fi prezzijiet tal-2018; billi dan il-livell ta' finanzjament ifisser tnaqqis ta' 10 % meta mqabbel mal-QFP attwali;

C. billi, fl-istess ħin, it-tinbit ta' sfidi ġodda u l-affermazzjoni ta' prijoritajiet ġodda li jeħtieġu jiġu indirizzati mill-Unjoni Ewropea jfissru li anke s-sehem tal-politika ta' koeżjoni fil-baġit ġenerali tal-UE tnaqqas b'mod sinifikanti, minn 34 % għal 29 %;

D. billi, fil-proposta tal-Kummissjoni, il-baġit tal-Fond ta' Koeżjoni se jitnaqqas b'45 % fil-pakkett tiegħu għall-2021-2027;

1. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027 mhijiex ambizzjuża biżżejjed; jinsisti li l-baġit tal-UE għall-2021-2027 jeħtieġ li jiġi ffissat f'1,3 % tal-ING, sabiex jinżammu l-politiki tradizzjonali b'riżultati pożittivi, filwaqt li tiġi żgurata l-kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi għal sfidi ġodda bil-għan li jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali adegwat;

2. Iqis li t-tqaċċit propost ta' 10 % fl-allokazzjonijiet għall-politika ta' koeżjoni huwa

inaċċettabbli; itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-QFP 2021-2027 jeħtieġ li tal-inqas jiżgura l-istess livell ta' finanzjament għall-politika ta' koeżjoni, fi prezzijiet kostanti, bħal ma jiġri fl-ambitu tal-QFP attwali;

3. Jinnota li l-qasma bejn il-fondi differenti tal-politika ta' koeżjoni hija r-riżultat tal-metodu ta' allokazzjoni definit fl-abbozz tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, li jipprevedi allokazzjoni bilanċjata b'61,6 % tal-fondi għal reġjuni l-anqas żviluppati, 14,3 % għal reġjuni fi tranżizzjoni, 10,8 % għal reġjuni l-aktar żviluppati, 12,8 % għall-Istati Membri li jibbenefikaw mill-Fond ta' Koeżjoni, u 0,4 % bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi;

4. Jiddeplora t-tnaqqis qawwi fil-baġit tal-Fond ta' Koeżjoni; jenfasizza l-importanza ta' investimenti fl-ambitu tal-Fond ta' Koeżjoni f'termini ta' tnaqqis tad-disparitajiet territorjali u ta' progress lejn koeżjoni territorjali akbar fl-UE; jirrakkomanda li jinżamm finanzjament adegwat għall-Fond ta' Koeżjoni mingħajr preġudizzju għall-pakketti u s-sehem previst fil-politika ta' koeżjoni għall-Fondi SIE l-oħrajn, li jirrispondu wkoll għal prijoritajiet Ewropej oħrajn; jenfasizza l-bżonn li jiġu esplorati u ottimizzati aktar is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-InvestEU u l-istrumenti finanzjarji oħrajn u l-programmi u l-inizjattivi tal-UE ġestiti ċentralment;

5. Jappella għal pakkett suffiċjenti għall-FEŻR u għall-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2021-2027 ta' mill-anqas EUR 272 411 miljun fi prezzijiet tal-2018 – jiġifieri EUR 226 078 miljun għall-FEŻR u EUR 46 333 miljun għall-Fond ta' Koeżjoni (12,8 % tal-allokazzjoni fl-ambitu tal-objettiv Investiment għall-Impjiegi u t-Tkabbir); jitlob mill-anqas EUR 100 861 miljun fi prezzijiet tal-2018 għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+);

6. Jistaqsi lilu nnifsu dwar it-tnaqqis fil-baġit tal-Fond ta' Koeżjoni permezz tal-kontribuzzjoni tiegħu ta' EUR 10 biljun fi prezzijiet tal-2018, għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

7. Jilqa' l-fatt li skont il-proposta tal-Kummissjoni, il-politika ta' koeżjoni proposta għall-2021-2027 tibqa' politika għar-reġjuni kollha, u jitlob li r-riformi territorjali implimentati bejn l-2016 u l-2018 jingħataw kunsiderazzjoni fil-formulazzjoni tagħha; jissottolinja d-dimensjoni territorjali importanti tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-kontribut tiegħu għall-koeżjoni, partikolarment fiż-żoni rurali; jikkundanna bil-qawwa, għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni li tissepara l-infiq tal-FAEŻR mill-politika ta' koeżjoni, filwaqt li kienet tkun meħtieġa rabta aktar qawwija għal finanzjament aktar integrat u komplementari fil-livell reġjonali u lokali bil-għan li jitnaqqas id-distakk bejn iż-żoni rurali u dawk urbani u tinkiseb semplifikazzjoni konsiderevoli għall-benefiċjarji;

8. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni tista' tiġġenera esternalitajiet pożittivi fir-reġjuni l-oħrajn tal-Unjoni, iżda dawn l-effetti jvarjaw konsiderevolment minn territorju għall-ieħor skont il-prossimità ġeografika u l-istruttura tal-ekonomiji tal-Istati Membri;

9. Ifakkar li s-seba' Rapport ta' Koeżjoni enfasizza d-diffikultajiet li jiffaċċjaw ir-reġjuni b'introjtu medju u l-importanza li dawn jiġu garantiti appoġġ finanzjarju adegwat u rati ta' kofinanzjament; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex tinżamm il-kategorija ta' "reġjuni fi tranżizzjoni" u biex l-ambitu tagħha jiġi estiż;

10. Itenni b'konsistenza l-fehma li dejjem żamm dwar l-importanza ta' inizjattivi transfruntiera għal tkabbir, u prosperità fir-reġjuni tal-fruntiera u għall-iżvilupp ibbilanċjat; jikkunsidra l-fatt li l-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera huma fost l-aktar strumenti ta' finanzjament ta' suċċess tal-UE; jinnota b'dispjaċir li l-proposti tal-Kummissjoni jipprevedu tnaqqis sinifikanti fil-finanzjament tal-Interreg, bi tnaqqis minn 2,75 % għal 2,5 % fis-sehem tagħha ta' fondi strutturali, u minflok jitlob sehem ta' 3 %; iqis li livell ta' finanzjament li huwa tal-anqas ekwivalenti għall-pakkett 2014-2020, fi prezzijiet kostanti, jeħtieġ li jiġi pprogrammat fl-ambitu tal-QFP 2021-2027, bil-għan li jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għall-programmi eżistenti u għall-inizjattiva l-ġdida "Investimenti Innovattivi Interreġjonali" fi ħdan l-Interreg;

11. Jitlob li minflok tintuża parti sostanzjali mill-allokazzjoni finanzjarja proposta għall-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi għall-Programm ta' Appoġġ għal Riformi sabiex tiżdied l-allokazzjoni finanzjarja għall-politika ta' koeżjoni, flimkien mal-objettiv ta' koeżjoni soċjali, territorjali u ekonomika tagħha, u mal-pakkett Interreg fi ħdanha; jitlob li parti minn dan l-ammont tintuża biex jiżdied il-baġit tal-programm Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+);

12. Jinnota li r-rati ta' kofinanzjament aktar baxxi tal-UE se jagħmluha aktar diffiċli għall-benefiċjarji f'reġjuni partikolari u għal Stati Membri iżgħar jew anqas żviluppati biex jiżguraw kofinanzjament għall-investimenti tal-UE, li l-Fondi SIE jistgħu jsiru anqas attraenti – partikolarment meta r-rati ta' kofinanzjament tal-UE huma l-aktar baxxi – u li r-rati aktar baxxi jistgħu jwasslu għal diffikultajiet għall-baġits pubbliċi ta' dawk l-Istati Membri li huma vinkolati mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, speċjalment f'dawk ir-reġjuni fejn il-QFP il-ġdid jipproponi ċ-ċaqliq għal livell ta' żvilupp ogħla minn dak offrut mill-QFP attwali; jitlob għalhekk rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għal reġjuni l-anqas żviluppati, ta' 60 % għal reġjuni fi tranżizzjoni, ta' 50 % għal reġjuni l-aktar żviluppati, 85 % għall-Fond ta' Koeżjoni, u 85 % għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea/Interreg;

13. Jindika li d-dispożizzjonijiet għandhom jiżguraw bilanċ xieraq bejn il-livelli ta' finanzjament nazzjonali jew, bħala alternattiva, il-possibbiltà li l-ambitu tal-finanzjament jiġi estiż fejn xieraq;

14. Jilqa' t-tisħiħ tar-rabta bejn il-QFP u l-baġit tal-UE mal-proċess tas-Semestru Ewropew u b'mod partikolari mal-governanza ekonomika soda u mar-riformi strutturali fl-Istati Membri mwettqa b'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż; jindika, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi biex jagħti appoġġ adegwat imfassal skont l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri rispettivi sabiex jagħti spinta lill-ambjent ekonomiku u tal-investiment tagħhom;

15. Jilqa' l-proposta għall-introduzzjoni tal-mekkaniżmu tal-istat tad-dritt kif inkluż fil-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f’każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri (COM(2018)0324);

16. Jenfasizza li s-semplifikazzjoni tal-proċeduri kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali hija essenzjali biex ikun hemm konformità mar-regoli ta' diżimpenn il-ġodda, sabiex tiġi garantita l-implimentazzjoni effettiva tal-baġit;

17. Jemmen li l-investimenti u d-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-konċentrazzjoni tematika għandhom jiġu allinjati skont il-bżonnijiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni tal-istadji differenti ta' żvilupp tat-territorji kemm fil-livell NUTS 2 kif ukoll fil-livell NUTS 3 flimkien mal-partikolaritajiet inerenti jew l-iżvantaġġi ġeografiċi tagħhom, fil-promozzjoni ta' koeżjoni ekonomika soċjali u territorjali ġenwina;

18. Jenfasizza l-mobilizzazzjoni sinifikanti tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE f'każijiet ta' diżastri naturali b'konsegwenzi baġitarji sinifikanti;

19. Iqis li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima għandu jiżdied b'mod sinifikanti; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li żżid is-sehem ta' nfiq tal-UE ta' kontribuzzjoni għall-objettivi tal-klima għal 25 % u jappella għal sforzi akbar biex din tiżdied sa 30 % malajr kemm jista' jkun.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Derek Vaughan 20.6.2018
Eżami fil-kumitat	3.9.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 –: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Rosa D'Amato, Tamás Deutsch, John Flack, Iratxe García Pérez, Michela Giuffrida, Krzysztof Hetman, Ivan Jakovčić, Marc Joulaud, Constanze Krehl, Sławomir Kłosowski, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Paul Nuttall, Younous Omarjee, Mirosław Piotrowski, Monika Smolková, Ramón Luis Valcárcel Siso, Derek Vaughan, Kerstin Westphal, Joachim Zeller, Lambert van Nistelrooij
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, John Howarth, Elsi Katainen, Ivana Maletić, Laurenţiu Rebega, Bronis Ropė, Julie Ward, Maria Gabriela Zoană, Damiano Zoffoli

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET

30	+
ALDE	Ivan Jakovčić
ECR	John Flack, Sławomir Kłosowski, Mirosław Piotrowski, Laurenţiu Rebega
EFDD	Rosa D'Amato
GUE/NGL	Martina Michels, Younous Omarjee
PPE	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Daniel Buda, Tamás Deutsch, Krzysztof Hetman, Marc Joulaud, Ivana Maletić, Lambert van Nistelrooij, Andrey Novakov, Ramón Luis Valcárcel Siso, Joachim Zeller
S&D	Iratxe García Pérez, Michela Giuffrida, John Howarth, Constanze Krehl, Monika Smolková, Derek Vaughan, Julie Ward, Kerstin Westphal, Maria Gabriela Zoană, Damiano Zoffoli
VERTS/ALE	Bronis Ropė

2	-
ALDE	Elsi Katainen
EFDD	Paul Nuttall

1	0
ALDE	Iskra Mihaylova

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

10.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb li jkun hemm qbil
(COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Dominique Riquet

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Introduzzjoni

1. Jinsisti fuq l-importanza strateġika tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għas-setturi li jistrieħu fuq l-investiment fit-tul bħas-settur tat-trasport; jenfasizza li l-infrastruttura tat-trasport hija s-sinsla tas-suq uniku, il-bażi għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi, u hija kruċjali biex ikunu żgurati l-erba' libertajiet fundamentali marbuta mal-persuni, mal-kapital, mal-oġġetti u mas-servizzi; jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjonijiet ewlenin u l-limitazzjonijiet ġenerali b'rabta mal-QFP li jmiss, quddiem iż-żieda fil-volumi tat-trasport u l-għadd dejjem jikber ta' sfidi, b'mod partikolari l-isfidi ambjentali kkawżati miż-żidiet fl-emissjonijiet ta' karbonju, ta' materja partikulata fina u ta' gassijiet li jniġġsu, u dan minkejja l-istabbiliment ta' objettivi ambizzjużi għall-preservazzjoni tal-klima u tal-ambjent skont il-Ftehim ta' Pariġi, u l-ħtiġijiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-iżvilupp ta' vetturi konnessi u awtonomi; ifakkar ukoll fid-dewmien biex isiru l-investimenti f'infrastruttura ġdida għat-titjib tal-konnettività, u b'mod speċjali biex issir il-manutenzjoni tal-infrastruttura eżistenti;

Il-QFP

2. Jiġbed l-attenzjoni għas-suċċess tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) fl-ambitu tal-QFP kurrenti u għall-fatt li l-appelli tagħha għal proposti huma soprasottoskritti bi tliet darbiet aktar; jilqa' l-fatt li l-FNE se tiġi estiża għall-QFP l-ġdid; jiddeplora, madankollu, it-tnaqqis ta' 12 %, fi prezzijiet kostanti fl-ammont allokat għat-taqsima Trasport tal-FNE u t-tnaqqis ta' 13 % fil-kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni; iqis li l-baġit tal-FNE ma

jistax jiġi allokat lil programmi oħra li ma għandhomx x'jaqsmu mal-objettivi speċifiċi tagħha; jitlob li l-allokazzjoni ta' EUR 17,746 biljun fi prezzijiet kostanti għat-taqsima Trasport tal-FNE u l-kontribuzzjoni ta' EUR 10 biljun fi prezzijiet kostanti tal-Fond ta' Koeżjoni jerġgħu jiddaħħlu kif kienu, filwaqt li jitqies l-impatt pożittiv tagħhom fuq l-iżvilupp ekonomiku;

3. Jissottolinja l-effikaċja tal-istruttura ta' governanza ċentralizzata stabbilita bir-Regolament FNE; jinnota li t-trasferiment ta' parti mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE kien ta' suċċess kbir u li l-livell ta' sodisfazzjon tal-Istati Membri kkonċernati jikkonferma li dan il-mekkaniżmu se jkompli għaddej fl-ambitu tal-QFP li jmiss u jkun biżżejjed biex jitlestew għalkollox il-proġetti li għaddejjin bħalissa finanzjati permezz tal-kontribut tal-Fond ta' Koeżjoni; għaldaqstant, jipproponi allokazzjoni ta' EUR 20 biljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-FNE, li għandha tiġi ġestita skont regoli simili għal dawk li japplikaw għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE, għalkemm aċċessibbli għall-Istati Membri kollha; jemmen li, fid-dawl tad-differenza kbira li hemm bejn il-finanzjament disponibbli u dak li huwa meħtieġ, hemm bżonn li tingħata aktar attenzjoni lil soluzzjonijiet b'valur miżjud estensiv tal-UE bħalma huma l-konnessjonijiet transfruntiera nieqsa, pereżempju konnessjonijiet ferrovjarji, u li dan it-trasferiment se jiżgura li l-proġetti tat-TEN-T fl-Ewropa jagħmlu progress sinifikanti;

4. Jenfasizza li programm FNE aġġornat u aktar effettiv, fil-QFP 2021-2027 li jmiss, għandu jkopri kull mod ta' trasport, jinkoraġġixxi bidla modali, iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fi trasport pubbliku intelliġenti, sostenibbli u integrat, jagħti prijorità lil kollegamenti akbar bejn netwerks komprensivi, isaħħaħ l-interoperabbiltà permezz tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) u l-użu sħiħ tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew, u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq;

5. Ifakkar li l-FNE hija mekkaniżmu ta' sussidju u jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tiċċara dan l-aspett billi tinkludi l-istrument finanzjarju tal-FNE fil-programm il-ġdid InvestEU; iqis li s-sehem tal-pakkett tat-taqsima trasport tal-FNE implimentat fil-forma ta' strument finanzjarju ma għandux jaqbeż il-5 % tat-total għal dak il-pakkett; jiddeplora l-fatt li, minkejja t-trasferiment diżappuntanti ta' flejjes għall-benefiċċju tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) għad-detriment tal-FNE, is-sehem tal-investimenti għat-trasport iġġenerati mill-FEIS, mil-lat ta' kwantità, huwa wisq 'il bogħod miċ-ċifra fil-mira ta' 30 % u, mil-lat ta' kwalità, huwa wisq 'il bogħod milli jilħaq il-kriterji għal dak li jikkostitwixxi valur miżjud tal-UE; jenfasizza bil-qawwi, f'dan is-sens, li ma għandu jkun permess l-ebda trasferiment ta' fondi mill-Programm Orizzont Ewropa favur InvestEU; jenfasizza kemm huwa importanti li, fil-QFP li jmiss, il-programm InvestEU jkun ta' benefiċċju għal proġetti li għandhom valur miżjud tal-UE ġenwin u jifraħ lill-Kummissjoni talli pproponiet li wieħed mill-erba' oqsma ta' investiment identifikati għandu jkun l-infrastruttura sostenibbli;

6. Jindika l-ħtieġa importanti li tiġi stabbilita intestatura baġitarja għal turiżmu sostenibbli, minħabba l-importanza tas-settur fi ħdan l-ekonomija tal-UE, li ammonta għal 5 % tal-PDG fl-2016, u r-responsabbiltajiet tal-UE skont l-Artikolu 195 tat-TFUE, bil-ħsieb li jsir progress lejn politika tat-turiżmu tal-UE ġenwina li tista' ssolvi l-problemi kurrenti ta' frammentazzjoni u ta' aċċess għall-fondi, tippromwovi lill-Ewropa bħala destinazzjoni turistika u tagħti spinta lill-industrija tat-turiżmu, biex b'hekk tikkontribwixxi għat-tkabbir

u għall-ħolqien tal-impjiegi;

7. Jinnota li t-tnaqqis kemm jista' jkun tal-ispejjeż esterni għandu bżonn jiġi integrat bħala prinċipju ta' gwida fl-MFF bħala miżura kosteffettiva biex jitnaqqas il-piż minn fuq il-baġits pubbliċi futuri;

L-aġenziji

8. Jilqa' l-għadd kbir ta' kompetenzi ġodda fdati lill-aġenziji tal-UE relatati mat-trasport, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji; jenfasizza kemm hu importanti li jiġi żgurat li l-aġenziji kollha tat-trasport ikollhom riżorsi suffiċjenti, li huma stabbli f'termini reali, biex iwettqu dmirijiethom u r-responsabbiltajiet ġodda tagħhom;

9. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi stabbilita l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li din l-awtorità l-ġdida jkollha mezzi suffiċjenti biex twettaq dmirijietha fis-settur tat-trasport;

Ir-riċerka

10. Ifakkar li l-appoġġ għar-riċerka u għall-iżvilupp fil-qasam tat-trasport u l-mobbiltà huwa ta' importanza kruċjali, meta nqisu l-isfidi rappreżentati miż-żieda fl-emissjonijiet tal-karbonju, tal-materja partikolata fina u tal-gassijiet li jniġġsu b'riżultat taż-żieda fit-traffiku u fil-konġestjoni tat-traffiku, il-ħtieġa tat-tranżizzjoni tal-energija u sikurezza ikbar tat-trasport, u l-iżvilupp ta' vetturi konnessi u awtonomi; jenfasizza, għalhekk, kemm hu importanti li tinżamm rabta diretta bejn Orizzont Ewropa u l-applikazzjoni, fil-livell tal-UE, ta' soluzzjonijiet tat-trasport żviluppati permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u żvilupp; jiġbed l-attenzjoni għas-suċċess tal-impriżi komuni bħalma huma s-SESAR, Shift2Rail u CleanSky; iqis li huwa importanti li dawk l-impriżi jkomplu jingħataw appoġġ sinifikanti u finanzjament xieraq fil-qafas tal-programm Orizzont Ewropa; jenfasizza li, sabiex jiġu jappoġġjati r-riċerka u l-iżvilupp, għandu jiġi applikat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika fil-qasam tat-trasport;

Ir-riżorsi proprji

11. Jinnota li l-Istati Membri kollha jiġbru volumi sinifikanti ta' taxxi u dħul parafiskali direttament marbuta mat-trasport u t-turiżmu u li t-trasferiment, anke jekk minimu, ta' dak id-dħul għar-riżorsi proprji tal-UE għandu jpoġġiha f'pożizzjoni aħjar biex taffronta l-isfidi ġodda li magħhom qed ikollha tlaħħaq; iqis li jekk nergħu lura għal-livell aktar sinifikanti tar-riżorsi proprji, kif kien ippjanat fiż-żmien ta' meta ġiet stabbilita l-Komunità Ewropea, tkun tista' tiġi kkonsolidata l-kapaċità tal-Unjoni għall-azzjoni politika u baġitarja.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 13.9.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Dominique Riquet 27.6.2018
Eżami fil-kumitat	8.10.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 4 0: 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Marie-Christine Arnautu, Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Deirdre Clune, Michael Cramer, Andor Deli, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Tania González Peñas, Dieter-Lebrecht Koch, Merja Kyllönen, Innocenzo Leontini, Peter Lundgren, Georg Mayer, Gesine Meissner, Renaud Muselier, Markus Pieper, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Dominique Riquet, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Jill Seymour, Keith Taylor, Pavel Telička, Marie-Pierre Vieu, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Kosma Złotowski, Luis de Grandes Pascual, Peter van Dalen, Wim van de Camp, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Claudia Țapardel
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Francisco Assis, Jill Evans, Maria Grapini, Karoline Graswander-Hainz, Ryszard Antoni Legutko, Marek Plura, Henna Virkkunen
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Angel Dzhambazki, John Howarth, Wajid Khan

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
ALDE	Izaskun Bilbao Barandica, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Pavel Telička
GUE/NGL	Merja Kyllönen
PPE	Georges Bach, Wim van de Camp, Deirdre Clune, Andor Deli, Luis de Grandes Pascual, Dieter-Lebrecht Koch, Innocenzo Leontini, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Renaud Muselier, Markus Pieper, Marek Plura, Massimiliano Salini, Claudia Schmidt, Henna Virkkunen, Elissavet Vozemberg-Vrionidi
S&D	Francisco Assis, Inés Ayala Sender, Nicola Danti, Michael Detjen, Ismail Ertug, Maria Grapini, Karoline Graswander-Hainz, John Howarth, Wajid Khan, Gabriele Preuß, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Claudia Țapardel
VERTS/ALE	Michael Cramer, Jill Evans, Keith Taylor

4	-
ECR	Peter van Dalen
EFDD	Jill Seymour
GUE/NGL	Tania González Peñas, Marie-Pierre Vieu

8	0
ECR	Angel Dzhambazki, Jacqueline Foster, Ryszard Antoni Legutko, Peter Lundgren, Kosma Złotowski
EFDD	Daniela Aiuto
ENF	Marie-Christine Arnautu, Georg Mayer

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

11.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil (2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Fabio Massimo Castaldo

PA_Consent_InterimMod

OPINJONI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

A. billi skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u tiżgura l-integrazzjoni tal-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħha;

1. Iqis li jenħtieġ li r-riforma tan-naħa tad-dħul timxi id f'id mar-riforma tal-infiq, tar-ribassi u tal-korrezzjonijiet, bil-għan li jitkattar il-valur miżjud tal-infiq Ewropew billi tiġi żgurata rabta viżibbli bejn l-infiq u l-politiki u l-prijoritajiet tal-UE, u billi jingħataw appoġġ il-politiki tal-UE f'oqsma ewlenin ta' kompetenza tal-UE li juru potenzjal kbir ta' valur miżjud Ewropew, bħall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, is-suq uniku, il-politiki tal-migrazzjoni u l-asil, il-politika reġjonali u ta' koeżjoni soċjali, il-politika agrikola komuni, il-ħarsien tal-ambjent u l-azzjoni klimatika, l-unjoni tal-enerġija, il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, il-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneri, ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u t-tnaqqis tal-eteroġeneità fis-suq uniku, kif irrakkomanda r-rapport Monti[1];

Il-Qafas Finanzjarju Plurennali

2. Ifakkar li jenħtieġ li l-infiq tal-UE jingħata l-flessibbiltà adatta u jkun is-suġġett tal-iskrutinju demokratiku u tar-responsabbiltà xierqa, li jirrikjedu l-involviment sħiħ tal-Parlament f'kull fażi tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)rigward il-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur; fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlazzjoni

[1] Ir-Rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji dwar il-finanzjament futur tal-UE, adottat f'Diċembru 2016.

settorjali tistabbilixxi l-maġġoranza enormi tal-programmi tal-UE, jitlob li l-Kunsill jaqleb għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u djalogu aktar imqarreb bejn il-Kunsill u l-Parlament meta jkunu qed jinnegozjaw il-QFP li jmiss qabel ma l-Kunsill jippreżenta formalment għall-kunsens tal-Parlament il-proposta tiegħu għar-Regolament dwar il-QFP, u jwissi kontra l-approċċ minn fuq għal isfel li l-Kunsill Ewropew soltu jadotta billi jiffissa limiti massimi ġenerali għal kull intestatura, minflok ma l-ewwel jivvaluta l-ħtiġijiet reali tal-programmi;

3. Jissottolinja li kwalunkwe rieżami tal-QFP jenħtieġ li jiżgura l-involviment tal-Parlament u jissalvagwardja l-prerogattivi tiegħu bħala fergħa ndaqs tal-awtorità baġitarja; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal rieżami ta' nofs it-terminu li għandu jiġi ppreżentat qabel l-1 ta' Jannar 2024, iżda jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni ma ppropionietx rieżami ta' nofs it-terminu obbligatorju u vinkolanti, bi proċedura speċifika li tinkludi kalendarju vinkolanti li jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament; jinsisti li se jkun jeħtieġ li jsiru negozjati sħaħ bejn il-Parlament u l-Kunsill fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP;

4. Ifakkar fil-fatt li, f'diversi okkażjonijiet, talab li l-QFP futuri jkunu allinjati mat-tul tal-leġiżlatura tiegħu u mal-mandat tal-Kummissjoni; jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma fasslitx proposta ċara li tiddeskrivi l-metodi għall-implimentazzjoni fil-prattika ta' qafas finanzjarju 5+5 fil-ġejjieni;

5. Jenfasizza li l-QFP li jmiss jipprovdi opportunità biex l-Unjoni turi li hija magħquda u kapaċi tindirizza żviluppi politiċi bħall-Brexit, il-feġġ ta' movimenti populisti u nazzjonalisti u tibdiliet fit-tmexxija globali; jissottolinja li l-firdiet fi ħdan l-UE mhumiex soluzzjoni għall-isfidi globali u għall-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini; iqis li n-negozjati dwar il-Brexit, b'mod partikolari, juru li l-benefiċċji mis-sħubija fl-Unjoni huma bil-wisq akbar mill-kost tal-kontribuzzjoni għall-baġit tagħha;

6. Iqis li r-rekwiżit ta' unanimità għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP jirrappreżenta impediment reali għall-proċess; jitlob li l-Kunsill Ewropew, f'dan ir-rigward, jattiva l-klawsola passerelle prevista fl-Artikolu 312(2) tat-TFUE biex l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP tkun tista' ssir b'maġġoranza kwalifikata; ifakkar, barra minn hekk, li l-klawsola passerelle staipulata fl-Artikolu 48(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) tista' wkoll titħaddem, biex tkun tista' tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jenfasizza li bidla għal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP tkun fi qbil mal-proċess deċiżjonali għall-adozzjoni tal-kważi totalità tal-programmi multiannwali tal-UE, kif ukoll mal-proċedura annwali għall-adozzjoni tal-baġit tal-UE;

7. Jilqa' l-potenzjal inerenti fl-approċċ tal-Kummissjoni li jorbot il-pagamenti mill-baġit tal-UE mal-konformità mal-istat tad-dritt bħala valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jqis li sospensjoni tal-infiq fi Stat Membru għandha ssir biss bħala miżura tal-aħħar istanza, u jtenni li biħsiebu jeżamina bir-reqqa l-elementi kollha ta' din il-proposta rigward il-klawsola ta' kondizzjonalità dwar l-istat tad-dritt, u li jdaħħal id-dispożizzjonijiet meħtieġa li jiggarantixxu li l-benefiċjarji aħħarin tal-baġit tal-Unjoni bl-ebda mod ma jkunu jistgħu jiġu affettwati minn ksur tar-regoli li ma jkunux responsabbli għalih;

8. Ifakkar li l-ugwaljanza tal-ġeneri hija minquxa fit-Trattati u li għandha tkun inkluża fl-attivitajiet kollha tal-UE għat-twettiq tal-ugwaljanza fil-prattika; jenfasizza li l-ibbaġitjar

sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru jrid isir parti integrali tal-QFP permezz tal-inklużjoni ta' impenn ċar fir-Regolament dwar il-QFP;

9. Jenfasizza li l-QFP li jmiss għandu jqis bis-sħiħ l-impenn li l-UE ħadet fil-kuntest tal-COP 21;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà i tfassal klawsola ta' kondizzjonalità li torbot is-sospensjoni tal-impenji baġitarji u tal-pagamenti li jikkonċernaw fondi tal-UE ma' nuqqas min-naħa tal-Istati Membri li jissodisfaw obbligi fid-dritt tal-UE bbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà fost l-Istati Membri fil-qasam tal-politika Ewropea dwar l-asil u fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jitlob li jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiggarantixxu li l-benefiċjarji diretti tal-baġit tal-Unjoni bl-ebda mod ma jkunu jistgħu jiġu affettwati minn ksur tar-regoli li ma jkunux responsabbli għalih;

Riżorsi proprji

11. Ifakkar li, filwaqt li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi li l-Parlament jeħtieġ biss li jiġi kkonsultat biex deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni tiġi adottata, il-proċedura għall-adozzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni għal din is-sistema, kif iddikjarat fir-raba' subparagrafu, tirrikjedi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu; jitlob li l-Kunsill jinvolvi lill-Parlament mill-qrib fl-istadji kollha tal-proċedura għall-adozzjoni ta' riżorsi proprji;

12. Ifakkar li l-Artikolu 311 tat-TFUE jiddikjara li: "L-Unjoni għandha tipprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tikseb l-għanijiet tagħha u twettaq b' suċċess il-politika tagħha. Salv kull dħul ieħor, l-estimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji"; jenfasizza, għaldaqstant, li r-rekwiżit legali li l-baġit tal-UE jiġi pprovdut b'riżorsi proprji ġenwini joħroġ direttament mit-Trattat;

13. Jilqa' l-fatt li l-kategoriji l-ġodda tar-riżorsi proprji proposti mill-Kummissjoni huma marbuta ma' politiki li għandhom valur miżjud Ewropew għoli, mhux bil-għan li jżidu l-piż fiskali ġenerali għaċ-ċittadini, iżda li jnaqqsu dak fuq it-teżori nazzjonali u li joħolqu għarfien, fost iċ-ċittadini, ta' baġit awtonomu tal-UE li juri l-valur miżjud tal-integrazzjoni Ewropea; Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ambizzjoni ta' dawn il-proposti, li jwasslu biex ma jkunx jista' jintlaħaq l-objettiv dikjarat ta' tkabbir tas-sehem tar-riżorsi proprji ġenwini, u jitlob li l-Kummissjoni tikkompleta l-proposti tagħha billi tintroduċi riżorsi proprji differenti f'oqsma bħall-ġustizzja tat-taxxa u l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa;

14. Wara l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, ifakkar li, meta r-Renju Unit joħroġ mill-UE, il-korrezzjoni tal-UE se ssir skaduta; ifakkar li, konsegwentement, il-korrezzjonijiet kollha marbuta mil-finanzjament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għandhom jiġu tterminati immedjatament wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE;

15. Iqis li l-kuntest tal-Brexit huwa wkoll okkażjoni biex titqies it-tneħħija tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni l-oħra kollha mogħtija lil xi Stati Membri, liema mekkaniżmi mhumiex ġustifikati aktar, u jemmen li dan jippermetti li l-Istati Membri kollha jerġgħu jingħataw trattament ugwali rigward il-kontribuzzjoni tagħhom għall-baġit tal-Unjoni;

Modifiki

Modifika 1

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(1) Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju, it-tul tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jenħtieġ li jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021;	(1) Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq terminu medju, it-tul tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) jenħtieġ li jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021***; billi jenħtieġ li l-Kummissjoni fiż-żmien debitu tfassal proposta ċara li tiddeskrivi l-metodi għall-implimentazzjoni fil-prattika ta' qafas finanzjarju 5+5 fil-ġejjieni***.

Modifika 2

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(9a) L-Artikolu 8 tat-TFUE jistipula l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneri fl-attivitajiet kollha tal-UE, li jirrikjedi l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati u -trasparenza fl-allokazzjonijiet tal-baġit iddedikati għall-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneri u għall-ġlieda kontra d-

	diskriminazzjoni tal-ġeneri.

Modifika 3

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	(***10a)*** ***Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-QFP, flimkien ma' proposti għal rieżami obbligatorju, bi proċedura speċifika li tinkludi kalendarju vinkolanti li jiżgura l-involviment sħiħ tal-Parlament.***

Modifika 4

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
(14) Huwa neċessarju li ***jkun hemm dispożizzjoni għal*** regoli ġenerali dwar kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja.	(14) Huwa neċessarju li ***jkunu previsti*** regoli ġenerali dwar kooperazzjoni interistituzzjonali fil-proċedura baġitarja***, li jirrispettaw is-setgħat baġitarji tal-istituzzjonijiet kif stabbilit fit-Trattati.***

Modifika 5

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
	Artikolu 3a (ġdid) ***Baġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru*** ***Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummisjsoni għandhom jinkorporaw perspettiva tal-ġeneru fil-livelli tal-proċedura tal-baġit għal kull sena kkonċernata u jirristrutturaw id-dħul u l-infiq bil-għan li jippromwovu l-ugwaljanza tal-ġeneri.***

Modifika 6

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Modifika*
Artikolu 16 ***Rieżami*** *ta' nofs it-terminu tal-QFP*	*Artikolu 16* ***Reviżjoni*** *ta' nofs it-terminu tal-QFP*
Qabel l-1 ta' Jannar ***2024***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***rieżami tal-funzjonament*** tal-QFP***. Dan ir-rieżami għandu, kif ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn*** proposti ***rilevanti***.	***Mhux aktar tard mill-1*** ta' Jannar ***2023***, il-Kummissjoni <u>**għandha**</u> tippreżenta ***valutazzjoni tal-implimentazzjoni*** tal-QFP***, flimkien ma'*** proposti ***għal reviżjoni obbligatorja***. ***Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva stabbilita fl-Artikolu 312 tat-TFUE u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jirrevedi dan ir-Regolament.***

PROĊEDURA
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fil-plenarja	AFCO 13.9.2018
Rapporteur Data tal-ħatra	Fabio Massimo Castaldo 20.6.2018
Data tad-diskussjoni fil-Kumitat	3.9.2018
Data tal-adozzjoni	10.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Mercedes Bresso, Elmar Brok, Fabio Massimo Castaldo, Richard Corbett, Pascal Durand, Danuta Maria Hübner, Diane James, Ramón Jáuregui Atondo, Alain Lamassoure, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Paulo Rangel, Helmut Scholz, György Schöpflin, Claudia Țapardel, Josep-Maria Terricabras, Kazimierz Michał Ujazdowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Guerrero Salom, Jérôme Lavrilleux, Jasenko Selimovic
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	John Howarth, Sven Schulze, Adam Szejnfeld

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

20	+
ALDE	Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jasenko Selimovic
EFDD	Fabio Massimo Castaldo
GUE/NGL	Helmut Scholz
NI	Kazimierz Michał Ujazdowski
PPE	Elmar Brok, Danuta Maria Hübner, Alain Lamassoure, Jérôme Lavrilleux, Paulo Rangel, Sven Schulze, Adam Szejnfeld
S&D	Mercedes Bresso, Richard Corbett, Enrique Guerrero Salom, John Howarth, Ramón Jáuregui Atondo, Claudia Ţapardel
VERTS/ALE	Pascal Durand, Josep Maria Terricabras

3	-
ENF	Gerolf Annemans
NI	Diane James
PPE	György Schöpflin

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : 20 favur
- : 3 kontra
0 : astensjoni

11.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil (COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Marietje Schaake

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jenfasizza, fid-dawl tal-isfidi dejjem jikbru li jaffettwaw l-istabbiltà globali u reġjonali, il-ħtieġa li l-approprjazzjonijiet għal azzjoni esterna tal-UE jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) il-ġdid filwaqt li tinżamm il-politika barranija tal-UE bbażata fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali; Jieħu nota taż-żieda modesta fil-finanzjament f'termini reali proposta mill-Kummissjoni u jitlob żieda relattiva oħra fl-impenji għall-azzjoni esterna, li jeħtieġ li tinżamm sħiħa fin-negozjati interistituzzjonali;

2. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-għanijiet u l-objettivi tal-Istrument tal-Viċinat Ewropew, tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, inklużi l-għanijiet u l-objettivi tagħhom, għandhom jinżammu bħala strumenti indipendenti, u jisħaq fuq il-ħtieġa li ma jitħalliex li jkun hemm kompetizzjoni bejn il-politiki differenti; iħeġġeġ li l-konnessjoni bejn il-programmi tematiċi u ġeografiċi tissaħħaħ, minħabba n-natura trasversali ta' ħafna kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, in-nondiskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabbiltà u t-tibdil fil-klima; ifakkar ukoll fit-talba tiegħu li jinżamm il-bilanċ finanzjarju eżistenti fid-distribuzzjoni tal-fondi bejn il-viċinat tan-Nofsinhar u dak tal-Lvant tal-UE;

3. Ifakkar li l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP) huwa l-uniku strument tal-UE għall-prevenzjoni tal-kunflitti ċivili, inklużi l-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni; jiddispjaċih li aspetti importanti tal-IcSP, bħall-appoġġ għal

kummissjonijiet ta' rikonċiljazzjoni, l-azzjonijiet dwar suldati tfal, il-ġlieda kontra l-użu illeċitu ta' armi tan-nar jew ir-riabilitazzjoni tal-vittmi ta' vjolenza bl-armi, mhumiex inklużi fil-proposta kurrenti tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, Żvilupp u Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI);

4. Jilqa' l-proposta għall-inkorporazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fil-baġit tal-UE, u jappella għal tisħiħ tas-setgħat ta' skrutinju tal-Parlament;

5. Iħeġġeġ li l-objettivi speċifiċi dwar id-dimensjoni tal-ġeneru jkunu inklużi permezz ta' żieda fil-baġit disponibbli għal dan il-qasam;

6. Itenni li r-riforma tal-arkitettura kurrenti tal-istrumenti ta' finanzjament estern għandha ssaħħaħ ir-responsabbiltà, it-trasparenza, is-sorveljanza demokratika u parlamentari, l-effiċjenza u l-koerenza, filwaqt li tqis il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni; jenfasizza li dawn l-objettivi ma jistgħux jinkisbu mingħajr struttura soda ta' governanza li tippermetti kontroll politiku, li tkun xprunata mill-istrateġija, tkun inklussiva u responsabbli, u li tħaddan objettivi, parametri referenzjarji u mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ċari, inkluż approċċ imsaħħaħ ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li s-soċjetà ċivili tkun involuta fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-azzjoni esterna tal-UE; jiddispjaċih li l-proposti tal-Kummissjoni għall-NDICI u l-IPA III ma fihom prattikament l-ebda dispożizzjoni tali dwar aspetti ta' governanza, u li mhu previst l-ebda mekkaniżmu speċifiku għall-involviment tal-Parlament Ewropew f'għażliet strateġiċi dwar il-prijoritajiet u l-finanzjament; jinnota, għalhekk, li l-proposti mhumiex aċċettabbli fil-forma kurrenti tagħhom;

7. Jirrikonoxxi l-ħtieġa għal flessibilità msaħħa; jinsisti, madankollu, li l-fondi użati taħt il-kappa proposta "sfidi u prijoritajiet emerġenti" ma jistgħux jintużaw biex jaqdu objettivi oħra, bħalma huma l-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà, u li l-flessibilità msaħħa ma tistax issir akkost ta' objettivi ta' politika fit-tul u ta' anqas possibilitajiet biex il-Parlament Ewropew jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' tmexxija politika u skrutinju; jemmen li jeħtieġ li jiġu inklużi kriterji ċari dwar kif għandhom jiġu allokati fondi ta' riserva u li jiġi inkluż mekkaniżmu adatt ta' monitoraġġ;

8. Jikkritika bil-qawwa l-fatt li l-allokazzjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni tal-Artikolu 17 jinkludu "kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni" fost il-kriterji għad-determinazzjoni ta' allokazzjonijiet finanzjarji supplimentari; jenfasizza li l-iskop oriġinali tal-prinċipju "aktar għal aktar" kien li jinbnew sħubijiet aktar b'saħħithom mal-ġirien li jagħmlu aktar progress lejn riforma demokratika, u li "l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni" tipperikola b'mod serju dan l-approċċ u r-rispett tal-UE għall-prinċipji inklużi fl-Artikolu 21 tat-TUE;

9. Jenfasizza l-ħtieġa għal dibattitu aktar demokratiku dwar l-għajnuna esterna tal-UE wkoll permezz ta' involviment aktar qawwi tal-Parlament Ewropew fit-tmexxija politika strateġika tal-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-UE;

10. Iqis li l-infiq mir-raggruppament tad-difiża għandu jintefaq biss għal skopijiet ta' difiża, bħalma huma l-parti tal-azzjonijiet relatati mad-difiża taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-programm Orizzont Ewropa, inklużi l-infrastrutturi u l-assi b'użu doppju bħala faċilitaturi ewlenin għal difiża aktar effiċjenti u għal sinerġija eqreb bejn iċ-ċivil u l-militari;

11. Jitlob li l-Kummissjoni timplimenta bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fi qbil mal-Artikolu 8 tat-TFUE.

PROĊEDURA
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 13.9.2018
Rapporteur Data tal-ħatra	Marietje Schaake 10.7.2018
Data tal-adozzjoni	9.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 –: 4 0: 11
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Michèle Alliot-Marie, Francisco Assis, Petras Auštrevičius, Goffredo Maria Bettini, Victor Boştinaru, Klaus Buchner, Fabio Massimo Castaldo, Lorenzo Cesa, Javier Couso Permuy, Andi Cristea, Georgios Epitideios, Knut Fleckenstein, Eugen Freund, Manolis Kefalogiannis, Tunne Kelam, Wajid Khan, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Arne Lietz, Barbara Lochbihler, Sabine Lösing, Ramona Nicole Mănescu, David McAllister, Clare Moody, Javier Nart, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Cristian Dan Preda, Jozo Radoš, Michel Reimon, Sofia Sakorafa, Jean-Luc Schaffhauser, Jordi Solé, Dobromir Sośnierz, Dubravka Šuica, Charles Tannock, László Tőkés, Ivo Vajgl, Anders Primdahl Vistisen
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Norica Nicolai, Gilles Pargneaux, Helmut Scholz, Igor Šoltes, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Željana Zovko
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivan Štefanec

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

35	+
ALDE	Petras Auštrevičius, Javier Nart, Norica Nicolai, Jozo Radoš, Ivo Vajgl
ECR	Charles Tannock
EFDD	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Michèle Alliot-Marie, Lorenzo Cesa, Andrzej Grzyb, Manolis Kefalogiannis, Tunne Kelam, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, David McAllister, Ramona Nicole Mănescu, Cristian Dan Preda, Ivan Štefanec, Dubravka Šuica, László Tőkés, Željana Zovko
S&D	Francisco Assis, Goffredo Maria Bettini, Victor Boştinaru, Andi Cristea, Knut Fleckenstein, Eugen Freund, Ana Gomes, Wajid Khan, Arne Lietz, Clare Moody, Pier Antonio Panzeri, Gilles Pargneaux, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula

4	-
ECR	Anders Primdahl Vistisen
ENF	Jean-Luc Schaffhauser
NI	Georgios Epitideios, Dobromir Sośnierz

11	0
GUE/NGL	Javier Couso Permuy, Sabine Lösing, Sofia Sakorafa, Helmut Scholz, Marie-Christine Vergiat
VERTS/ALE	Klaus Buchner, Barbara Lochbihler, Michel Reimon, Jordi Solé, Igor Šoltes, Bodil Valero

Key to symbols:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

11.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil (COM(2018)0322 –2018/0166R(APP))

Korapporteurs għal opinjoni: Inés Ayala Sender, Gerben-Jan Gerbrandy

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport interim tiegħu rigward ir-regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 u dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

Proposta QFP

1. Ifakkar fil-prinċipji baġitarji Ewropej tal-unità, il-preċiżjoni baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-universalità, l-ispeċifikazzjoni, il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja soda u t-trasparenza, li għandhom jiġu rrispettati meta jiġi stabbilit il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP);

2. Jenfasizza li l-QFP 2021-2027 għandu jiffaċilita baġit ta' valur miżjud Ewropew reali b'finanzjament suffiċjenti biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tiegħu, u b'enfasi msaħħa fuq l-istabbiltà u s-sempliċità, il-prestazzjoni u r-riżultati, li jwasslu għal infiq aħjar u aktar effikaċi, spejjeż operattivi orħos, allokazzjoni effikaċi ta' riżorsi, ekwità u aktar responsabbiltà u trasparenza fir-rigward tal-fondi tal-Unjoni, biex jinftiehem aħjar miċ-ċittadin Ewropew;

Numri[1]

3. Jinnota li, skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2021-2027 tirrappreżenta żieda ta' 18 % fil-prezzijiet attwali fuq il-QFP 2014-2020: minn EUR 1 087 għal 1 279 biljun; jenfasizza, madankollu, li wara li

[1] *Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027,* Dokument ta' Tgħarrif tal-QEA, Lulju 2018.

tqiesu l-inflazzjoni, l-ammonti attribwibbli lill-benefiċjarji tar-Renju Unit matul il-QFP 2014-2020 u l-inkorporazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fil-baġit, iż-żieda reali hija ta' 5 %; jirrimarka li, bħala proporzjon tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), il-Kummissjoni tistma li, meta tiġi applikata l-istess bażi komparabbli, fil-fatt ikun hemm tnaqqis minn 1,16 % għal 1,08 %, u ta' 11 % meta jiġi integrat il-FEŻ;

4. Jinnota li l-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas il-finanzjament b'16 % għall-intestatura tal-QFP "Riżorsi Naturali u l-Ambjent", li jfisser b'mod partikolari:

   – tnaqqis ta' 15 % fil-PAK kollha kemm hi (tnaqqis ta' 11 % fil-pagamenti diretti u tnaqqis ta' 27 % fil-programmi ta' żvilupp rurali),

   – skont iċ-ċifri tal-Parlament, żieda ta' 38 % għall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), li se jibqa' parti żgħira tal-intestatura "Riżorsi Naturali u l-Ambjent": 2 %;

5. Jinnota li l-infiq propost għall-intestatura "Koeżjoni u Valuri" huwa mistenni li jiżdied b'1 %, iżda li hemm bidliet kbar fil-livell tal-programm peress li, meta jitqiesu flimkien, it-tliet fondi li bħalissa jkopru l-koeżjoni, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), se jitnaqqsu b'10 %, li jfisser:

   – żieda ta' 2 % fil-FEŻR,

   – tnaqqis ta' 45 % fil-Fond ta' Koeżjoni,

   – tnaqqis ta' 7 % fl-FSE, minkejja l-kamp ta' applikazzjoni mwessa' tiegħu u l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;

6. Jinnota bi tħassib il-fatt li fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, il-Kummissjoni ppreżentat l-allokazzjonijiet nazzjonali għall-politika ta' koeżjoni mingħajr l-allokazzjoni dettaljata fost il-FEŻR, il-FK u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+);

7. Jinnota li programmi oħra se jiġu inklużi taħt l-intestatura "Koeżjoni u Valuri", bħal Erasmus+, li għalihom il-Kummissjoni tippjana żieda ta' 77 % fil-finanzjament (li jammonta għal 7 % tal-intestatura l-ġdida "Koeżjoni u Valuri");

8. Jinnota li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-finanzjament għall-Intestaturi l-oħra tal-QFP b'EUR 115-il biljun, li jikkorrispondu għal 11 % tal-QFP attwali;

9. Jinnota li r-riprijoritizzazzjoni proposta tal-Kummissjoni tiffoka fuq l-intestaturi "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" u "Sigurtà u Difiża" li se jiżdiedu biex jammontaw għal kważi 5 % tal-baġit kollu, mil-livell attwali ta' 1 %, u li l-infiq taħt "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" se jiżdied għal 15 % mil-livell attwali ta' 11 %;

Ippjanar strateġiku

10. Jinnota li l-Kummissjoni biħsiebha tressaq l-istruttura u l-programmi tal-baġit tal-UE konformi għal kollox mal-aġenda pożittiva tal-Unjoni għal wara l-2020, kif miftiehem fi

Bratislava u Ruma[1]; jinnota li d-dikjarazzjonijiet u l-pjan direzzjonali adottati fi Bratislava u f'Ruma ma jistgħux jitqiesu bħala viżjoni strateġika fit-tul b'objettivi u indikaturi li jkopru l-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni;

11. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tintroduċi viżjoni fuq il-perjodu twil ta' żmien dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fid-dinja globalizzata, li tkun sostnuta b'politiki applikati b'mod korrett li jkunu bbażati fuq objettivi politiċi fuq il-perjodu twil ta' żmien, dan biex l-UE tindirizza l-isfidi attwali u futuri li qed tiffaċċja; jinnota li n-nuqqas ta' dan potenzjalment jista' jimmina l-valur miżjud tal-proposta tal-QFP;

12. Jindika li l-istrateġija Ewropa 2020 se tintemm qabel il-bidu tal-perjodu l-ġdid tal-QFP, u li għadu ma ġie deċiż l-ebda sett ġdid ta' għanijiet strateġiċi tal-UE; jenfasizza l-bżonn għal aktar ippjanar strateġiku min-naħa tal-Kummissjoni u jtenni li l-baġits pubbliċi għandhom jiġu stabbiliti wara t-tfassil ta' objettivi politiċi fuq il-perjodu twil ta' żmien u fuq it-tfassil ta' politiki b'konformità mal-viżjoni ġenerali tal-UE, u għalhekk jiddispjaċih li l-proposta għall-QFP il-ġdid ma tirriflettix għal kollox din it-talba;

13. jenfasizza li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom, l-ewwel nett ikunu jistgħu jippreżentaw ħtiġijiet ġustifikati sew għall-finanzjament mill-Unjoni u jiddefinixxu l-għanijiet strateġiċi u r-riżultati previsti li għandhom jinkisbu qabel ma kwalunkwe nfiq jiġi ppjanat bl-indikaturi korrispondenti li għandhom jitkejlu;

Prijoritajiet politiċi u preżentazzjoni tal-Baġit tal-UE

14. Jilqa' l-fatt li l-programmi l-ġodda se jinġabru f'raggruppamenti ta' politiki, li se jkunu riflessi fit-titoli tal-baġit annwali; jesprimi t-tama tiegħu li dan se jipprovdi aktar ċarezza dwar kif se jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika;

15. Jilqa' l-modernizzazzjoni u s-simplifikazzjoni globali tal-baġit u l-ambizzjoni biex jinkisbu allinjament, flessibbiltà, u trasparenza;

16. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni, mill-2021, li tallinja l-kunċett ta' oqsma ta' politika mar-raggruppamenti ta' programmi, u li dan l-allinjament se jippermetti rikonċiljazzjoni aktar faċli bejn il-baġit annwali u l-intestaturi tal-QFP;

17. Ifakkar li l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) staqsa lill-Kummissjoni f'ħafna okkażjonijiet biex tippreżenta l-baġit tal-Unjoni skont l-għanijiet politiċi tal-QFP kif adottat mill-Parlament; huwa tal-fehma li dan se jippermetti lill-awtorità baġitarja tifli bir-reqqa u ssegwi t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-baġit aktar faċilment;

18. Ifakkar li l-finanzjament tal-politiki u l-proġetti għandu jkun konformi mal-objettivi u l-impenji rigward il-klima u l-enerġija miftiehma fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi. ifakkar, għalhekk, li mill-inqas 30 % tan-nefqa tal-UE għandha tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u jaqbel li dan l-aħjar isir billi l-infiq għall-klima jiġi integrat fil-programmi kollha tal-UE; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura li dan jiġi applikat b'mod koerenti u komprensiv bi qbil mal-ippjanar strateġiku;

[1] Id-Dikjarazzjoni ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016; Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017.

19. Jirrimarka li hemm nuqqas ta' investimenti ċari fir-rigward tal-għanijiet tal-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali adottati mit-tliet istituzzjonijiet;

20. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' allinjament tal-QFP propost mas-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU għall-2030 li jappoġġja t-trasformazzjoni progressiva lejn soċjetà Ewropea sostenibbli;

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kontinwament turi tmexxija u impenn suffiċjenti fl-oqsma strateġiċi u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura żieda fil-viżibbiltà ġenerali tal-finanzjament għall-pubbliku ġenerali;

Simplifikazzjoni u prestazzjoni

22. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jitnaqqas in-numru ta' programmi ta' nfiq b'terz u li r-regoli jsiru aktar koerenti; jenfasizza li sabiex effettivament tinkiseb is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji, ir-regoli, ir-rekwiżiti u l-proċeduri kollha mhux meħtieġa għandhom jiġu eliminati;

23. Jistaqsi għalfejn il-Kummissjoni tuża żewġ settijiet ta' objettivi u indikaturi biex tkejjel il-prestazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja; fuq naħa waħda, id-Diretturi- Ġenerali tal-Kummissjoni jevalwaw il-kisba tal-objettivi definiti fil-pjan ta' ġestjoni tagħhom fir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tagħhom, u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tkejjel il-prestazzjoni ta' programmi ta' nfiq permezz tad-dikjarazzjonijiet tal-programm tan-nefqa operazzjonali annessa mal-abbozz ta' baġit;

24. Ifakkar li l-qafas ta' prestazzjoni attwali tal-programmi rrapportati fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi jinkludi 716-il indikatur ta' tipi differenti li jkejlu l-prestazzjoni fl-isfond ta' 61 objettiv ġenerali u 228 speċifiċi;

25. Jitlob lill-Kummissjoni:

(a) tissimplifika r-rappurtar dwar il-prestazzjoni billi:

– tkompli tnaqqas l-għadd ta' objettivi u indikaturi li tuża għad-diversi rapporti tagħha dwar il-prestazzjoni, u tiffoka fuq dawk li jkejlu bl-aħjar mod il-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fl-interessi tas-simplifikazzjoni, it-trasparenza u kontroll imtejjeb;

– testendi approċċ kwalitattiv u tinkludi indikaturi ambjentali u soċjali sabiex ikun jista' jitkejjel l-impatt tal-politika tal-UE fuq il-politiki ambjentali u soċjali;

– tippreżenta informazzjoni finanzjarja b'mod li jagħmilha kumparabbli mal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni, sabiex ir-rabta bejn l-infiq u l-prestazzjoni tkun ċara;

(b) tibbilanċja aħjar ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni billi tippreżenta b'mod ċar l-informazzjoni dwar l-isfidi ewlenin tal-UE li għad iridu jingħelbu;

(c) tipprovdi dikjarazzjoni dwar il-kwalità tad-data tal-prestazzjoni rrapportata;

Rieżami tal-infiq li jakkumpanja l-Proposta tal-QFP

26. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni wettqet biss rieżami tal-infiq minflok analiżi tal-programmi kollha ewlenin taħt il-QFP attwali permezz ta' approċċ għall-baġit fuq bażi żero; jinnota madankollu, li r-rieżami limitat tal-Kummissjoni, kellu l-għan li jiġbor flimkien:

– rieżami strateġiku (iffukat fuq l-għoti ta' prijorità lil programmi skont il-valur miżjud u l-koerenza tagħhom mal-objettivi tal-UE) ma'

– rieżami ta' effiċjenza (li jfittex mezzi għat-titjib tat-twassil ta' programmi eżistenti);

27. Jiddispjaċih li r-rieżami tal-infiq imsemmi aktar kmieni ma pprevidiex evalwazzjoni komprensiva bil-għan li jintwera l-valur miżjud reali tal-programmi;

28. Ifakkar li, sabiex il-Parlament ikun jista' jfassal il-qafas politiku għal kull waħda mill-ħames snin ta' wara, l-ipprogrammar tal-baġit għandu jkun allinjat maċ-ċikli leġiżlattivi; iqis li l-QFP 2021-2027 huwa perjodu ta' tranżizzjoni minn baġit ta' seba' snin lejn formola ġdida li tallinja l-perjodi leġiżlattivi ta' ħames snin kif ukoll ma tipperikolax il-politiki li għandhom bżonn ipprogrammar fuq il-perjodu twil ta' żmien;

29. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-QFP jiġi allinjat maċ-ċikli politiċi u istituzzjonali, u tqis li l-organizzazzjoni ta' rieżami ta' nofs it-terminu mhux aktar tard minn tmiem l-2023 tirrappreżenta pass' il quddiem lejn is-sinkronizzazzjoni progressiva tat-tul tal-QFP maċ-ċiklu politiku ta' ħames- snin tal-Istituzzjonijiet tal-UE;

Valur miżjud tal-UE

30. Ifakkar li fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-finanzi tal-UE[1], il-Kummissjoni pproponiet lista ta' seba' kriterji għall-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-UE u spjegat il-fatt li l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-programmi għandu jiddependi fuq ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni[2]; Jinsab imħasseb li hemm nuqqas ta' definizzjoni trasparenti tal-valur miżjud tal-UE, u li mhux mistenni li jkun hemm definizzjoni imminenti;

31. Jinnota li, skont id-dokument ta' riflessjoni, għandhom ikunu limitati biss programmi b'valur miżjud tal-UE għoli ħafna li għandhom jirċievu finanzjament sħiħ tal-UE, li għal dawk b'valur miżjud tal-UE bejn medju u għoli, il-finanzjament għandu jkun limitat, u li ma għandu jkun hemm l-ebda finanzjament għal programmi li l-valur miżjud tal-UE tagħhom kien baxx;

32. Jiddispjaċih li r-Rieżami tal-Infiq ippubblikat la jipprovdi valutazzjoni sistematika tal-programmi abbażi tal-kriterji li l-Kummissjoni ddefiniet għall-valur miżjud tal-UE, u lanqas konklużjonijiet ġenerali ċari dwar il-valur miżjud tal-UE ta' kull programm; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa u tapplika kunċett robust u ċar ta' valur miżjud tal-UE

[1] Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE, tat-28 ta' Ġunju 2017, COM(2017)0358,

[2] Dawn il-kriterji kienu jinkludu: Objettivi u obbligi tat-Trattat, prodotti pubbliċi b'dimensjoni Ewropea, ekonomiji ta' skala, effetti konsegwenzjali, sussidjarjetà, benefiċċji tal-integrazzjoni tal-UE u l-valuri Ewropej: il-paċi, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

abbażi tas-sett ta' seba' kriterji stabbiliti fid-dokument ta' riflessjoni;

33. Jinnota li, minħabba li l-objettivi strateġiċi għall-perjodu ta' wara l- 2020 għad iridu jiġu stabbiliti, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tivvaluta b'mod adegwat il-koerenza mal-għanijiet tal-UE għall-perjodu 2021-2027, li jagħmilha diffiċli biex jiġi indikat u mmonitorjat il-valur miżjud tal-UE, li fi kwalunkwe każ irid ikompli juri titjib, b'mod partikolari f'termini tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE;

34. Ifakkar li l-baġit Ewropew għandu obbligu li jwieġeb b'mod adegwat għad-domandi u l-ambizzjonijiet tal-politiki Ewropej, u għandu jkun ta' valur miżjud għall-Unjoni;

Flessibbiltà u responsabbiltà

35. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-kapaċità tal-baġit tal-UE biex tirreaġixxi għal ċirkustanzi li qed jinbidlu billi tiżdied il-flessibbiltà ġenerali u jiġu żgurati biżżejjed approprjazzjonijiet biex jiġu koperti avvenimenti mhux previsti mingħajr ma jiġu mfixkla l-monitoraġġ u l-kontroll; jilqa', b'mod partikolari, il-proposti għal żieda fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji, tnaqqis fid-differenza bejn l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali u l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali, tneħħija tal-limiti mqiegħda fuq il-Marġni Globali għall-Pagamenti, żieda fid-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti speċjali barra l-QFP (l-Istrument ta' Flessibbiltà, ir-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni), għall-estensjoni tal-ambitu tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza lejn operazzjonijiet fi ħdan l-UE, u t-twessigħ tal-Marġini Globali għall-Impenji u biex jingħata l-isem il-ġdid tar-Riżerva tal-Unjoni;

36. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex il-FEŻ jiġi inkorporat fil-Baġit tal-UE u biex ikun soġġett għall-istess prinċipji u regoli bħal dawk applikabbli għal programmi oħra ffinanzjati mill-baġit tal-UE, iżda jenfasizza li għandu jiġi żgurat livell konsistenti ta' responsabbiltà u trasparenza fir-rigward tal-fondi li jintefqu biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE permezz tal-Baġit tal-UE u dawk li se jibqgħu jintefqu barra minn dan il-baġit;

37. Jinsisti li għandhom jiġu stabbiliti mandati ta' awditjar pubbliku għat-tipi kollha ta' finanzjament tal-politiki tal-UE fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali, u li l-QEA għandha tinħatar bħala l-awditur tal-korpi stabbiliti biex jiġu implimentati l-politiki tal-UE, inklużi l-korpi tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u l-Fond Monetarju Ewropew u l-korpi proposti maħluqa permezz ta' ftehimiet barra mill-ordni legali tal-UE bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u l-Bank Ewropew tal-Investiment fir-rigward tal-operazzjonijiet baġitarji mhux tal-UE tiegħu;

Tnaqqis fil-PAK u l-koeżjoni

38. Jinnota li t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-PAK u l-koeżjoni, u jikkunsidrahom bħala passi meħtieġa lejn infiq aktar effikaċi u ffokat fuq il-miri;

39. Jibża' li t-tnaqqis fil-PAK se jaffettwa l-kapaċità ta' għadd kbir ta' bdiewa biex iżommu l-attività professjonali tagħhom; jemmen li ż-żieda fl-effikaċja tal-appoġġ tal-PAK hija neċessità assoluta sabiex jiġu limitati dawn l-effetti negattivi;

40. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni

dwar il-futur tal-PAK, b'mod partikolari li l-mudell ta' implimentazzjoni ġdid għandu jwassal għal miri ta' prestazzjoni li jkunu ambizzjużi kif ukoll rilevanti u li jkunu bbażati fuq evidenza statistika u xjentifika, li jkunu allinjati mal-għanijiet tal-UE, u karatterizzati minn katina solida ta' responsabbiltà u ta' awditjar u bbażati fuq il-monitoraġġ tal-prestazzjoni u fuq il-valutazzjoni tal-prestazzjoni politika u fuq qafas ta' valutazzjoni b'saħħtu;

41. Jenfasizza li l-iskemi ta' finanzjament tal-PAK, huma ta' benefiċċju, b'mod partikolari, għan-negozji ta' azjendi agrikoli, iż-żoni ta' sfida ekoloġika u ġeografika u r-reġjuni b'popolazzjoni baxxa bi qbil mal-miri strateġiċi tal-UE;

42. Jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni li tfassal PAK ġdida abbażi ta' pjanijiet strateġiċi li trid titfassal mill-Istati Membri tista' tobbligahom jassumu responsabbiltà akbar dwar il-politika agrikola u l-ibbaġitjar; jinnota barra minn hekk li dan jista' jżid ir-riskju li tinħoloq diversità u kumplessità akbar fil-ġestjoni finanzjarja tal-PAK u biex il-kontrolli leġittimi jkunu aktar diffiċli;

43. Jinnota t-tnaqqis fil-programmi ta' żvilupp rurali, partikolarment 27 % globalment, b'45 % fil-Koeżjoni u 10 % fil-Fond Soċjali Ewropew; Jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, tiżgura l-kapaċità tagħha biex tittratta b'suċċess id-disparitajiet u d-diviżjonijiet akuti bejn iż-żoni urbani u rurali, biex treġġa' lura l-proċessi ta' diverġenzi dejjem aktar profondi u biex tingħeleb il-frammentazzjoni;

Riżorsi Proprji

44. Jilqa' t-tliet kategoriji l-ġodda tar-riżorsi proprji li jinkludu sehem mill-bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva (BKKTK), sehem ta' 20 % tad-dħul iġġenerat mill-iskema tan-negozjar tal-emissjonijiet u kontribuzzjoni nazzjonali kkalkolata fuq l-ammont ta' skart tal-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat f'kull Stat Membru; ifakkar f'dan il-kuntest li s-sistema proposta dwar ir-riżorsi proprji ma għandhiex iżżid il-piż fiskali globali għall-kontribwenti tal-UE u li għandha twassal għal tnaqqis proporzjonali tal-kontribuzzjoni tal-Istati Membri lejn il-baġit tal-UE;

45. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel proposti addizzjonali għal riżorsi proprji ġodda sabiex tikseb baġit tal-UE li jkun awtosuffiċjenti fuq il-perjodu ta' żmien medju; huwa tal-fehma li s-sehem ta' riżorsi proprji ġenwini għandu jkollu rwol sinifikanti mill-aspett tad-dħul tal-baġit tal-UE;

46. Itenni li s-sistema attwali ta' korrezzjonijiet u ribassi teħtieġ li tiġi abolita, u jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni sabiex tnaqqas gradwalment ir-ribassi kollha sal-2025, li se twassal għal struttura aktar sempliċi u trasparenti;

47. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex tnaqqas għal 10 % l-perċentwal tad-dazji doganali miżmuma mill-Istati Membri bħala "kostijiet tal-ġbir";

48. Jitlob li l-VAT tinżamm bħala riżorsa proprja tal-UE filwaqt li tiġi implimentata simplifikazzjoni ġenwina tagħha;

49. Jemmen li l-finanzjament tal-UE għandu jkun aktar stabbli, sostenibbli, prevedibbli, trasparenti u komprensibbli għaċ-ċittadini tal-UE;

50. Jinnota li l-għan ġenerali tal-kundizzjonalità fl-UE huwa li titrawwem l-integrazzjoni u l-koeżjoni fost l-Istati Membri; jemmen li l-kundizzjonalità loġika trid tinvolvi t-tfassil ta' inċentivi b'tali mod li twassal għal parteċipazzjoni akbar tal-Istati Membri fil-proġett Ewropew, tikkontribwixxi għall-eżitu maħsub u li tipprevjeni l-użu ħażin tal-fondi tal-UE;

51. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-kalkolu tal-kontribuzzjoni nazzjonali abbażi tal-ammont ta' skart tal-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat fl-Istati Membri u dwar kif għandha tinġabar; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sett ta' għodod ta' monitoraġġ li se jappoġġjaw lill-Istati Membri biex jistabbilixxu metodoloġija komuni għall-ġbir u l-kalkolu tal-kontribuzzjoni;

52. Jinnota bi tħassib li l-proposta leġiżlattiva dwar il-BKKTK għadha ma ġietx adottata u li ma hemm l-ebda stima taż-żmien dwar meta se jkun hemm qbil dwarha fil-Kunsill; huwa tal-opinjoni li minħabba din ir-raġuni, il-BKKTK ma tistax titqies bħala riżorsa proprja reali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; Iħeġġeġ lill-Kunsill jilħaq ftehim f'dan il-kuntest, b'kunsiderazzjoni tal-importanza tal-BKKTK fit-trattament tal-problema tal-evitar tat-taxxa mill-intrapriżi multinazzjonali;

53. Jilqa' l-prinċipju li d-dħul futur mill-politiki tal-UE għandu jidħol fil-baġit tal-UE, peress li dan jikkostitwixxi sors ta' introjtu tal-UE ġenwin.

54. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw it-tisħiħ tas-sistemi attwali ta' kontroll u ta' prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE;

55. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jitħassru d-differenzi fil-kontrolli doganali madwar l-UE li jikkostitwixxu riskju kbir għall-interessi finanzjarji tal-UE, u jappella lill-Kummissjoni biex tarmonizza l-ġestjoni doganali madwar l-UE sabiex tiġġieled b'mod effettiv il-kuntrabandu ta' oġġetti u l-frodi fiskali.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CONT 13.9.2018
Data tal-adozzjoni	10.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 –: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Inés Ayala Sender, Jonathan Bullock, Tamás Deutsch, Luke Ming Flanagan, Ingeborg Gräßle, Jean-François Jalkh, Arndt Kohn, Gilles Pargneaux, Georgi Pirinski, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Petri Sarvamaa, Derek Vaughan, Tomáš Zdechovský, Joachim Zeller
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Iris Hoffmann, Andrey Novakov, Julia Pitera, Miroslav Poche

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

16	+
ALDE	Nedzhmi Ali
PPE	Tamás Deutsch, Ingeborg Gräßle, Andrey Novakov, Julia Pitera, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Petri Sarvamaa, Tomáš Zdechovský, Joachim Zeller
S&D	Inés Ayala Sender, Iris Hoffmann, Arndt Kohn, Gilles Pargneaux, Georgi Pirinski, Miroslav Poche, Derek Vaughan

2	-
EFDD	Jonathan Bullock
ENF	Jean-François Jalkh

1	0
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

15.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament fid-dawl ta' ftehim
(COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Helmut Scholz

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Rakkomandazzjonijiet

1. Bil-kundizzjoni li strument ta' azzjoni esterna ġdid u komprensiv jiġi miftiehem mill-koleġiżlaturi, it-titolu tiegħu għandu jsemmi b'mod espliċitu l-"Kummerċ" u jinqara, pereżempju, "Strument ta' Viċinat, Żvilupp, Kummerċ u Kooperazzjoni Internazzjonali";

2. Jilqa' ż-żieda fl-approprjazzjonijiet għall-azzjonijiet taħt l-intestatura sitta, "Il-Viċinat u d-Dinja", fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027 (QFP), u jappella għal żieda proporzjonata (ta' 30 %) tar-riżorsi ddedikati għall-kummerċ internazzjonali fi ħdan dik it-taqsima u biex dawn l-approprjazzjonijiet jiġu allokati speċifikament għall-kummerċ;

3. Jenfasizza li l-objettiv tal-QFP huwa li jimplimenta l-politika; jilqa', f'dan il-kuntest, il-fatt li l-istrateġija ambizzjuża Kummerċ għal Kulħadd ippreżentat approċċ ibbażat fuq il-valuri rigward il-politika kummerċjali tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji ta' kummerċ ġust u etiku, u jappella għal QFP 2021-2027 li jipprovdi finanzjament suffiċjenti, u għal appoġġ politiku u amministrattiv għal żvilupp ulterjuri tal-politika kummerċjali tal-Unjoni b'appoġġ għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs), permezz ta' strateġiji koerenti; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' impenn ċar u viżibbli f'dan ir-rigward fil-proposti tal-QFP; jenfasizza li jrid jittieħed kont xieraq tal-objettivi tal-SDGs sabiex jinħolqu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-istabbiltà, l-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli tal-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari fid-dinja li

qiegħda tiżviluppa; ifakkar li l-implimentazzjoni tal-SDGs tikkonċerna l-politiki interni u esterni tal-UE; jitlob, għalhekk, għall-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki tal-UE kollha, inkluż il-politika kummerċjali, kif ukoll fl-inizjattivi tal-QFP li jmiss; jenfasizza li l-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 jrid jintuża bħala l-punt ta' referenza għas-suċċess tal-politika; jenfasizza, għaldaqstant, li għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-forniment ta' kwantità suffiċjenti ta' ikel ta' kwalità tajba, ilma nadif u l-bini ta' faċilitajiet addizzjonali ta' rimi ta' ilma mormi sabiex jitwettqu l-SDGs Nri 2 u 6; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, fuq l-iskala u l-implikazzjonijiet tal-faqar enerġetiku fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, u jitlob azzjoni addizzjonali biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku f'konformità mal-SDG Nru 7, b'mod partikolari f'żoni rurali remoti u f'reġjuni li mhumiex mqabbdin mal-grilja tal-enerġija; jenfasizza li l-finanzjament għall-inizjattivi ta' Għajnuna għall-Kummerċ għandu jiżdied;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li fl-arkitettura futura tal-istrumenti finanzjarji esterni tinżamm il-flessibbiltà applikata fl-istrumenti eżistenti, bħall-Istrument ta' Sħubija, għall-finanzjament ta' kompiti relatati mal-kummerċ, bħall-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, u jappella għal żieda fl-ammonti disponibbli għal tali miżuri ta' akkumpanjament; jinnota li wieħed mill-objettivi tal-istrumenti esterni tal-Unjoni huwa d-diplomazija pubblika sabiex tinbena l-fiduċja u l-fehim f'pajjiżi li mhumiex fl-UE fir-rigward tal-politiki tal-UE; jenfasizza li l-involviment tas-soċjetà ċivili hija ta' importanza assoluta, u jirrikonoxxi l-importanza ta' Gruppi Konsultattivi Domestiċi bħala għodda b'saħħithom għall-implimentazzjoni korretta tal-ftehimiet ta' sħubija kummerċjali; jinnota bi tħassib, madankollu, li dawn mhumiex ibbaġitjati biżżejjed u jbatu minn nuqqas ta' kapaċità, b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi, u jappella, għalhekk, għal allokazzjonijiet ta' livell ogħla biex jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab fil-Gruppi Konsultattivi Domestiċi rispettivi tagħhom;

5. Itenni l-appell tiegħu għal riżorsi suffiċjenti biex jitwettqu valutazzjonijiet *ex ante, interim* u *ex post* tal-ftehimiet kummerċjali u biex tiġi rieżaminata l-metodoloġija użata, inkluż fir-rigward tal-effetti kumulattivi, l-impatt fuq il-kisba tal-SDGs, u fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi; iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tqis b'mod aktar konsiderevoli l-impatt soċjali, l-impatt fuq is-saħħa u l-impatt ambjentali tar-relazzjonijiet u l-ftehimiet kummerċjali tagħha meta tevalwa x-xenarji attwali u futuri, u jenfasizza wkoll il-ħtieġa għala data diżaggregata skont is-sessi; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mad-dipartimenti xjentifiċi tal-UNCTAD u tal-OECD;

6. Jinnota li l-konklużjoni ta' kull ftehim kummerċjali ġdid tfisser telf ta' dħul sostanzjali għall-baġit tar-riżorsi proprji tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkejjel b'mod preċiż dan it-telf u tipprovdi lill-Parlament l-figuri rispettivi għal kull ftehim konkluż; jinnota li l-Istati Membri jżommu 20 % tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet minn barra l-Unjoni bħala spejjeż tal-ġbir; jappoġġa l-proposta li dan is-sehem jitnaqqas għal 10 % għall-perjodu tal-QFP 2021-2017, sabiex ikun ta' benefiċċju għall-baġit tar-riżorsi proprji tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom kontra l-frodi doganali;

7. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-unjoni doganali hija waħda mill-aktar sorsi importanti tal-kapaċità finanzjarja tal-Unjoni Ewropea; jappella, għalhekk, għal implimentazzjoni aktar stretta u omoġenja tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni; itenni t-tħassib tiegħu li

jirriżulta mir-rapport tal-OLAF tal-2017[1] li jissuġġerixxi li l-importaturi fir-Renju Unit jevadu ammonti kbar ta' dazji doganali billi jużaw fatturi fittizji u foloz u dikjarazzjonijiet skorretti tal-valur doganali mal-importazzjoni; jirrikonoxxi li spezzjonijiet ulterjuri tal-Kummissjoni żvelaw żieda sinifikanti tal-iskala tal-iskema ta' frodi ta' sottovalutazzjoni li kienet qiegħda topera permezz ta' ċentru fir-Renju Unit; ifakkar li minkejja li r-Renju Unit ġie infurmat dwar ir-riskji ta' frodi relatati mal-importazzjoni ta' tessuti u żraben li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina sa mill-2007, u minkejja li ntalab jieħu miżuri xierqa ta' kontroll tar-riskji, ir-Renju Unit naqas milli jieħu azzjoni biex jipprevjeni l-frodi; jinnota bi tħassib il-konklużjonijiet tal-OLAF li n-"negliġenza kontinwa tad-dwana tar-Renju Unit" qiegħda ċċaħħad lill-Unjoni Ewropea EUR 1.987 biljun fi dħul b'riżultat ta' dazji mitlufa, u jistieden lir-Renju Unit iħallas il-multa ta' EUR 2.7 biljun kif mitlub mill-Kummissjoni;

8. Itenni li l-politika kummerċjali u l-politiki tal-iżvilupp huma elementi komplementari tal-politiki esterni tal-Unjoni, li jiffurmaw parti integrali tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, u li l-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna jridu jiġu applikati wkoll għall-Għajnuna għall-Kummerċ; ifakkar fl-impenn, li s'issa baqa' ma ġiex onorat, li l-UE u bosta Stati Membri tagħha ħadu biex, sal-2030, iżidu l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tagħhom għal 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING), li minnha 20 % tal-ODA tal-UE jiġu allokati għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem u 0,2 % tal-ING tal-Unjoni għall-ODA jmorru għall-pajjiżi l-anqas żviluppati;

9. Jisħaq fuq il-fatt li l-QFP li jmiss irid jipprovdi assistenza makrofinanzjarja taħt kundizzjonalità stretta tal-progress ekonomiku u soċjali;

10. Jisħaq fuq il-fatt li r-rwol essenzjali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għall-ekonomija tal-Unjoni għandu jiġi rifless fi strateġija komprensiva u konsistenti li tipprovdi lill-SMEs Ewropej b'ambjent li jiffavorixxi n-negozju u jrawwem l-opportunitajiet ta' kummerċ u ta' investiment internazzjonali tagħhom; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tivvaluta u ttejjeb l-effikaċja u l-effiċjenza tad-diversi inizjattivi li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, inkluż fl-ambitu tal-Istrument ta' Sħubija, fir-rigward ta' inizjattivi tas-settur privat u tal-Istati Membri, kif ukoll ta' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni għall-appoġġ tal-SMEs bħal COSME, bil-ħsieb li tiżgura l-komplementarjetà u l-valur miżjud fil-livell Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiffinanzja l-programmi ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u tagħmel ħilitha biex tipprovdi kalkolatur tar-regoli tal-oriġini mfassal apposta għall-SMEs li b'mod speċifiku għandu jippermettilhom li jużaw il-preferenzi disponibbli skont il-ftehimiet eżistenti bil-ħsieb li tiżdied ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-preferenzi; josserva li l-aċċess tal-SMEs għall-istrumenti ta' finanzjament estern għandu jittejjeb permezz ta' regolamentazzjoni inqas kumplessa u aktar faċli għall-utent, li tista' tiffaċilita użu aktar flessibbli tal-fondi disponibbli, u fl-istess waqt, tgħin lill-SMEs jiksbu esperjenza internazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni fost l-SMEs dwar l-istrumenti eżistenti, b'mod partikolari fil-livell nazzjonali;

[1] Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, "*The OLAF Report 2016 – Seventeenth Report of the European Anti-Fraud Office, 1 January to 31 December 2016*" (Ir-Rapport tal-OLAF 2016 - is-Sbatax-il Rapport tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, 1 ta' Jannnar sal-31 ta' Diċembru 2016), 2017.

11. Jirrakkomanda l-ħolqien ta’ mekkaniżmi ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni solidi u konsistenti, inklużi dawk meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi fil-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, fi ħdan l-arkitettura futura tal-istrumenti finanzjarji sabiex jiġu żgurati responsabbiltà, trasparenza, sorveljanza demokratika aħjar mill-Parlament u tittejjeb il-mira għall-infiq; jappella biex jiġu żgurati riżorsi baġitarji ta’ livell ogħla u suffiċjenti fl-arkitettura futura tal-istrumenti finanzjarji, u jiġi assenjat persunal lid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kummerċ biex iwettaq l-għadd dejjem akbar tal-kompiti tiegħu, għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali u l-użu ta’ strumenti għad-difiża tal-kummerċ, b’mod partikolari biex jiddefendi u jippromwovi l-multilateraliżmu fl-iżvilupp tar-regoli u r-regolamenti tal-kummerċ globali, għal riforma tad-WTO u għall-integrazzjoni aħjar tal-politika kummerċjali u għal tfassil tar-regoli fil-qafas tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti; jitlob appoġġ addizzjonali tal-Unjoni għad-dimensjoni parlamentari tad-WTO, inkluż permezz ta' żieda fl-appoġġ finanzjarju u tal-persunal lis-segretarjat responsabbli; jenfasizza l-importanza li jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati li jippermettu monitoraġġ regolari u effiċjenti tal-obbligi li jirriżultaw minn kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-missjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u l-ħidma ta’ sorveljanza u ta’ ġbir ta’ informazzjoni minn organizzazzjonijiet oħra tan-NU;

12. Jistieden lill-Kummissjoni talloka biżżejjed fondi permezz tal-istrumenti ta’ finanzjament estern għall-kooperazzjoni u l-assistenza teknika ma’ pajjiżi terzi, speċjalment mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, għall-miżuri ta’ akkumpanjament meħtieġa fir-rigward ta’ leġiżlazzjoni relatata mal-kummerċ, bħar-regolament li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta’ landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli, il-Proċess ta’ Kimberley, kif ukoll l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni għas-settur tal-ħwejjeġ u inizjattivi simili, u l-Patt Globali tan-NU;

13. Jikkunsidra li l-Fond Ewropew ta’ Garanzija għall-azzjonijiet esterni huwa mekkaniżmu effiċjenti u effikaċi ta’ provvediment kontra r-riskji relatati mal-operazzjonijiet ta’ self tal-UE f’pajjiżi terzi; iħeġġeġ sabiex ikun hemm disponibbli aktar self għall-appoġġ tal-SMEs u l-iżvilupp ta’ infrastruttura soċjali u ekonomika fir-reġjuni l-aktar milquta mill-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati;

14. Jirrimarka li l-appoġġ għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ fil-pajjiżi sħab irid jibqa’ kompitu sinifikanti fil-QFP, filwaqt li jirrakkomanda li jkun hemm enfasi aktar b’saħħitha sabiex jitnaqqas iż-żmien li fih prodott jitqiegħed fis-swieq lokali u reġjonali, jiżdied l-appoġġ għall-faċilitajiet ta’ ħżin tal-ħut u ta’ prodotti agrikoli, u jiżdiedu l-inċentivi għal kummerċ aktar ġust u etiku mal-Unjoni.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 13.9.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Helmut Scholz 23.8.2018
Data tad-diskussjoni fil-Kumitat	30.8.2018
Data tal-adozzjoni	11.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 –: 8 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikienė, Maria Arena, Tiziana Beghin, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Eleonora Forenza, Karoline Graswander-Hainz, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Yannick Jadot, France Jamet, Elsi Katainen, Jude Kirton-Darling, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, David Martin, Anne-Marie Mineur, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Joachim Schuster, Adam Szejnfeld, William (The Earl of) Dartmouth, Jan Zahradil
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Goffredo Maria Bettini, Sander Loones, Fernando Ruas, Paul Rübig, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Czesław Hoc, Stanisław Ożóg, Jozo Radoš, Anders Sellström

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

28	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Elsi Katainen, Jozo Radoš
GUE/NGL	Eleonora Forenza, Helmut Scholz
PPE	Laima Liucija Andrikienė, Daniel Caspary, Salvatore Cicu, Christofer Fjellner, Christophe Hansen, Franck Proust, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Fernando Ruas, Paul Rübig, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Anders Sellström, Adam Szejnfeld
S&D	Maria Arena, Goffredo Maria Bettini, Karoline Graswander-Hainz, Jude Kirton-Darling, Bernd Lange, David Martin, Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández, Joachim Schuster
VERTS/ALE	Heidi Hautala, Yannick Jadot

8	-
ECR	Czesław Hoc, Sander Loones, Stanisław Ożóg, Jan Zahradil
EFDD	Tiziana Beghin, William (The Earl of) Dartmouth
ENF	France Jamet, Danilo Oscar Lancini

1	0
GUE/NGL	Anne-Marie Mineur

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

18.10.2018

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil (COM(2018)0322 – 2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Ivo Belet

PA_Consent_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jisħaq fuq l-importanza li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, protetta u mtejba, li t-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-ekosistemi u t-telf tal-bijodiversità jiġu indirizzati, u jenfasizza r-rwol tal-Unjoni f'dan kollu; Jirrimarka li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha li tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, li jipprovdu pjan direzzjonali globali għal soċjetajiet aktar sostenibbli, ġusti u prosperi fi ħdan konfini dinjija; ifakkar fl-obbligi tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi, u fil-bżonn urġenti għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

2. Jemmen li n-negozjati dwar ir-riżorsi proprji u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027, anke fil-kuntest tal-Brexit, jipprovdu opportunità biex in-naħa tad-dħul fil-baġit tal-UE ssir aktar sostenibbli u trasparenti, biex l-UE ssir aktar awtonoma u, fl-aħħar mill-aħħar, biex isir użu aħjar tas-setgħa trasformattiva tal-baġit tal-UE; jitlob li ssir riforma fundamentali tas-sistema ta' riżorsi proprji, l-eliminazzjoni tar-ribassi kollha u l-introduzzjoni ta' sorsi ġodda ta' finanzjament li jkunu allinjati bis-sħiħ mal-politiki tal-Unjoni dwar, fost l-oħrajn, l-ambjent, is-saħħa u l-klima;

3. Jissottolinja li LIFE huwa l-programm ewlieni li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika; jinnota li sehem sinifikanti taż-żieda proposta fil-baġit għall-Programm LIFE għall-perjodu 2021-2027 huwa dirett lejn is-sottoprogramm il-ġdid ta' Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa; jappoġġja l-istabbiliment ta' programm komprensiv għal tranżizzjoni lejn l-użu ta'

enerġija nadifa, iżda jqis li dan ma għandux ikun għad-danni tal-finanzjament għan-natura u l-bijodiversità, għall-ekonomija ċirkolari, u għall-adattament għall-klima u l-mitigazzjoni tagħha; itenni t-talba tiegħu li r-riżorsi finanzjarji għall-Programm LIFE jiġu tal-anqas irduppjati għas-somma ta' EUR 6,442 biljun fi prezzijiet kostanti (2018), u li jiġu stabbiliti pakketti ddedikati għall-bijodiversità u għall-ġestjoni tan-netwerk Natura 2000;

4. Jilqa' ż-żieda proposta fil-baġit allokat għal Orizzont Ewropa u, b'mod partikolari, il-pakketti ddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-Saħħa (EUR 6,83 biljun), il-Klima, l-Enerġija u l-Mobilità (EUR 13,31 biljun), u l-Ikel u r-Riżorsi Naturali (EUR 8,87 biljun); itenni, madankollu, is-sejħa tiegħu biex id-9 Programm ta' Qafas jiġi ffinanzjat aktar b'baġit ta' tal-anqas EUR 116,895 biljun, filwaqt li s-sehem tar-raggruppament tal-Klima, l-Enerġija u l-Mobbiltà (15,94 %) u dak tar-raggruppament tar-Riżorsi tal-Ikel u Naturali (10,63 %) jinżammu, u dak tar-raggruppament tas-Saħħa jiżdied għal tal-anqas 9,7 % fi qbil mat-8 Programm ta' Qafas; jitlob, barra minn hekk, li finanzjament sinifikanti jiġi allokat għar-riċerka fundamentali f'dawn l-oqsma;

5. Jilqa' ż-żieda sostanzjali għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Enerġija għal EUR 7,675 biljun fi prezzijiet kostanti (2018) għall-2021-2027;

6. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar it-tnaqqis propost fil-finanzjament għall-programm tas-saħħa; itenni s-sejħa tiegħu biex il-programm tas-saħħa jerġa' jsir programm awtonomu robust b'aktar finanzjament fil-QFP li jmiss għall-2021-2027, biex jimplimenta l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli dwar is-saħħa pubblika, is-sistemi tas-saħħa u problemi marbuta mal-ambjent, u sabiex tiġi żgurata politika tas-saħħa ambizzjuża, li b'mod partikolari tinkludi żieda qawwija fl-isforzi komuni tal-UE fil-ġlieda kontra l-kanċer, il-prevenzjoni ta' mardiet kroniċi, il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antibijotiċi l-iżgurar ta' aċċess aktar faċli għall-kura tas-saħħa transfruntiera;

7. Jiddispjaċih li hemm ir-riskju li l-mira kurrenti tal-infiq relatat mal-klima ma tintlaħaqx, u jinnota, f'dan ir-rigward, iż-żieda proposta ta' din il-mira għal tal-anqas 25 % tal-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027; jitlob, madankollu, li l-mira tal-infiq relatat mal-klima tkun aktar ambizzjuża, jiġifieri 30 % tal-baġit tal-Unjoni għall-2021-2027, sabiex jintlaħqu u jiġu implimentati l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll biex tirrifletti ż-żieda fl-importanza u fl-urġenza tal-azzjoni klimatika u l-bżonn li jsiru aktar sforzi diplomatiċi dwar il-klima, u jitlob li jiġi żviluppat metodu ta' traċċar affidabbli u trasparenti; jitlob, barra minn hekk, miżuri maħsuba biex jiżguraw li l-istruttura u l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni ma jmorrux kontra l-ilħiq tal-miri tal-Unjoni rigward il-klima u l-enerġija;

8. Jinsisti li l-QFP 2021-2027 għandu jeskludi kull appoġġ dirett jew indirett għall-karburanti fossili:

9. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis propost ta' 5 % fir-riżorsi finanzjarji għall-aġenziji deċentralizzati taħt il-mandat tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)); jitlob li l-aġenziji deċentralizzati jiġu allokati aktar riżorsi finanzjarji u umani, tal-anqas fil-livell tal-perjodu 2014-2020 f'termini reali, fejn

dan ikun f'loku u abbażi tal-ħtiġijiet individwali tagħhom, b'mod partikolari jekk jiġu allokati kompiti ġodda, bħal fil-każ tal-ECHA u l-EEA; jirrileva l-importanza li dawn l-aġenziji jkollhom finanzjament suffiċjenti biex isaħħu r-regolamentazzjoni bbażata fuq ix-xjenza u jtejbu l-fiduċja tal-pubbliku fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni;

10. Itenni li l-missjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) hija li tgħin lill-Unjoni u lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet informati dwar il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent, l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-politiki ekonomiċi u l-mixja lejn is-sostenibbiltà; jissottolinja li l-Kummissjoni allokat kompiti addizzjonali lill-EEA, inklużi, fost l-oħrajn, il-monitoraġġ ta' leġiżlazzjoni ġdida u tal-iżviluppi ta' politika dwar l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-aġenda tal-ekonomija ċirkolari u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u jenfasizza li dan għandu jiġi rifless b'mod xieraq mill-pakkett finanzjarju tal-aġenzija, li tal-anqas għandu jiġi kkategorizzat bħala stabbli f'termini reali fil-baġit għall-2021-2027;

11. Jilqa' l-proposta għal riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat; jissottolinja li l-effett ta' gwida tiegħu jrid jagħti prijorità lill-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart fi qbil mal-ġerarkija tal-iskart, u jitlob li l-Kummissjoni teżamina l-possibbiltajiet li tidderieġi d-dħul tagħha lejn l-ilħiq tal-miri tar-riċiklaġġ tal-iskart tal-imballaġġ; jitlob li jkun hemm mekkaniżmi effikaċi ta' reġistrazzjoni u kontroll u kjarifika tal-metodu ta' kalkolu;

12. Jitlob li sehem sinifikanti mill-introjtu li qed jikber mill-irkanti tas-sistema tan-negozjar tal-emissjonijiet (ETS), mill-fażi 4 (2021) 'il quddiem, jitqies bħala riżorsa proprja tal-UE u jiġi dirett b'mod gradwali lejn proġetti tal-Unjoni għall-infrastruttura transfruntiera tal-elettriku li jkunu allinjati mal-għanijiet tal-Unjoni rigward il-klima u l-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija, kif ukoll ma' investimenti fl-innovazzjoni rivoluzzjonarja b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-industrija; iqis li dan għandu jkun eżerċizzju gradwali, sabiex ma jitħalliex li ssir pressjoni fuq il-baġits nazzjonali ddedikati għall-politika dwar il-klima u l-enerġija (billi 50 % tal-introjtu huwa allokat għal dan il-għan fid-Direttiva dwar l-ETS (id-Direttiva 2003/87/KE));

13. Jitlob, b'mod parallel, li jiġi esplorat mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, bħala riżorsa proprja ġdida għall-baġit tal-UE, li wkoll ikollu l-effett li jiżgura kundizzjonijiet ekwi fil-kummerċ internazzjonali u jnaqqas ir-rilokazzjoni tal-produzzjoni, filwaqt li jintegra l-kostijiet tat-tibdil fil-klima fil-prezzijiet tal-prodotti importati;

14. Jemmen li, fin-nuqqas ta' miżuri internazzjonali armonizzati għat-tassazzjoni tal-pitrolju, għandha tiddaħħal fis-seħħ fil-livell tal-UE imposta fuq l-avjazzjoni bbażata fuq il-kontenut ta' karbonju biex tipprovdi aktar inċentivi għal riċerka, żvilupp u investiment f'inġenji tal-ajru u f'karburanti aktar effiċjenti u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u biex jitrażżnu l-emissjonijiet dejjem akbar tal-avjazzjoni filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni aktar ġusta fis-settur tat-trasport;

15. Jinkoraġġixxi l-isforzi li qed isiru biex tiġi stabbilita taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (TTF) u jemmen li sehem minn TTF komuni għandu jintuża bħala riżorsa proprja futura.

16. Jitlob li 25 % tal-baġit tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) jiġu

ttrasferiti għall-Fondi Strutturali sabiex il-flus ikunu jistgħu jiġu diretti lejn appoġġ addizzjonali għal reġjuni li jiddependu fuq il-karbonju li jintlaqtu mit-tranżizzjoni strutturali meħtieġa lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. iqis li dawn ir-reġjuni għandu jkollhom aċċess għal dan l-appoġġ addizzjonali għall-objettivi PO2 tal-Fond għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond ta' Koeżjoni, sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni ġusta; jinnota li l-għan huwa li jingħata appoġġ lil dawn ir-reġjuni, partikolarment lil dawk li mhumiex diġà kkwalifikati għal appoġġ fil-qafas tal-Fond ta' Modernizzazzjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, bil-promozzjoni tar-riallokazzjoni tal-ħaddiema u t-titjib tal-ħiliet u tal-kompetenzi tagħhom, l-edukazzjoni, l-inizjattivi għat-tfittxija tal-impjiegi kif ukoll l-iżvilupp ta' impjiegi ġodda, pereżempju permezz ta' start-ups, bi djalogu u koordinament mill-qrib mas-sħab soċjali;

17. Jissottolinja li n-naħa tal-infiq u dik tad-dħul fil-QFP li jmiss jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pakkett uniku, u li l-ebda ftehim ma jista' jintlaħaq mal-Parlament dwar il-QFP mingħajr ftehim fuq ir-riżorsi proprji.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil
Referenzi	2018/0166R(APP)
Kumitat responsabbli	BUDG
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ivo Belet 10.7.2018
Eżami fil-kumitat	10.9.2018
Data tal-adozzjoni	18.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 –: 6 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Ivo Belet, Paul Brannen, Soledad Cabezón Ruiz, Nessa Childers, Miriam Dalli, Angélique Delahaye, Mark Demesmaeker, Stefan Eck, Bas Eickhout, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Arne Gericke, Jens Gieseke, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Jo Leinen, Peter Liese, Susanne Melior, Rory Palmer, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Renate Sommer, Nils Torvalds, Adina-Ioana Vălean, Damiano Zoffoli
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Giorgos Grammatikakis, Rebecca Harms, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Merja Kyllönen, Carolina Punset, Christel Schaldemose, Keith Taylor, Tiemo Wölken, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sophia in 't Veld, Kati Piri, Mirja Vehkaperä

ITTRA tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

IPOL-COM-LIBE D(2018)37918

Is-Sur Jean ARTHUIS
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 09G205
Brussell

<u>Suġġett:</u> **"Rapport Interim tal-QFP" - feedback tal-kumitat LIBE dwar l-ammonti finanzjarji proposti mill-Kummissjoni għall-programmi settorjali u l-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fil-kompitu tal-Kumitat LIBE**

Sur President,

Wara t-talba tal-Kumitat BUDG fil-laqgħa ta' dan il-kumitat tat-13 ta' Settembru u l-eżitu tal-Konferenza tal-Presidenti tal-14 ta' Settembru, qed niktiblek rigward il-finanzjament, fl-ambitu tal-QFP, tal-Fondi tal-Programmi Settorjali fil-kompitu tal-Kumitat LIBE.
LIBE stabbilixxa grupp ta' koordinament (Il-Grupp ta' Kuntatt tal-QFP) kompost mis-sitt rapporteurs għall-fondi għal:

- Asil u Migrazzjoni
- Sigurtà Interna
- Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Istrument tal-Viża
- Pericles IV
- Drittijiet u Valuri, u
- Ġustizzja.

Il-Grupp ta' Kuntatt tal-QFP ipprovda rakkomandazzjonijiet għal din l-ittra, li ġew ikkunsidrati mil-koordinaturi tal-LIBE. Huma approvaw iċ-ċifri inklużi fit-tabella ta' hawn taħt fi proċedura bil-miktub.
It-tabella tiġbor fil-qosor il-feedback u r-rakkomandazzjonijiet tal-LIBE li jridu jitqiesu fir-Rapport Interim tal-QFP. Min-naħa l-waħda, tirreferi għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: "It-tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP għal wara l-2020 (2017/2052(INI))" kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa ta' Fond għall-Ġustizzja, Drittijiet u Valuri Ewropew imsaħħaħ. Għaldaqstant qed nipproponu dan li ġej:

	Propost mill-Kummissjoni	Suġġeriment ta' LIBE	Ġustifikazzjoni
Fondi/Programmi Settorjali	(Miljuni ta' ewro - prezzijiet kostanti)	(Miljuni ta' ewro - prezzijiet kostanti)	
Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil	9205	L-ebda bidla	

ISF	2210	L-ebda bidla	
IBM	8237	L-ebda bidla	
Pericles IV	7	L-ebda bidla	
Drittijiet u Valuri	841	1.974,457 (prezzijiet attwali)	Minħabba x-xenarju politiku mibdul fl-Unjoni u l-isfidi dejjem jikbru fil-konfront tal-valuri Ewropej li qed tiffaċċja bħalissa l-UE, ir-rapporteur iqis li l-baġit propost ta' EUR 642 għal seba' snin (maqsum f'EUR 409 miljun għal-linja "Ugwaljanza u Drittijiet u Daphne" u EUR 233 miljun għal-linja "Involviment u parteċipazzjoni taċ-ċittadini") huwa insuffiċjenti u ma jistax jirrispondi għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini tal-UE biex isaħħu u jipproteġu l-valuri tal-UE, bħala parti minn soċjetà pluralista, demokratika, miftuħa u inkluživa. Rigward is-sejħiet ripetuti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal żieda fil-baġit tal-programmi eżistenti kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni estiż propost, inkluża l-linja ġdida ddedikata għall-valuri tal-Unjoni, ir-rapporteur qed jippreżenta l-allokazzjoni baġitarja li ġejja bbażata fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament ta' April 2018; total ta' EUR 1.974.457 miljun fi **prezzijiet attwali**, maqsum kif ġej: EUR **1 biljun għal-linja ġdida tal-valuri Ewropej**, EUR 474,457 miljun għal-linja "Ugwaljanza u Drittijiet u Daphne" u EUR 500 miljun għal-linja "Involviment u parteċipazzjoni taċ-ċittadini".
Ġustizzja		tbc	L-ebda proposta ma tista' titressaq għax il-proċedura tal-kumitati konġunti bejn JURI u LIBE bdiet.

Jeżisti qbil wiesa' bejn il-gruppi politiċi fil-Kumitat LIBE li l-programm Drittijiet u Valuri għandu jiġi msaħħaħ. Għaldaqstant nemmen li għandi l-appoġġ tiegħek biex il-baġit ikbar għal dan il-fond jiġi inkluż fir-Rapport Interim tal-QFP bħala bażi għan-negozjati mal-Kunsill.

Dejjem tiegħek,

Claude MORAES

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil			
Referenzi	2018/0166R(APP)			
Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni	12.6.2018			
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 5.7.2018			
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 13.9.2018	DEVE 13.9.2018	INTA 13.9.2018	CONT 13.9.2018
	EMPL 4.10.2018	ENVI 5.7.2018	ITRE 13.9.2018	TRAN 13.9.2018
	REGI 5.7.2018	AGRI 5.7.2018	CULT 13.9.2018	AFCO 13.9.2018
	FEMM 13.9.2018			
Rapporteurs Data tal-ħatra	Isabelle Thomas 12.6.2018	Jan Olbrycht 12.6.2018	Janusz Lewandowski 12.6.2018	Gérard Deprez 12.6.2018
Eżami fil-kumitat	8.10.2018	9.10.2018		
Data tal-adozzjoni	5.11.2018			
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	25 5 0		
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni			
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Marco Valli			
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Detjen, Stefan Gehrold			
Data tat-tressiq	7.11.2018			

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

25	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Zbigniew Kuźmiuk
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Stefan Gehrold, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere
S&D	Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Indrek Tarand

5	-
ECR	Bernd Kölmel
EFDD	Marco Valli
ENF	André Elissen, Marco Zanni
NI	Eleftherios Synadinos

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni